United Nations

MALTESE

*Courtesy translation*

# Pact for the Future, Global Digital Compact and Declaration on Future Generations

Nazzjonijiet
Uniti

A/RES/79/1

# Assemblea Ġenerali

Distr.: General
22 ta' Settembru 2024

24-16433 (E)
*2416433*

Please recycle

**Id-disgħa u sebgħin sessjoni**
Punt 123 tal-aġenda
**It-tisħiħ tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti**

# Riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali fit-22 ta' Settembru 2024

[*mingħajr referenza għal Kumitat Ewlieni (A/79/L.2)*]

## 79/1. Il-Patt għall-Futur

*L-Assemblea Ġenerali*

*Tadotta* l-Patt għall-Futur li ġej u l-annessi tiegħu:

## Il-Patt għall-Futur

1. Aħna, il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern, li nirrappreżentaw il-popli tad-dinja, iltqajna fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti biex nipproteġu l-ħtiġijiet u l-interessi tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri permezz tal-azzjonijiet f'dan il-Patt għall-Futur.

2. Ninsabu fi żmien ta' trasformazzjoni globali profonda. Qed niffaċċjaw żieda fir-riskji katastrofiċi u eżistenzjali, ħafna minnhom ikkawżati mill-għażliet li nagħmlu. Bnedmin oħra bħalna qed isofru tbatija terribbli. Jekk ma nbiddlux ir-rotta, nissograw li nispiċċaw f'futur ta' kriżi u fallimenti persistenti.

3. Iżda dan huwa wkoll mument ta' tama u ta' opportunità. It-trasformazzjoni globali toffri okkażjoni ta' tiġdid u progress imsejsa fuq l-umanità komuni tagħna. L-avvanzi fl-għarfien, fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni jistgħu jwittu t-triq għal futur aħjar u aktar sostenibbli għal kulħadd. L-għażla f'idejna.

4. Nemmnu li hemm perkors lejn futur aħjar għall-umanità kollha, inklużi dawk li jgħixu fil-faqar u f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Permezz tal-azzjonijiet li nieħdu llum, ninsabu determinati li naqbdu dak il-perkors, u li nistinkaw favur dinja sikura, paċifika, ġusta, ugwali, inklużiva, sostenibbli u prospera, dinja fejn il-benesseri, is-sigurtà u d-dinjità u pjaneta b'saħħitha huma garantiti għall-umanità kollha.

5. Dan se jirrikjedi impenn mill-ġdid favur il-kooperazzjoni internazzjonali abbażi tar-rispett għad-dritt internazzjonali, li mingħajrha la nistgħu nimmaniġġjaw ir-riskji u lanqas naħtfu l-opportunitajiet li niltaqgħu magħhom. Din mhijiex għażla iżda neċessità. L-isfidi tagħna huma interkonnessi ħafna u jaqbżu bil-kbir il-kapaċità ta' kwalunkwe Stat waħdu. Dawn jistgħu jiġu indirizzati biss b'mod kollettiv, permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali b'saħħitha u sostnuta fi spirtu ta' fiduċja u solidarjetà għall-benefiċċju ta' kulħadd u billi tiġi sfruttata l-kapaċità ta' dawk li jistgħu jagħtu kontribut mis-setturi u l-ġenerazzjonijiet kollha.

6. Nirrikonoxxu li s-sistema multilaterali u l-istituzzjonijiet tagħha, li fiċ-ċentru tagħhom hemm in-Nazzjonijiet Uniti u l-Karta tagħhom, iridu jissaħħu biex iżommu l-pass ma' dinja li qed tinbidel. Dawn iridu jkunu adatti għall-preżent u għall-futur – effettivi u kapaċi, ippreparati għall-futur, ġusti, demokratiċi, ekwi u rappreżentattivi tad-dinja tal-lum, inklużivi, interkonnessi u finanzjarjament stabbli.

7. Illum, inwiegħdu bidu ġdid fil-multilateraliżmu. L-azzjonijiet f'dan il-Patt għandhom l-għan li jiżguraw li n-Nazzjonijiet Uniti u istituzzjonijiet multilaterali ewlenin oħra jkunu jistgħu jwasslu futur aħjar għan-nies u għall-pjaneta, u b'hekk jippermettulna nwettqu l-impenji eżistenti tagħna filwaqt li nindirizzaw sfidi u opportunitajiet ġodda u emerġenti.

8. Naffermaw mill-ġdid l-impenn sod tagħna li naġixxu f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluża l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-finijiet u l-prinċipji tagħha.

9. Naffermaw mill-ġdid ukoll li t-tliet pilastri tan-Nazzjonijiet Uniti – l-iżvilupp sostenibbli, il-paċi u s-sigurtà, u d-drittijiet tal-bniedem – huma ugwalment importanti, interkonnessi u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Ma jistax ikollna wieħed mingħajr l-oħrajn.

10. Nirrikonoxxu li l-iżvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet kollha tiegħu huwa għan ċentrali fih innifsu u li l-kisba tiegħu, mingħajr ħadd ma jitħalla jibqa' lura, hija u dejjem se tkun objettiv ċentrali tal-multilateraliżmu. Naffermaw mill-ġdid l-impenn dejjiemi tagħna favur l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli[1] u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha. Se naċċeleraw b'mod urġenti l-progress biex niksbu dawn l-Għanijiet, inkluż permezz ta' passi politiċi konkreti u tal-mobilizzazzjoni ta' finanzjament addizzjonali sinifikanti mis-sorsi kollha għall-iżvilupp sostenibbli, b'attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet ta' dawk f'sitwazzjonijiet speċjali u permezz tal-ħolqien ta' opportunitajiet għaż-żgħażagħ. Il-faqar fil-forom u d-dimensjonijiet kollha tiegħu, inkluż il-faqar estrem, jibqa' l-akbar sfida globali, u l-eradikazzjoni tiegħu hija rekwiżit indispensabbli għall-iżvilupp sostenibbli.

11. It-tibdil fil-klima huwa waħda mill-akbar sfidi ta' żminijietna, b'impatti negattivi li jinħassu b'mod sproporzjonat mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment dawk li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. Aħna impenjati li nissodisfaw b'pass aktar mgħaġġel l-obbligi tagħna skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima[2] u l-Ftehim ta' Pariġi[3].

12. Biex inżommu l-wegħda fundamentali tagħna li nipproteġu lill-ġenerazzjonijiet suċċessivi mill-pjaga tal-gwerra, jeħtiġilna nirrispettaw id-dritt internazzjonali, inkluża l-Karta, u nagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti u l-mekkaniżmi kollha stabbiliti fil-Karta, nintensifikaw l-użu tagħna tad-diplomazija, nimpenjaw ruħna li nsolvu t-tilwim tagħna b'mod paċifiku, noqogħdu lura mit-theddid jew l-użu tal-forza, jew minn atti ta' aggressjoni, nirrispettaw is-sovranità u l-integrità territorjali ta' xulxin, inħarsu l-prinċipji tal-indipendenza politika u l-awtodeterminazzjoni, kif ukoll insaħħu r-responsabbiltà u ntemmu l-impunità. Hekk kif l-isfidi u r-riskji għas-sigurtà u l-paċi internazzjonali jieħdu forom aktar perikolużi, f'oqsma tradizzjonali u ġodda, l-isforzi tagħna jridu jżommu l-pass.

13. Kull impenn f'dan il-Patt huwa konsistenti u allinjat bis-sħiħ mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt li jirrigwarda d-drittijiet tal-bniedem. Naffermaw mill-ġdid id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem[4] u l-libertajiet fundamentali minquxa fiha. L-implimentazzjoni tal-Patt se ssaħħaħ it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità għal kulħadd, u dan huwa għan ewlieni. Se nirrispettaw, nipproteġu, nippromwovu u nħarsu d-drittijiet kollha tal-bniedem, filwaqt li

[1] Riżoluzzjoni 70/1.
[2] Nazzjonijiet Uniti, *Treaty Series* (Serje tat-Trattati), volum 1771, Nru 30822.
[3] Adottata skont l-UNFCCC fid-dokument FCCC/CP/2015/10/Add.1, deċiżjoni 1/CP.21.
[4] Riżoluzzjoni 217 A (III).

nirrikonoxxu l-universalità, l-indiviżibbiltà, l-interdipendenza u l-interrelazzjoni tagħhom, u se nkunu inekwivoki f'dak li nemmnu u nsostnu: id-dritt li kulħadd ikun ħieles mill-biża' u miċ-ċaħda.

14. Nirrikonoxxu li l-isforzi tagħna biex nirrimedjaw l-inġustizzja u biex innaqqsu l-inugwaljanzi fil-pajjiżi u bejniethom biex nibnu soċjetajiet paċifiċi, ġusti u inklużivi ma jistgħux jirnexxu sakemm ma nintensifikawx l-isforzi tagħna biex nippromwovu t-tolleranza, inħaddnu d-diversità u niġġieldu l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, inklużi r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza assoċjata magħhom u l-forom u l-manifestazzjonijiet spreġevoli u kontemporanji kollha tagħhom.

15. L-ebda wieħed mill-għanijiet tagħna ma jista' jinkiseb mingħajr il-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza sħaħ, sikuri, ugwali u sinifikattivi tan-nisa kollha fil-ħajja politika u ekonomika. Naffermaw mill-ġdid l-impenn tagħna favur id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing[5], li naċċeleraw l-isforzi tagħna biex niksbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-parteċipazzjoni tan-nisa u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha fl-oqsma kollha u li neliminaw kull forma ta' diskriminazzjoni u vjolenza kontra n-nisa u l-bniet.

16. Naffermaw mill-ġdid il-wegħda tagħna, li għamilna fl-okkażjoni tal-ħamsa u sebgħin anniversarju tan-Nazzjonijiet Uniti, li nagħtu spinta ġdida lill-azzjoni globali biex niżguraw il-futur li rridu u biex nirreaġixxu b'mod effettiv għall-isfidi attwali u futuri, fi sħubija mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Nirrikonoxxu li l-benesseri tal-ġenerazzjonijiet attwali u dawk futuri u s-sostenibbiltà tal-pjaneta tagħna jiddependu mir-rieda tagħna li nieħdu azzjoni. Għal dak l-għan, f'dan il-Patt nimpenjaw ruħna favur 56 azzjoni fl-oqsma tal-iżvilupp sostenibbli u l-finanzjament għall-iżvilupp, is-sigurtà u l-paċi internazzjonali, ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni u l-kooperazzjoni diġitali, iż-żgħażagħ u l-ġenerazzjonijiet futuri, u t-trasformazzjoni tal-governanza globali.

17. Se navvanzaw l-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet permezz ta' proċessi intergovernattivi rilevanti u b'mandat, meta dawn ikunu jeżistu. Se nirrieżaminaw l-implimentazzjoni ġenerali tal-Patt fil-bidu tat-tlieta u tmenin sessjoni tal-Assemblea Ġenerali permezz ta' laqgħa fil-livell tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern. Ninsabu fiduċjużi li, sa dak iż-żmien, se nkunu fi triqitna sew lejn il-futur aħjar u aktar sostenibbli li rridu għalina, għal uliedna u għall-ġenerazzjonijiet kollha li se jiġu warajna.

## I. L-iżvilupp sostenibbli u l-finanzjament għall-iżvilupp

18. Fl-2015, iddeċidejna li neħilsu r-razza umana mit-tirannija tal-faqar, tal-ġuħ u taċ-ċaħda u li nfejqu u nħarsu l-pjaneta tagħna. Wegħedna li ma nħallu lil ħadd jibqa' lura. Għamilna xi progress, iżda l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tinsab fil-periklu. Il-progress fuq il-maġġoranza tal-Għanijiet jew miexi bil-mod wisq jew niżel taħt il-linja bażi tal-2015. Snin ta' avvanzi fl-iżvilupp sostenibbli qed jisfumaw fix-xejn. Il-faqar, il-ġuħ u l-inugwaljanza żdiedu. Id-drittijiet tal-bniedem jinsabu mhedda, u qed nissograw li nħallu miljuni ta' nies l-art. It-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, id-deżertifikazzjoni u t-tempesti tar-ramel u tat-trab, it-tniġġis

[5] *Report of the Fourth World Conference on Women, Beijing, 4–15 ta' Settembru 1995* (Rapport tar-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa) (pubblikazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, Nru tal-Bejgħ E.96.IV.13), kapitolu I, riżoluzzjoni 1, annessi I u II.

u sfidi ambjentali oħra joħolqu riskji serji għall-ambjent naturali tagħna u għall-prospetti ta' żvilupp tagħna.

19. Mhux se naċċettaw futur fejn id-dinjità u l-opportunità jiġu mċaħħda lil nofs il-popolazzjoni tad-dinja jew ikunu riżervati biss għan-nies privileġġjati u għonja. Naffermaw mill-ġdid li l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli hija l-pjan direzzjonali globali tagħna biex niksbu żvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet tiegħu, negħlbu l-kriżijiet multipli u interkonnessi li qed niffaċċjaw u niżguraw futur aħjar għall-ġenerazzjonijiet preżenti u dawk futuri. Nirrikonoxxu li l-qerda tal-faqar fil-forom u d-dimensjonijiet kollha tiegħu, inkluż il-faqar estrem, hija l-akbar sfida globali u rekwiżit indispensabbli għall-iżvilupp sostenibbli. L-iżvilupp sostenibbli u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma interdipendenti u jsaħħu lil xulxin. Naffermaw mill-ġdid li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha huma prerekwiżit essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli. Ma nistgħux niksbu l-ambizzjonijiet kondiviżi tagħna għall-futur mingħajr ma nindirizzaw dawn l-isfidi b'urġenza u enerġija mġedda. Ninsabu impenjati niżguraw li s-sistema multilaterali tkun tista' tagħti spinta qawwija lill-aspirazzjonijiet tagħna biex niksbu riżultati għan-nies u għall-pjaneta, u se npoġġu lin-nies fiċ-ċentru tal-azzjonijiet kollha tagħna.

**Azzjoni 1. Se nieħdu azzjonijiet qalbiena, ambizzjużi, aċċelerati, ġusti u trasformattivi biex nimplimentaw l-Aġenda 2030, niksbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u naraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.**

20. Naffermaw mill-ġdid li l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli huma sett ta' Għanijiet u miri trasformattivi universali komprensivi, estensivi u ċċentrati fuq in-nies. Intennu l-impenn sod tagħna li niksbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli sal-2030 u nagħtu ħajja ġdida lis-sħubija globali għall-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li naħdmu mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Nirrikonoxxu li l-Aġenda 2030 hija universali u li l-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw, inklużi l-pajjiżi f'sitwazzjonijiet speċjali, b'mod partikolari l-pajjiżi Afrikani, il-pajjiżi l-anqas żviluppati, il-pajjiżi mingħajr kosta li qed jiżviluppaw u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, kif ukoll dawk li għandhom sfidi speċifiċi, inklużi pajjiżi b'introjtu medju u pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' wara kunflitt, jeħtieġu assistenza biex jimplimentaw l-Aġenda. Se nsaħħu l-azzjonijiet tagħna biex nindirizzaw it-tibdil fil-klima. Naffermaw mill-ġdid il-prinċipji tad-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp[6], inkluż il-prinċipju ta' responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati kif stabbilit fil-prinċipju 7 tagħha. Iddeċidejna li:

(a) Inżidu l-isforzi tagħna favur l-implimentazzjoni sħiħa tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa[7] u l-Ftehim ta' Pariġi;

(b) Nimplimentaw bis-sħiħ l-impenji fid-dikjarazzjoni politika maqbula fis-Summit dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-2023[8];

(c) Nimmobilizzaw riżorsi u investimenti sinifikanti u adegwati mis-sorsi kollha għall-iżvilupp sostenibbli;

---

[6] *Report of the United Nations Conference on Environment and Development* (Rapport tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp), Rio de Janeiro, 3–14 ta' Ġunju 1992, volum I, *Resolutions Adopted by the Conference* (Riżoluzzjonijiet Adottati mill-Konferenza) (pubblikazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, Nru tal-Bejgħ E.93.I.8 u rettifika), riżoluzzjoni 1, anness I.

[7] Riżoluzzjoni 69/313, anness.

[8] Riżoluzzjoni 78/1, anness.

(d) Inneħħu l-ostakli kollha għall-iżvilupp sostenibbli u noqogħdu lura mill-koerċizzjoni ekonomika.

**Azzjoni 2. Se npoġġu l-qerda tal-faqar fiċ-ċentru tal-isforzi tagħna biex niksbu l-Aġenda 2030.**

21. Il-qerda tal-faqar, fil-forom u d-dimensjonijiet kollha tiegħu, inkluż il-faqar estrem, hija imperattiva għall-umanità kollha. Iddeċidejna li:

(a) Nieħdu miżuri komprensivi u mmirati biex neqirdu l-faqar billi nindirizzaw in-natura multidimensjonali tal-faqar, inkluż permezz ta' strateġiji ta' żvilupp rurali u investimenti u innovazzjonijiet fis-settur soċjali, speċjalment l-edukazzjoni u s-saħħa;

(b) Nieħdu azzjonijiet konkreti biex nevitaw li n-nies jerġgħu jsibu ruħhom fil-faqar, inkluż billi nistabbilixxu sistemi ta' protezzjoni soċjali mfassla tajjeb, sostenibbli u effiċjenti għal kulħadd, li kapaċi jindirizzaw ix-xokkijiet.

**Azzjoni 3. Se ntemmu l-ġuħ u neliminaw l-insigurtà tal-ikel u l-forom kollha ta' malnutrizzjoni.**

22. Għadna mħassba ħafna dwar il-fatt li terz tal-popolazzjoni tad-dinja għadha f'sitwazzjoni ta' insigurtà tal-ikel, u se nirreaġixxu għall-kawżi tal-insigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni u nindirizzawhom. Iddeċidejna li:

(a) Nappoġġjaw lill-pajjiżi u lill-komunitajiet affettwati mill-insigurtà tal-ikel u minn kwalunkwe forma ta' malnutrizzjoni permezz ta' azzjoni koordinata, inkluż permezz tal-forniment ta' provvisti tal-ikel ta' emerġenza, programmi, finanzjament u appoġġ għall-produzzjoni agrikola, billi nibnu reżiljenza nazzjonali għax-xokkijiet u billi niżguraw li l-ktajjen tal-provvista tal-ikel u tal-agrikoltura jiffunzjonaw, u li s-swieq u l-kanali kummerċjali jibqgħu ħielsa u aċċessibbli;

(b) Nassistu lill-pajjiżi b'dejn kbir biex jimmaniġġjaw il-volatilità fis-swieq internazzjonali tal-ikel u jaħdmu fi sħubija ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u mas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti biex jappoġġjaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li huma affettwati mill-insigurtà tal-ikel;

(c) Nippromwovu sistemi agroalimentari ekwi, reżiljenti, inklużivi u sostenibbli sabiex kulħadd ikollu aċċess għal ikel sikur, affordabbli, suffiċjenti u nutrittiv.

**Azzjoni 4. Se nindirizzaw in-nuqqas ta' finanzjament għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.**

23. Ninsabu mħassba ħafna dwar il-problema dejjem tikber ta' nuqqas ta' finanzjament għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Jeħtiġilna nindirizzaw dan in-nuqqas biex nipprevjenu qasma dejjiema fl-iżvilupp sostenibbli, żieda fl-inugwaljanza fi ħdan u bejn il-pajjiżi u erożjoni ulterjuri tal-fiduċja fir-relazzjonijiet internazzjonali u fis-sistema multilaterali. Nosservaw l-isforzi li għaddejjin biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' finanzjament, inkluż permezz tal-proposta tas-Segretarju Ġenerali għal stimolu għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli. Iddeċidejna li:

(a) Nipprovdu u nimmobilizzaw finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli, affordabbli, aċċessibbli, trasparenti u prevedibbli mis-sorsi kollha u l-mezzi ta' implimentazzjoni meħtieġa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

(b) Inkomplu navvanzaw b'urġenza lejn stimolu għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli permezz tal-proposta tas-Segretarju Ġenerali fin-Nazzjonijiet Uniti u f'fora rilevanti oħra;

(c) Inżidu u nwettqu l-impenji tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp rispettivi tagħna, inkluż dak meħud mill-biċċa l-kbira tal-pajjiżi żviluppati li jilħqu l-għan ta' 0.7 fil-mija tal-introjtu nazzjonali gross għall-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp u ta' 0.15 sa 0.20 fil-mija tal-introjtu nazzjonali gross għall-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp lill-pajjiżi l-anqas żviluppati;

(d) Inkomplu d-diskussjonijiet dwar il-modernizzazzjoni tal-kejl tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp, filwaqt li naderixxu mal-impenji eżistenti;

(e) Niżguraw li l-għajnuna għall-iżvilupp tkun iffukata fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u tasal għandhom, b'attenzjoni partikolari fir-rigward ta' dawk l-aktar foqra u vulnerabbli, u nieħdu aktar azzjonijiet biex insaħħu l-effettività tagħha;

(f) Noħolqu ambjent aktar favorevoli fil-livelli globali, reġjonali u nazzjonali biex tiżdied il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi nazzjonali u jissaħħu l-kapaċitajiet, l-istituzzjonijiet u s-sistemi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-livelli kollha ħalli jintlaħaq dan l-għan, inkluż permezz ta' appoġġ internazzjonali, biex jiżdied l-investiment fl-iżvilupp sostenibbli;

(g) Nimplimentaw politiki ekonomiċi, soċjali u ambjentali effettivi u niżguraw governanza tajba u istituzzjonijiet trasparenti biex navvanzaw l-iżvilupp sostenibbli;

(h) Insaħħu l-isforzi li għaddejjin biex nipprevjenu u niġġieldu l-flussi finanzjarji illeċiti, il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus u l-evażjoni tat-taxxa, neliminaw ir-rifuġji fiskali u nirkupraw u nirritornaw l-assi derivati minn attivitajiet illeċiti;

(i) Nippromwovu kooperazzjoni internazzjonali inklużiva u effettiva fil-qasam tat-taxxa, li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-isforzi nazzjonali biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, peress li dan jippermetti lill-pajjiżi jimmobilizzaw b'mod effettiv ir-riżorsi nazzjonali tagħhom, u nisħqu li l-istrutturi attwali ta' governanza internazzjonali tat-taxxa jeħtieġu titjib. Impenjati li nsaħħu l-inklużività u l-effettività tal-kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti, filwaqt li nqisu l-ħidma ta' fora u istituzzjonijiet rilevanti oħra, u se nkomplu ninvolvu ruħna b'mod kostruttiv fil-proċess lejn l-iżvilupp ta' konvenzjoni qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa;

(j) Nesploraw għażliet ta' kooperazzjoni internazzjonali dwar it-tassazzjoni ta' individwi b'valur nett għoli fil-fora adatti;

(k) Nappoġġjaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jikkatalizzaw żieda fl-investiment tas-settur privat fl-iżvilupp sostenibbli, inkluż billi nippromwovu sħubijiet u mekkaniżmi ta' finanzjament inklużivi u innovattivi u billi noħolqu ambjent regolatorju u ta' investiment nazzjonali u internazzjonali aktar favorevoli, u permezz tal-użu katalitiku tal-finanzjament pubbliku;

(l) Inżidu l-appoġġ mis-sorsi kollha għall-investiment fiż-żieda tal-kapaċitajiet produttivi, l-industrijalizzazzjoni inklużiva u sostenibbli, l-infrastruttura u t-trasformazzjoni ekonomika strutturali, id-diversifikazzjoni u t-tkabbir fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

(m) Niżguraw eżitu ambizzjuż fir-Raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp fl-2025 biex nindirizzaw in-nuqqas ta'

finanzjament għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli u nħaffu l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

**Azzjoni 5. Se niżguraw li s-sistema kummerċjali multilaterali tkompli tkun mutur għall-iżvilupp sostenibbli.**

24. Aħna impenjati favur sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, nondiskriminatorja, miftuħa, ġusta, inklużiva, ekwa u trasparenti, bl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fiċ-ċentru tagħha. Nissottolinjaw l-importanza tas-sistema kummerċjali multilaterali li tikkontribwixxi biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Intennu li l-Istati huma mħeġġa bil-qawwa joqogħdu lura milli jippromulgaw u japplikaw miżuri ekonomiċi unilaterali mhux f'konformità mad-dritt internazzjonali u mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti li jimpedixxu l-kisba sħiħa tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Iddeċidejna li:

(a) Nippromwovu t-tkabbir immexxi mill-esportazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz ta', fost l-oħrajn, aċċess preferenzjali għall-kummerċ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, skont kif ikun xieraq, u trattament speċjali u differenzjali mmirat li jindirizza l-ħtiġijiet tal-iżvilupp ta' pajjiżi individwali, b'mod partikolari l-pajjiżi l-anqas żviluppati, f'konformità mal-impenji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;

(b) Naħdmu biex nikkonkludu r-riforma meħtieġa tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;

(c) Niffaċilitaw l-adeżjoni mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, speċjalment għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u nippromwovu l-liberalizzazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-investiment.

**Azzjoni 6. Se ninvestu fin-nies biex intemmu l-faqar u nsaħħu l-fiduċja u l-koeżjoni soċjali.**

25. Nesprimu t-tħassib serju tagħna dwar l-inugwaljanzi persistenti fil-pajjiżi u bejniethom u dwar il-pass kajman tal-progress lejn it-titjib tal-ħajja u l-għajxien tan-nies kullimkien, inklużi dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Jeħtiġilna nilħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli għas-segmenti kollha tas-soċjetà u naraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, inkluż permezz tal-lokalizzazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli. Nenfasizzaw li l-garanzija tal-aċċess għall-enerġija u l-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija huma essenzjali biex niksbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u nippromwovu l-iżvilupp ekonomiku, l-istabbiltà soċjali, is-sigurtà nazzjonali u l-benesseri tan-nazzjonijiet kollha madwar id-dinja. Iddeċidejna li:

(a) Niżguraw eżitu ambizzjuż fis-Summit Soċjali Dinji bit-titolu "Second World Summit for Social Development" (It-Tieni Summit Dinji għall-Iżvilupp Soċjali) fl-2025;

(b) Nippromwovu kopertura tas-saħħa universali, inżidu l-aċċess għall-edukazzjoni u l-apprendiment tul il-ħajja li jkunu ta' kwalità u inklużivi, anke f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, u ntejbu l-opportunitajiet ta' xogħol deċenti għal kulħadd u l-aċċess universali għall-protezzjoni soċjali biex jinqered il-faqar u jitnaqqsu l-inugwaljanzi;

(c) Niżguraw l-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata, sikura u affordabbli għal kulħadd u nappoġġjaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jippjanaw u jimplimentaw bliet ġusti, sikuri, b'saħħithom, aċċessibbli, reżiljenti u sostenibbli;

(d) Naċċeleraw l-isforzi biex niżguraw l-aċċess għal enerġija affordabbli, affidabbli, sostenibbli u moderna għal kulħadd, inklużi sforzi

għal infrastruttura tal-enerġija transfruntiera reżiljenti u sigura, u nżidu b'mod sostanzjali s-sehem tal-enerġija rinnovabbli;

(e) Nimmassimizzaw il-kontribut pożittiv tal-migranti għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu, ta' destinazzjoni u ospitanti u nsaħħu s-sħubijiet internazzjonali u l-kooperazzjoni globali għal migrazzjoni sikura, ordnata u regolari biex nindirizzaw b'mod komprensiv il-kawżi tal-migrazzjoni irregolari u niżguraw is-sikurezza, id-dinjità u d-drittijiet tal-bniedem tal-migranti kollha, irrispettivament mill-istatus ta' migrazzjoni tagħhom;

(f) Nindirizzaw u nippromwovu l-prevenzjoni tal-iskarsezza tal-ilma u nibnu r-reżiljenza għan-nixfa biex niksbu dinja fejn l-ilma jkun riżorsa sostenibbli u niżguraw id-disponibbiltà u l-ġestjoni sostenibbli ta' ilma nadif u sikur, sanità u iġjene għal kulħadd;

(g) Nippromwovu approċċ għall-iżvilupp sostenibbli li jkun konxju mir-riskju ta' diżastri u jintegra t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri fil-politiki, il-programmi u l-investimenti fil-livelli kollha.

**Azzjoni 7. Se nsaħħu l-isforzi tagħna biex nibnu soċjetajiet paċifiċi, ġusti u inklużivi għall-iżvilupp sostenibbli, nipprovdu aċċess għall-ġustizzja għal kulħadd u nibnu istituzzjonijiet effettivi, responsabbli u inklużivi fil-livelli kollha u nħarsu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.**

26. Naffermaw mill-ġdid il-ħtieġa li nibnu soċjetajiet paċifiċi, ġusti u inklużivi li jipprovdu aċċess ugwali għall-ġustizzja u li jkunu bbażati fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba fil-livelli kollha u fuq istituzzjonijiet trasparenti, effettivi u responsabbli. Naffermaw mill-ġdid li d-drittijiet kollha tal-bniedem huma universali, indiviżibbli, interrelatati, interdipendenti u jsaħħu lil xulxin u jridu jitqiesu b'mod ġust u ugwali, fuq l-istess livell u bl-istess enfasi. Iddeċidejna li:

(a) Nirrispettaw, nipproteġu u nħarsu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha, inkluż id-dritt għall-iżvilupp, nippromwovu l-istat tad-dritt fil-livelli nazzjonali u internazzjonali u niżguraw ġustizzja ugwali għal kulħadd u niżviluppaw governanza tajba fil-livelli kollha u istituzzjonijiet trasparenti, inklużivi, effettivi u responsabbli fil-livelli kollha;

(b) Nippromwovu u nipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli bħala interrelatati u li jsaħħu lil xulxin, filwaqt li nirrikonoxxu li l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli fiha wegħda li ħadd ma jitħalla jibqa' lura u tipprevedi dinja ta' rispett universali għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni u l-promozzjoni tagħhom.

**Azzjoni 8. Se niksbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha bħala kontribut kruċjali għall-progress fil-miri u fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli kollha.**

27. Nirrikonoxxu li l-kisba tal-potenzjal uman sħiħ u tal-iżvilupp sostenibbli mhijiex possibbli jekk in-nisa u l-bniet jiġu mċaħħda mit-totalità tad-drittijiet tal-bniedem u l-opportunitajiet tagħhom. It-tkabbir ekonomiku sostnut, inklużiv u ekwu u l-iżvilupp sostenibbli jistgħu jitwettqu biss meta n-nisa, il-bniet adolexxenti u l-bniet kollha jkollhom it-totalità tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom rispettati, protetti u mħarsa. Iddeċidejna li:

(a) Nieħdu azzjonijiet qalbiena, ambizzjużi, aċċelerati, ġusti u trasformattivi biex niżguraw it-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha min-nisa u l-bniet kollha;

(b) Inneħħu b'mod urġenti l-ostakli legali, soċjali u ekonomiċi kollha biex niksbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u niżguraw il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tan-nisa u l-opportunitajiet indaqs għal rwoli ta' tmexxija fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-ħajja politika, ekonomika u pubblika;

(c) Nieħdu azzjoni mmirata u aċċelerata biex neqirdu l-forom kollha ta' vjolenza u fastidju kontra n-nisa u l-bniet kollha, inkluża l-vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru;

(d) Inżidu b'mod sinifikanti l-investimenti biex innaqqsu d-differenza bejn il-ġeneri, inkluż fl-ekonomija tal-kura u l-appoġġ, u nirrikonoxxu r-rabta bejn il-faqar u l-inugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ħtieġa li nirrinforzaw l-appoġġ għall-istituzzjonijiet fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa;

(e) Inwettqu riformi biex in-nisa jingħataw drittijiet ugwali għar-riżorsi ekonomiċi, kif ukoll aċċess għal sjieda u kontroll fuq l-art u forom oħra ta' proprjetà, servizzi finanzjarji, wirt, riżorsi naturali u teknoloġiji ġodda xierqa, f'konformità mal-liġijiet nazzjonali;

(f) Niżguraw aċċess universali għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva u għad-drittijiet riproduttivi kif maqbul f'konformità mal-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp[9] u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u d-dokumenti ta' eżitu tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom.

**Azzjoni 9. Se nsaħħu l-azzjonijiet tagħna biex nindirizzaw it-tibdil fil-klima.**

28. Ninsabu mħassba ħafna dwar il-pass kajman attwali tal-progress biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima. Imħassba ħafna wkoll dwar it-tkabbir kontinwu fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u nirrikonoxxu l-importanza tal-mezzi ta' implimentazzjoni u appoġġ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u ż-żieda fil-frekwenza, l-intensità u l-iskala tal-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment dawk li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u tal-Ftehim ta' Pariġi, naffermaw mill-ġdid l-importanza li naċċeleraw l-azzjoni f'dan id-deċennju kritiku, abbażi tal-aħjar xjenza disponibbli, filwaqt li nirrispettaw l-ekwità u l-prinċipju ta' responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u l-kapaċitajiet rispettivi, fid-dawl taċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti u fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-isforzi biex jinqered il-faqar. Iddeċidejna li:

(a) Naffermaw mill-ġdid il-mira tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi li ż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm sew taħt iż-2 gradi Celsius meta mqabbla mal-livelli preindustrijali u li jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1.5 gradi Celsius meta mqabbla mal-livelli preindustrijali, u jiġi rikonoxxut li dan inaqqas b'mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima, u nenfasizzaw li l-impatti tat-tibdil fil-klima se jkunu ħafna aktar baxxi b'żieda fit-temperatura ta' 1.5

[9] *Report of the International Conference on Population and Development* (Rapport tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp), il-Kajr, 5–13 ta' Settembru 1994 (pubblikazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, Nru tal-Bejgħ E.95.XIII.18), kapitolu I, riżoluzzjoni 1, anness.

gradi Celsius meta mqabbla ma' 2 gradi Celsius u nimpenjaw ruħna li nkomplu l-isforzi biex nillimitaw iż-żieda fit-temperatura għal 1.5 gradi Celsius;

(b) Nilqgħu d-deċiżjonijiet adottati fit-tmienja u għoxrin sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, inklużi d-deċiżjonijiet adottati fl-ambitu tal-"Kunsens tal-EGħM", li jinkludi l-eżitu tal-ewwel rendikont globali tal-Ftehim ta' Pariġi, fil-ħames sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi;

(c) Nirrikonoxxu wkoll il-ħtieġa ta' tnaqqis sostanzjali, rapidu u sostnut fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'konformità mat-trajettorji ta' 1.5 gradi Celsius u nistiednu lill-partijiet jikkontribwixxu għall-isforzi globali li ġejjin, b'mod determinat fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-Ftehim ta' Pariġi u ċ-ċirkostanzi, it-trajettorji u l-approċċi nazzjonali differenti tagħhom: it-tripplikar tal-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli globalment u l-irduppjar tar-rata annwali medja globali tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika sal-2030; l-aċċelerazzjoni tal-isforzi favur it-tnaqqis gradwali tal-enerġija mill-faħam b'emissjonijiet mhux imnaqqsa; l-aċċelerazzjoni tal-isforzi globalment favur sistemi tal-enerġija b'emissjonijiet żero netti, bl-użu ta' fjuwils b'livell żero jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ferm qabel jew sa madwar nofs is-seklu; it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili fis-sistemi tal-enerġija, b'mod ġust, ordnat u ekwu, filwaqt li tiġi aċċelerata l-azzjoni f'dan id-deċennju kritiku, sabiex tinkiseb il-mira ta' emissjonijiet żero netti sal-2050 bi qbil mat-tagħrif xjentifiku; l-aċċelerazzjoni tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero jew baxxi, inkluż, fost l-oħrajn, sorsi ta' enerġija rinnovabbli, teknoloġiji nukleari, ta' tnaqqis u ta' assorbiment bħall-qbid u l-użu u l-ħżin tal-karbonju, b'mod partikolari f'setturi diffiċli sabiex jitrażżnu, u l-produzzjoni tal-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; l-aċċelerazzjoni u t-tnaqqis b'mod sostanzjali tal-emissjonijiet tad-diossidu mhux tal-karbonju globalment, inklużi b'mod partikolari l-emissjonijiet tal-metan sal-2030; l-aċċelerazzjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mit-trasport bit-triq b'diversi modi, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-infrastruttura u l-introduzzjoni rapida ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi; u l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji ineffiċjenti għall-fjuwils fossili li ma jindirizzawx il-faqar enerġetiku jew it-tranżizzjonijiet ġusti, mill-aktar fis possibbli;

(d) Nirrikonoxxu li l-fjuwils tranżitorji jista' jkollhom rwol biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tal-enerġija, filwaqt li jiżguraw is-sigurtà tal-enerġija;

(e) Nenfasizzaw ukoll l-importanza li nikkonservaw, nipproteġu u nirrestawraw in-natura u l-ekosistemi biex niksbu l-mira tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż permezz ta' sforzi msaħħa biex inwaqqfu u nreġġgħu lura d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti sal-2030, u ekosistemi terrestri u tal-baħar oħra li jservu ta' bjar u riżervi tal-gassijiet serra u billi nikkonservaw il-bijodiversità, filwaqt li niżguraw salvagwardji soċjali u ambjentali, f'konformità mal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal;[10]

(f) Naffermaw mill-ġdid id-determinazzjoni tagħna li nistabbilixxu, fid-disgħa u għoxrin sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, għan kollettiv

[10] Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, dokument CBD/COP/15/17, deċiżjoni 15/4, anness.

kwantifikat ġdid li jibda minn minimu ta' 100 biljun dollaru Amerikan fis-sena, filwaqt li nqisu l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

(g) Naffermaw mill-ġdid in-natura stabbilita fil-livell nazzjonali tal-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali u l-Artikolu 4, il-paragrafu 4, tal-Ftehim ta' Pariġi, u nħeġġu lill-partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi biex fil-kontributi tagħna stabbiliti fil-livell nazzjonali li jmiss jippreżentaw miri ambizzjużi u mifruxa mal-ekonomija kollha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, li jkopru l-gassijiet serra, is-setturi u l-kategoriji kollha u li jkunu allinjati mal-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1.5 gradi Celsius, skont l-aħħar tagħrif xjentifiku, fid-dawl taċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti;

(h) Insaħħu b'mod sinifikanti l-kooperazzjoni internazzjonali u l-ambjent internazzjonali favorevoli biex nistimulaw l-ambizzjoni fiċ-ċiklu li jmiss ta' kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali;

(i) Nirrikonoxxu li l-finanzjament għall-adattament se jkollu jiżdied b'mod sinifikanti biex tiġi implimentata d-deċiżjoni li jiġi rduppjat il-finanzjament għall-adattament, tiġi appoġġjata l-ħtieġa urġenti u li qed tevolvi li jiġi aċċelerat l-adattament u tinbena r-reżiljenza fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, filwaqt li jiġi enfasizzat li l-finanzjament, il-bini tal-kapaċitajiet u t-trasferiment tat-teknoloġija huma faċilitaturi kritiċi tal-azzjoni klimatika u jiġi nnotat li ż-żieda fil-forniment u l-mobilizzazzjoni ta' strumenti finanzjarji u mhux tad-dejn ġodda u addizzjonali bbażati fuq l-għotjiet u konċessjonali ħafna tibqa' essenzjali biex jiġu appoġġjati l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari hekk kif jagħmlu t-tranżizzjoni tagħhom b'mod ġust u ekwu;

(j) Inkomplu noperazzjonalizzaw u nikkapitalizzaw l-arranġamenti l-ġodda ta' finanzjament, inkluż il-Fond, biex nirreaġixxu għat-telf u l-ħsara;

(k) Nipproteġu lil kulħadd fid-Dinja permezz ta' kopertura universali ta' sistemi ta' twissija bikrija ta' perikli multipli sal-2027, inkluż permezz tal-implimentazzjoni aċċelerata tal-inizjattiva "Twissijiet Bikrija għal Kulħadd".

**Azzjoni 10. Se naċċeleraw l-isforzi tagħna biex nirrestawraw, nipproteġu, nikkonservaw u nużaw l-ambjent b'mod sostenibbli.**

29. Ninsabu mħassba ħafna dwar id-degradazzjoni ambjentali mgħaġġla, u nirrikonoxxu l-ħtieġa urġenti ta' bidla fundamentali fl-approċċ tagħna sabiex niksbu dinja fejn l-umanità tgħix f'armonija man-natura. Jeħtiġilna nikkonservaw, nirrestawraw u nużaw b'mod sostenibbli l-ekosistemi u r-riżorsi naturali tal-pjaneta tagħna biex nappoġġjaw is-saħħa u l-benesseri tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. Se nindirizzaw l-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima, iż-żieda fil-livell tal-baħar, it-telf tal-bijodiversità, it-tniġġis, l-iskarsezza tal-ilma, l-għargħar, id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, in-nixfa, id-deforestazzjoni u t-tempesti tar-ramel u tat-trab. Iddeċidejna li:

(a) Naħdmu għal dinja fejn l-umanità tgħix f'armonija man-natura, tikkonserva u tuża b'mod sostenibbli r-riżorsi tal-pjaneta tagħna u treġġa' lura x-xejriet tad-degradazzjoni ambjentali;

(b) Nieħdu azzjoni ambizzjuża biex intejbu s-saħħa, il-produttività, l-użu sostenibbli u r-reżiljenza tal-oċean u l-ekosistemi tiegħu, u nikkonservaw u nużaw u nirrestawraw b'mod sostenibbli l-ibħra u r-riżorsi tal-ilma ħelu, kif ukoll il-foresti, il-muntanji, il-glaċieri u l-artijiet niexfa, u nipproteġu, nikkonservaw u nirrestawraw il-bijodiversità, l-ekosistemi u l-organiżmi selvaġġi;

(c) Nippromwovu xejriet ta' konsum u ta' produzzjoni sostenibbli, inklużi stili ta' ħajja sostenibbli, u approċċi ta' ekonomija ċirkolari bħala perkors biex jinkisbu xejriet sostenibbli ta' konsum u ta' produzzjoni, u inizjattivi ta' skart żero;

(d) Naċċeleraw l-isforzi biex nindirizzaw it-tniġġis tal-arja, tal-art u tal-ħamrija, tal-ilma ħelu u tal-oċean, inkluża l-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi, u naħdmu għall-konklużjoni ta' strument internazzjonali legalment vinkolanti dwar it-tniġġis mill-plastik, inkluż fl-ambjent tal-baħar, bl-ambizzjoni li n-negozjati jitlestew sa tmiem l-2024;

(e) Nimplimentaw il-qafas biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità sal-2030 u nimplimentaw il-ftehimiet ambjentali multilaterali kollha;

(f) Nipproteġu l-pjaneta tagħna u nindirizzaw l-isfidi ambjentali globali billi nsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-ambjent u billi nimplimentaw u nikkonformaw ma' ftehimiet ambjentali multilaterali.

**Azzjoni 11. Se nipproteġu u nippromwovu l-kultura u l-isport bħala komponenti integrali tal-iżvilupp sostenibbli.**

30. Nirrikonoxxu li l-kultura kif ukoll l-isport joffru lill-individwi u lill-komunitajiet sens qawwi ta' identità u jrawmu l-koeżjoni soċjali. Nirrikonoxxu wkoll li l-isport jista' jikkontribwixxi għas-saħħa u l-benesseri tal-individwi u tal-komunitajiet. Il-kultura kif ukoll l-isport għalhekk huma faċilitaturi importanti tal-iżvilupp sostenibbli. Iddeċidejna li:

(a) Niżguraw li l-kultura kif ukoll l-isport jistgħu jikkontribwixxu għal żvilupp aktar effettiv, inklużiv, ekwu u sostenibbli, u nintegraw il-kultura fil-politiki u fl-istrateġiji ta' żvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali u niżguraw investiment pubbliku adegwat fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-kultura;

(b) Ninkoraġġixxu kooperazzjoni internazzjonali msaħħa dwar ir-ritorn jew ir-restituzzjoni ta' proprjetajiet kulturali ta' valur spiritwali, anċestrali, storiku u kulturali lill-pajjiżi tal-oriġini, inklużi iżda mhux biss, opri tal-arti, monumenti, oġġetti li jixirqilhom ikunu f'mużew, manuskritti u dokumenti, u nħeġġu bil-qawwa lill-entitajiet privati rilevanti jinvolvu ruħhom bl-istess mod, inkluż permezz ta' djalogu bilaterali u bl-għajnuna ta' mekkaniżmi multilaterali, skont kif ikun xieraq;

(c) Nippromwovu u nappoġġjaw id-djalogu interkulturali u interreliġjuż biex insaħħu l-koeżjoni soċjali u nikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli.

**Azzjoni 12. Se nippjanaw għall-futur u nsaħħu l-isforzi kollettivi tagħna biex nagħtu spinta qawwija lill-implimentazzjoni sħiħa tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli sal-2030 u lil hinn.**

31. Se nibqgħu ffukati u impenjati b'mod kostanti biex niksbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli sal-2030. Se nsostnu l-isforzi tagħna biex nibnu l-futur li rridu billi nindirizzaw l-isfidi eżistenti, ġodda u emerġenti għall-iżvilupp sostenibbli sal-2030 u lil hinn. Iddeċidejna li:

(a) Navvanzaw b'mod sinifikanti l-progress għall-kisba sħiħa u f'waqtha tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli sal-2030, inkluż permezz tat-tisħiħ tar-rwol tal-forum politiku ta' livell għoli dwar l-iżvilupp sostenibbli bħala l-pjattaforma ewlenija għas-segwitu u r-rieżami tal-aġenda għall-iżvilupp sostenibbli;

(b) Nistiednu lill-forum politiku ta' livell għoli, taħt l-awspiċji tal-Assemblea Ġenerali, biex f'Settembru 2027 iqisu kif se navvanzaw l-iżvilupp sostenibbli sal-2030 u lil hinn, bħala prijorità u fiċ-ċentru tal-ħidma tagħna.

## II. Is-sigurtà u l-paċi internazzjonali

32. Ix-xenarju tas-sigurtà globali għaddej minn trasformazzjoni profonda. Ninsabu mħassba dwar it-theddid divers u li dejjem jiżdied għas-sigurtà u l-paċi internazzjonali, b'mod partikolari l-ksur tal-finijiet u l-prinċipji tal-Karta, u r-riskji dejjem akbar ta' gwerra nukleari li jistgħu joħolqu theddida eżistenzjali għall-umanità. F'dan il-kuntest li qed jinbidel, nibqgħu impenjati li nistabbilixxu paċi ġusta u dejjiema. Naffermaw mill-ġdid l-impenn sod tagħna li naġixxu f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluża l-Karta flimkien mal-finijiet u l-prinċipji tagħha, u li nwettqu l-obbligi tagħna *bona fide*. Naffermaw mill-ġdid l-importanza li nirrispettaw u nippromowvu l-istat tad-dritt fil-livell internazzjonali f'konformità mal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u f'dan ir-rigward infakkru fl-importanza tad-Dikjarazzjoni dwar il-Prinċipji tad-Dritt Internazzjonali li jikkonċernaw ir-Relazzjonijiet ta' Ħbiberija u l-Kooperazzjoni fost l-Istati f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti[11]. Intennu r-rispett sħiħ tagħna għall-ugwaljanza sovrana tal-Istati Membri kollha u għall-prinċipji tal-ugwaljanza tad-drittijiet tal-popli u d-dritt tagħhom għall-awtodeterminazzjoni u l-obbligu tagħna li nżommu lura mit-theddida jew l-użu tal-forza kontra l-integrità territorjali jew l-indipendenza politika ta' kwalunkwe Stat, u l-impenn tagħna li nsolvu tilwim internazzjonali b'mezzi paċifiċi. Naffermaw mill-ġdid ukoll l-impenn tagħna għad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

33. In-Nazzjonijiet Uniti għandhom rwol indispensabbli fiż-żamma tas-sigurtà u l-paċi internazzjonali. L-isforzi tagħna biex nindirizzaw b'mod urġenti t-theddid akkumulat u divers għas-sigurtà u l-paċi internazzjonali fuq l-art, fuq il-baħar, fl-ajru, fl-ispazju ekstratmosferiku u fiċ-ċiberspazju għandhom jiġu appoġġjati minn sforzi biex terġa' tinbena l-fiduċja, tissaħħaħ is-solidarjetà u tiġi approfondita l-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż permezz tal-użu intensifikat tad-diplomazija. Nieħdu nota tal-Aġenda Ġdida għall-Paċi[12].

**Azzjoni 13. Se nirduppjaw l-isforzi tagħna biex nibnu u nsostnu soċjetajiet paċifiċi, inklużivi u ġusti u nindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-kunflitti.**

34. Nagħrfu l-interdipendenza tas-sigurtà u l-paċi internazzjonali, l-iżvilupp sostenibbli u d-drittijiet tal-bniedem u naffermaw mill-ġdid l-importanza tal-istat tad-dritt fil-livelli internazzjonali u nazzjonali. Ninsabu mħassba dwar l-impatt potenzjali li ż-żieda globali fl-infiq militari jista' jkollha fuq l-investimenti fl-iżvilupp sostenibbli u ż-żamma tal-paċi. Iddeċidejna li:

(a) Insaħħu r-reżiljenza u nindirizzaw b'mod komprensiv il-fatturi u l-kawżi ewlenin tal-kunflitti armati, il-vjolenza u l-instabbiltà u l-konsegwenzi tagħhom, inkluż billi naċċeleraw l-investiment fl-Aġenda 2030 u fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-implimentazzjoni tagħhom;

(b) Niggarantixxu aċċess ugwali għall-ġustizzja, nipproteġu l-ispazju ċiviku u nħarsu d-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd, inkluż billi nippromwovu l-kultura tal-paċi, l-inklużjoni, it-tolleranza u l-koeżistenza paċifika, neqirdu d-diskriminazzjoni reliġjuża, niġġieldu r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali u l-ksenofobija fil-manifestazzjonijiet kollha tagħhom u billi nindirizzaw l-isfidi għas-sopravivenza, l-għajxien u d-dinjità tal-persuni kollha;

[11] Riżoluzzjoni 2625(XXV), anness.
[12] A/77/CRP.1/Add.8.

(c) Niżguraw li l-infiq militari ma jikkompromettix l-investiment fl-iżvilupp sostenibbli u fil-konsolidazzjoni ta' paċi sostenibbli u nitolbu lis-Segretarju Ġenerali jipprovdi analiżi dwar l-impatt taż-żieda globali fin-nefqa militari fuq il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli sa tmiem id-79 sessjoni.

**Azzjoni 14. Se nipproteġu lill-popolazzjoni ċivili kollha f'kunflitti armati.**

35. Nikkundannaw bl-aktar mod qawwi l-impatt devastanti tal-kunflitti armati fuq il-popolazzjoni ċivili, l-infrastruttura ċivili u l-wirt kulturali, u ninsabu partikolarment imħassba dwar l-impatt sproporzjonat tal-vjolenza fuq in-nisa, it-tfal, il-persuni b'diżabbiltà u persuni oħra f'sitwazzjonijiet vulnerabbli f'kunflitti armati. Id-dritt internazzjonali jipprojbixxi l-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra, inklużi l-attakki intenzjonati kontra l-popolazzjoni ċivili u l-infrastruttura ċivili. Naffermaw mill-ġdid l-impenn tagħna favur l-obbligi tagħna skont id-dritt internazzjonali, inklużi d-dritt umanitarju internazzjonali, id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati. Iddeċidejna li:

(a) Nieħdu miżuri konkreti u prattiċi biex nipproteġu lill-popolazzjoni ċivili kollha f'kunflitti armati;

(b) Naċċeleraw l-implimentazzjoni tal-impenji tagħna skont l-aġenda dwar it-tfal u l-kunflitti armati;

(c) Nirrestrinġu l-użu ta' armi splussivi f'żoni popolati jew inżommu lura mill-użu tagħhom, skont kif ikun xieraq, meta l-użu tagħhom jista' jkun mistenni li jikkawża ħsara lill-popolazzjoni ċivili jew lil oġġetti ċivili, inklużi l-infrastruttura ċivili essenzjali, l-iskejjel, il-faċilitajiet mediċi u l-postijiet ta' qima, f'konformità mad-dritt internazzjonali;

(d) Nippermettu aċċess u assistenza umanitarji sikuri, rapidi u mingħajr xkiel, u nirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipji umanitarji tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza, f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali u b'rispett sħiħ għar-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali 46/182 tad-19 ta' Diċembru 1991 u r-riżoluzzjonijiet relatati tagħha dwar it-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-assistenza umanitarja ta' emerġenza tan-Nazzjonijiet Uniti;

(e) Nirrispettaw u nipproteġu l-persunal umanitarju, il-persunal tan-Nazzjonijiet Uniti u l-persunal assoċjat, inkluż il-persunal reklutat fil-livelli nazzjonali u lokali, u l-faċilitajiet, it-tagħmir, it-trasport u l-provvisti tagħhom, f'konformità mal-obbligi tagħna skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali;

(f) Nirrispettaw u nipproteġu l-ġurnalisti, il-professjonisti tal-media u l-persunal assoċjat li jaħdmu f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat u naffermaw mill-ġdid li dawn għandhom jitqiesu bħala ċivili f'tali sitwazzjonijiet, f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali;

(g) Nirduppjaw l-isforzi tagħna biex intemmu l-impunità u niżguraw l-obbligu ta' rendikont għall-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, id-delitti l-aktar serji skont id-dritt internazzjonali, inklużi l-ġenoċidju, id-delitti tal-gwerra, id-delitti kontra l-umanità u delitti atroċi oħra u ksur gravi ieħor, bħall-użu tat-tbatija mill-ġuħ tal-popolazzjoni ċivili bħala metodu ta' gwerra u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluża l-vjolenza sesswali b'rabta mal-kunflitti;

(h) Nistiednu lill-Istati Membri jippromulgaw leġiżlazzjoni, regolamenti u proċeduri nazzjonali, meta dawn ma jkunux jeżistu diġà, biex jeżerċitaw kontroll fuq it-trasferiment internazzjonali ta' armi konvenzjonali u tagħmir militari, li jiġġestixxu r-riskji li tali trasferimenti jistgħu jiffaċilitaw, jikkontribwixxu jew iwasslu għal ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt li jirrigwarda d-drittijiet tal-bniedem, u jiżguraw li tali leġiżlazzjoni, regolamenti u proċeduri

jkunu konsistenti mal-obbligi tal-Istati fl-ambitu tat-trattati internazzjonali applikabbli li għalihom huma partijiet.

**Azzjoni 15. Se niżguraw li l-persuni affettwati minn emerġenzi umanitarji jirċievu l-appoġġ li jeħtieġu.**

36. Nesprimu tħassib serju dwar l-għadd bla preċedent ta' persuni affettwati minn emerġenzi umanitarji, inklużi dawk li jesperjenzaw spostament furzat u dejjem aktar fit-tul u dawk milquta mill-ġuħ, l-insigurtà akuta tal-ikel, il-karestija u l-kundizzjonijiet simili għall-karestija. Iddeċidejna li:

(a) Insaħħu l-isforzi tagħna biex nipprevjenu, nantiċipaw u ntaffu l-impatt tal-emerġenzi umanitarji fuq il-persuni fil-bżonn, filwaqt li nagħtu attenzjoni speċjali lill-ħtiġijiet tal-persuni fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli;

(b) Nindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-ispostament furzat u fit-tul, inkluż l-ispostament bil-massa tal-popolazzjonijiet, u nimplimentaw u niffaċilitaw l-aċċess għal soluzzjonijiet dejjiema għall-persuni spostati internament, ir-refuġjati u l-persuni apolidi, inkluż permezz ta' kondiviżjoni ekwa tal-piżijiet u tar-responsabbiltà fil-livell internazzjonali, u appoġġ għall-komunitajiet ospitanti, u b'rispett sħiħ għall-prinċipju ta' non-refoulement tar-refuġjati;

(c) Neliminaw il-pjaga tal-ġuħ, l-insigurtà akuta tal-ikel, il-karestija u l-kundizzjonijiet simili għall-karestija f'kunflitti armati, kemm illum kif ukoll għall-ġenerazzjonijiet futuri, filwaqt li nużaw l-għarfien, ir-riżorsi u l-kapaċitajiet kollha għad-dispożizzjoni tagħna, nissodisfaw l-obbligi tagħna skont id-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż billi nikkonformaw mal-obbligi tad-dritt umanitarju internazzjonali fir-rigward tat-tneħħija tal-ostakli għall-għoti ta' assistenza umanitarja, niżguraw li l-persuni fil-bżonn jirċievu assistenza vitali, insaħħu t-twissija bikrija, niżviluppaw sistemi ta' protezzjoni soċjali, u nieħdu miżuri preventivi li jibnu r-reżiljenza tal-komunitajiet f'riskju;

(d) Inżidu b'mod sinifikanti l-appoġġ finanzjarju u forom oħra ta' appoġġ lill-pajjiżi u lill-komunitajiet li jiffaċċjaw emerġenzi umanitarji, inklużi l-komunitajiet ospitanti, fost l-oħrajn, billi nżidu l-finanzjament f'waqtu u prevedibbli u l-mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi u antiċipatorji, kif ukoll billi nsaħħu s-sħubijiet mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali sabiex nipprevjenu, innaqqsu u nirreaġixxu għat-tbatija umanitarja u nassistu lil dawk fil-bżonn.

**Azzjoni 16. Se nippromwovu l-kooperazzjoni u l-fehim bejn l-Istati Membri, innaqqsu t-tensjonijiet, infittxu s-soluzzjoni paċifika tat-tilwim u nsolvu l-kunflitti.**

37. Naffermaw mill-ġdid l-impenn tagħna favur id-diplomazija preventiva, is-soluzzjoni paċifika tat-tilwim u l-importanza tad-djalogu bejn l-Istati. Nagħrfu r-rwol tan-Nazzjonijiet Uniti fid-diplomazija preventiva u fis-soluzzjoni paċifika tat-tilwim, u l-importanza tas-sħubija tan-Nazzjonijiet Uniti ma' organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali biex nipprevjenu u nsolvu l-kunflitti u t-tilwim bejn l-Istati Membri f'konformità mal-Karta. Iddeċidejna li:

(a) Naffermaw mill-ġdid l-obbligi tagħna skont id-dritt internazzjonali, inkluża l-Karta flimkien mal-finijiet u l-prinċipji tagħha;

(b) Nieħdu miżuri kollettivi effettivi, f'konformità mal-Karta, biex nipprevjenu u nneħħu t-theddid għas-sigurtà u l-paċi internazzjonali, u nagħtu ħajja ġdida u nimplimentaw għodod u mekkaniżmi eżistenti għas-soluzzjoni paċifika tat-tilwim;

(c) Niżviluppaw u nimplimentaw il-mekkaniżmi meħtieġa għas-soluzzjoni paċifika tat-tilwim, il-bini tal-fiduċja, it-twissija bikrija u l-ġestjoni tal-

kriżijiet fil-livelli subreġjonali, reġjonali u internazzjonali biex nindirizzaw theddid ġdid u emerġenti għas-sigurtà u l-paċi internazzjonali;

(d) Insegwu u napplikaw miżuri għall-bini tal-fiduċja biex innaqqsu t-tensjonijiet u nippromwovu s-sigurtà u l-paċi internazzjonali;

(e) Nintensifikaw l-użu tad-diplomazija u l-medjazzjoni biex intaffu t-tensjonijiet f'sitwazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' theddida għas-sigurtà u l-paċi internazzjonali, inkluż permezz ta' sforzi diplomatiċi bikrija;

(f) Inħeġġu lis-Segretarju Ġenerali juża b'mod attiv il-bon offiċji tiegħu u niżguraw li n-Nazzjonijiet Uniti jkunu mgħammra b'mod adegwat biex imexxu u jappoġġjaw l-medjazzjoni u d-diplomazija preventiva u ninkoraġġixxu lis-Segretarju Ġenerali jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà dwar kwalunkwe kwistjoni li tista' thedded iż-żamma tas-sigurtà u l-paċi internazzjonali;

(g) Nappoġġjaw ir-rwol tal-organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali fid-diplomazija, il-medjazzjoni u s-soluzzjoni paċifika tat-tilwim, u f'dan ir-rigward insaħħu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn dawn l-organizzazzjonijiet u n-Nazzjonijiet Uniti.

**Azzjoni 17. Se nissodisfaw l-obbligu tagħna li nikkonformaw mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja u nirrispettaw il-mandat tagħha fi kwalunkwe tilwima li l-Istat tagħna jkun parti għaliha.**

38. Nagħrfu l-kontribut pożittiv tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, l-organu ġudizzjarju prinċipali tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż fl-aġġudikazzjoni ta' tilwim fost l-Istati. Naffermaw mill-ġdid l-obbligu tal-Istati kollha li jikkonformaw mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja f'tilwim li għalih ikunu parti. Iddeċidejna li:

(a) Nieħdu passi xierqa biex niżguraw li l-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tkun tista' twettaq il-mandat tagħha b'mod sħiħ u effettiv u tippromwovi l-għarfien tar-rwol tagħha fis-soluzzjoni paċifika tat-tilwim, filwaqt li tirrispetta li l-partijiet għal kwalunkwe tilwima jistgħu jirrikorru wkoll għal mezzi paċifiċi oħra tal-għażla tagħhom stess.

**Azzjoni 18. Se nikkonsolidaw u nżommu l-paċi.**

39. Nagħrfu li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja li jipprevjenu l-kunflitt u jikkonsolidaw il-paċi f'pajjiżhom, u li l-isforzi nazzjonali biex jikkonsolidaw u jżommu l-paċi jikkontribwixxu għaż-żamma tas-sigurtà u l-paċi internazzjonali. Finanzjament adegwat, prevedibbli u sostnut għall-konsolidazzjoni tal-paċi huwa essenzjali, u għalhekk nilqgħu d-deċiżjoni reċenti tal-Assemblea Ġenerali li żżid ir-riżorsi disponibbli għall-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi. Iddeċidejna li:

(a) Inwettqu l-impenn tagħna fl-Aġenda 2030 li nnaqqsu b'mod sinifikanti l-forom kollha ta' vjolenza u r-rati ta' mwiet relatati kullimkien;

(b) Nirduppjaw l-isforzi tagħna biex neliminaw il-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet kollha;

(c) Niġġieldu r-razziżmu u neliminaw id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza reliġjuża u l-forom l-oħra kollha ta' intolleranza u diskriminazzjoni mis-soċjetajiet tagħna u nippromwovu djalogu interreliġjuż u interkulturali;

(d) Insaħħu u nimplimentaw l-istrateġiji u l-approċċi ta' prevenzjoni nazzjonali eżistenti biex inżommu l-paċi, u nqisu jekk għandniex niżviluppawhom, meta dawn ma jkunux jeżistu, fuq bażi volontarja u f'konformità mal-prijoritajiet nazzjonali, biex nindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-vjolenza u l-kunflitti armati;

(e) Nipprovdu assistenza lill-Istati, fuq talba tagħhom, inkluż permezz tal-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi u s-sistema kollha tan-Nazzjonijiet Uniti, f'konformità sħiħa mal-prinċipju tas-sjieda u l-ħtiġijiet nazzjonali, biex nibnu l-kapaċità nazzjonali sabiex nippromwovu, niżviluppaw u nimplimentaw l-isforzi ta' prevenzjoni nazzjonali tagħhom u nindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-vjolenza u l-kunflitt fil-pajjiżi tagħhom, inkluż permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattika u t-tagħlimiet meħuda;

(f) Nindirizzaw ir-riskji assoċjati mal-kummerċ illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir, il-partijiet u l-munizzjon tagħhom, jew il-munizzjon assoċjat, inkluż permezz ta' strateġiji u approċċi ta' prevenzjoni nazzjonali;

(g) Nindirizzaw ir-riskji għaż-żamma tal-paċi kkawżati mid-diżinformazzjoni, il-miżinformazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u l-kontenut li jinċita ħsara, inkluż kontenut disseminat permezz ta' pjattaformi diġitali, filwaqt li nirrispettaw id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u għall-privatezza u niżguraw aċċess mingħajr xkiel għall-Internet f'konformità mad-dritt internazzjonali, il-leġiżlazzjoni domestika u l-politiki nazzjonali;

(h) Insegwu allinjament aktar b'saħħtu bejn in-Nazzjonijiet Uniti, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u reġjonali u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri affettwati minn kunflitti armati u vjolenza u l-impatti ta' kunflitt reġjonali, biex nappoġġjaw l-isforzi tagħhom favur il-konsolidazzjoni tal-paċi, il-prevenzjoni nazzjonali u l-istabbiltà ekonomika, skont il-mandati rispettivi tagħhom u f'konformità sħiħa mal-prinċipju tas-sjieda nazzjonali.

**Azzjoni 19. Se naċċeleraw l-implimentazzjoni tal-impenji tagħna dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà.**

40. Nagħrfu r-rwol tan-nisa bħala aġenti tal-paċi. Il-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali, sikura u sinifikattiva tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà, inklużi l-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, il-medjazzjoni u fl-operazzjonijiet ta' paċi, hija essenzjali biex tinkiseb paċi sostenibbli. Nikkundannaw bl-aktar mod qawwi ż-żieda fil-livelli tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, li huma partikolarment f'riskju ta' vjolenza f'kunflitti armati, f'sitwazzjonijiet ta' wara kunflitt u f'emerġenzi umanitarji. Iddeċidejna li:

(a) Nirduppjaw l-isforzi tagħna biex niksbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet kollha, inkluż billi nipprevjenu x-xkiel u nindirizzaw l-ostakli persistenti għall-implimentazzjoni tal-aġenda dwar in-nisa u l-paċi u s-sigurtà, u niżguraw li l-inizjattivi biex navvanzaw dawn l-isforzi jiġu ffinanzjati b'mod adegwat;

(b) Inwettqu l-impenji tagħna biex niżguraw li n-nisa jkunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ u b'mod ugwali, sikur u sinifikattiv fil-proċessi kollha ta' medjazzjoni u paċi mmexxija min-Nazzjonijiet Uniti;

(c) Nieħdu passi konkreti biex neliminaw u nipprevjenu l-firxa sħiħa ta' theddid u ta' ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem esperjenzati min-nisa u l-bniet f'kunflitti armati, f'sitwazzjonijiet ta' wara kunflitt u f'emerġenzi umanitarji, inklużi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza sesswali b'rabta mal-kunflitti;

(d) Naċċeleraw l-isforzi kontinwi tagħna biex niżguraw il-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali, sikura u sinifikattiva tan-nisa fl-operazzjonijiet ta' paċi.

**Azzjoni 20. Se naċċeleraw l-implimentazzjoni tal-impenji tagħna dwar iż-żgħażagħ, il-paċi u s-sigurtà.**

41. Nagħrfu li l-parteċipazzjoni sħiħa, effettiva, sikura u sinifikattiva taż-żgħażagħ hija kritika biex inżommu u nippromwovu s-sigurtà u l-paċi internazzjonali. Iddeċidejna li:

(a) Nieħdu miżuri volontarji konkreti biex inżidu r-rappreżentanza inklużiva taż-żgħażagħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha fil-qasam tal-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, inkluż billi nżidu l-opportunitajiet li jiġu offruti lilhom biex jipparteċipaw f'deliberazzjonijiet intergovernattivi rilevanti fin-Nazzjonijiet Uniti;

(b) Insaħħu u nimplimentaw il-pjanijiet direzzjonali nazzjonali u reġjonali eżistenti dwar iż-żgħażagħ, il-paċi u s-sigurtà biex inwettqu l-impenji tagħna, u niżviluppawhom, meta dawn ma jkunux jeżistu, fuq bażi volontarja;

(c) Nitolbu lis-Segretarju Ġenerali jwettaq it-tieni studju ta' progress indipendenti dwar il-kontribut pożittiv taż-żgħażagħ fil-proċessi ta' paċi u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti sa tmiem it-tmenin sessjoni.

**Azzjoni 21. Se nadattaw l-operazzjonijiet ta' paċi biex nirreaġixxu aħjar għall-isfidi eżistenti u r-realtajiet ġodda.**

42. L-operazzjonijiet ta' paċi tan-Nazzjonijiet Uniti, mifhuma bħala operazzjonijiet għaż-żamma tal-paċi u missjonijiet politiċi speċjali, huma għodod kritiċi biex inżommu s-sigurtà u l-paċi internazzjonali. Dawn qed jiffaċċjaw sfidi dejjem aktar kumplessi u jeħtieġ li jadattaw b'mod urġenti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-Istati Membri kollha u tal-pajjiżi li jikkontribwixxu truppi u pulizija, u l-prijoritajiet u r-responsabbiltajiet tal-pajjiżi ospitanti. L-operazzjonijiet ta' paċi jistgħu jirnexxu biss meta s-soluzzjonijiet politiċi jiġu segwiti b'mod attiv u jkollhom finanzjament prevedibbli, adegwat u sostnut. Naffermaw mill-ġdid l-importanza ta' kollaborazzjoni mtejba bejn in-Nazzjonijiet Uniti u l-organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali, b'mod partikolari l-Unjoni Afrikana, inklużi l-operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi u l-infurzar tal-paċi tagħhom awtorizzati mill-Kunsill tas-Sigurtà biex jinżammu jew jiġu restawrati s-sigurtà u l-paċi internazzjonali. Iddeċidejna li:

(a) Nistiednu lill-Kunsill tas-Sigurtà jiżgura li l-operazzjonijiet ta' paċi jkunu ankrati fi strateġiji politiċi, implimentati b'mandati ċari, sekwenzjati u prijoritizzati li jkunu realistiċi u li jistgħu jintlaħqu, fi strateġiji ta' ħruġ u fi pjanijiet ta' tranżizzjoni vijabbli u jkunu ggwidati minnhom, u bħala parti minn approċċ komprensiv għaż-żamma tal-paċi f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali u l-Karta;

(b) Nitolbu lis-Segretarju Ġenerali jwettaq rieżami dwar il-futur tal-forom kollha tal-operazzjonijiet ta' paċi tan-Nazzjonijiet Uniti, filwaqt li jqis it-tagħlimiet meħuda minn proċessi ta' riforma preċedenti u li għaddejjin bħalissa, u jipprovdi rakkomandazzjonijiet strateġiċi u orjentati lejn l-azzjoni għall-kunsiderazzjoni tal-Istati Membri dwar kif is-sett ta' għodod tan-Nazzjonijiet Uniti jista' jiġi adattat biex jissodisfa l-ħtiġijiet li qed jevolvu u jippermetti reazzjonijiet aktar aġli u mfassla apposta għall-isfidi eżistenti, emerġenti u futuri;

(c) Niżguraw li l-operazzjonijiet ta' paċi jinvolvu ruħhom fl-ippjanar ta' tranżizzjoni mal-pajjiżi ospitanti, mat-tim tal-pajjiż tan-Nazzjonijiet Uniti u mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti fl-aktar stadju bikri possibbli;

(d) Nieħdu passi konkreti biex niżguraw is-sikurezza u s-sigurtà tal-persunal tal-operazzjonijiet ta' paċi u ntejbu l-aċċess tagħhom għall-faċilitajiet tas-saħħa, inklużi s-servizzi tas-saħħa mentali;

(e) Niżguraw li l-operazzjonijiet għaż-żamma tal-paċi u l-operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi, inkluż l-infurzar tal-paċi, awtorizzati mill-Kunsill tas-

Sigurtà, ikunu akkumpanjati minn strateġija politika inklużiva u approċċi mhux militari oħra u jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-kunflitt;

(f) Ninkoraġġixxu lis-Segretarju Ġenerali jsejjaħ laqgħat regolari ta' livell għoli mal-organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti biex jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mal-operazzjonijiet ta' paċi, il-konsolidazzjoni tal-paċi u l-kunflitti;

(g) Niżguraw finanzjament adegwat, prevedibbli u sostenibbli għal operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi mmexxija mill-Unjoni Afrikana b'mandat mill-Kunsill tas-Sigurtà f'konformità mar-riżoluzzjoni 2719 (2023) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-21 ta' Diċembru 2023.

**Azzjoni 22. Se nindirizzaw l-impatt serju tat-theddid għas-sigurtà u s-sikurezza marittima.**

43. Nagħrfu l-ħtieġa li nindirizzaw l-impatt serju tat-theddid għas-sigurtà u s-sikurezza marittima. L-isforzi kollha biex nindirizzaw it-theddid għas-sigurtà u s-sikurezza marittima jridu jitwettqu f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż kif rifless fil-prinċipji inkorporati fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982 dwar id-Dritt tal-Baħar[13], filwaqt li jitqiesu strumenti rilevanti oħra li huma konsistenti mal-Konvenzjoni. Iddeċidejna li:

(a) Intejbu l-kooperazzjoni u l-involviment internazzjonali fil-livelli globali, reġjonali, subreġjonali u bilaterali biex niġġieldu t-theddid kollu għas-sigurtà u s-sikurezza marittima, f'konformità mad-dritt internazzjonali;

(b) Nippromwovu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost l-Istati u l-bini tal-kapaċitajiet għad-detezzjoni, il-prevenzjoni u t-trażżin ta' tali theddid f'konformità mad-dritt internazzjonali.

**Azzjoni 23. Se nsegwu futur ħieles mit-terroriżmu.**

44. Nikkundannaw bil-qawwa t-terroriżmu, fil-forom u l-manifestazzjonijiet kollha tiegħu, imwettaq minn kwalunkwe persuna, fi kwalunkwe post u fi kwalunkwe ħin. Naffermaw mill-ġdid li l-atti terroristiċi kollha huma kriminali u mhux ġustifikabbli, irrispettivament mill-motivazzjoni tagħhom jew mill-mod kif l-awturi tar-reat jistgħu jipprovaw jiġġustifikawhom. Nenfasizzaw l-importanza li jiġu stabbiliti miżuri biex niġġieldu t-tixrid ta' propaganda terroristika, nipprevjenu u nrażżnu l-fluss ta' finanzjament u mezzi materjali għal attivitajiet terroristiċi, kif ukoll l-attivitajiet ta' reklutaġġ ta' organizzazzjonijiet terroristiċi. Naffermaw mill-ġdid li t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti li jwassal għat-terroriżmu ma jistgħu jkunu u ma għandhom ikunu assoċjati mal-ebda reliġjon, ċiviltà jew grupp etniku. Se nirduppjaw l-isforzi tagħna biex nindirizzaw il-kundizzjonijiet li jwasslu għat-tixrid tat-terroriżmu, nipprevjenu u niġġieldu t-terroriżmu, nibnu l-kapaċità tal-Istati biex jipprevjenu u jiġġieldu t-terroriżmu u nsaħħu r-rwol tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt internazzjonali, inklużi d-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd u l-istat tad-dritt huma l-bażi fundamentali tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti li jwassal għat-terroriżmu. Iddeċidejna li:

(a) Nimplimentaw approċċ ta' gvern sħiħ u approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha biex nipprevjenu u niġġieldu t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti li jwassal għat-terroriżmu, inkluż billi nindirizzaw il-fatturi ewlenin tat-terroriżmu, f'konformità mad-dritt internazzjonali;

[13] In-Nazzjonijiet Uniti, *Treaty Series* (Serje tat-Trattati), volum 1833, Nru. 31363.

(b) Nindirizzaw it-theddida kkawżata mill-użu ħażin ta' teknoloġiji ġodda u emerġenti, inklużi t-teknoloġiji diġitali u l-istrumenti finanzjarji, għal finijiet terroristiċi;

(c) Intejbu l-koordinazzjoni tal-isforzi tan-Nazzjonijiet Uniti favur il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kooperazzjoni bejn in-Nazzjonijiet Uniti u l-organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali rilevanti biex nipprevjenu u niġġieldu t-terroriżmu f'konformità mad-dritt internazzjonali, filwaqt li nqisu t-tnedija mill-ġdid tal-isforzi favur il-konklużjoni ta' konvenzjoni komprensiva dwar it-terroriżmu internazzjonali.

**Azzjoni 24. Se nipprevjenu u niġġieldu l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali u l-flussi finanzjarji illeċiti relatati.**

45. Il-kriminalità organizzata tranżnazzjonali u l-flussi finanzjarji illeċiti relatati jistgħu jikkawżaw theddida serja għas-sigurtà u l-paċi internazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli, inkluż permezz tar-rabtiet possibbli li jistgħu jeżistu f'xi każijiet bejn il-kriminalità organizzata tranżnazzjonali u l-gruppi terroristiċi. Iddeċidejna li:

(a) Inżidu l-isforzi biex nindirizzaw il-kriminalità organizzata tranżnazzjonali u l-flussi finanzjarji illeċiti relatati permezz ta' strateġiji komprensivi, inklużi l-prevenzjoni, id-detezzjoni bikrija, l-investigazzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tal-liġi, filwaqt li nindirizzaw il-fatturi ewlenin fi djalogu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti;

(b) Insaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali biex nipprevjenu u niġġieldu l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali fil-forom kollha tagħha, inkluż meta titwettaq permezz tal-użu ta' sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u nilqgħu l-elaborazzjoni tal-abbozz tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra ċ-Ċiberkriminalità.

**Azzjoni 25. Se nippromwovu l-objettiv ta' dinja ħielsa mill-armi nukleari.**

46. Gwerra nukleari tkun devastanti għall-umanità kollha u jeħtiġilna nagħmlu kull sforz biex nevitaw il-periklu ta' tali gwerra, filwaqt li nżommu f'moħħna li "gwerra nukleari ma tistax tintrebaħ u ma għandha qatt tiġi miġġielda". Se nirrispettaw l-obbligi u l-impenji rispettivi tagħna. Intennu t-tħassib serju tagħna dwar l-istat tad-diżarm nukleari. Naffermaw mill-ġdid id-dritt inaljenabbli tal-pajjiżi kollha li jiżviluppaw ir-riċerka, il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija nukleari għal finijiet paċifiċi mingħajr diskriminazzjoni, f'konformità mal-obbligi rispettivi tagħhom. Iddeċidejna li:

(a) Nimpenjaw ruħna mill-ġdid favur l-objettiv li l-armi nukleari jiġu eliminati totalment;

(b) Nagħrfu li, filwaqt li l-objettiv finali tal-isforzi tal-Istati kollha għandu jkompli jkun id-diżarm ġenerali u komplet taħt kontroll internazzjonali effettiv, l-objettiv immedjat huwa li neliminaw il-periklu ta' gwerra nukleari u nimplimentaw miżuri biex tiġi evitata tellieqa tal-armi u titwitta t-triq lejn paċi dejjiema;

(c) Nonoraw u nirrispettaw il-garanziji kollha tas-sigurtà eżistenti mogħtija, inkluż b'rabta mat-trattati u l-protokolli rilevanti ta' żoni ħielsa mill-armi nukleari u l-garanziji assoċjati tagħhom kontra l-użu jew it-theddid tal-użu tal-armi nukleari;

(d) Nimpenjaw ruħna li nsaħħu l-arkitettura tad-diżarm u n-nonproliferazzjoni u naħdmu biex nipprevjenu kwalunkwe erożjoni ta' normi internazzjonali eżistenti u nieħdu l-passi kollha possibbli biex nipprevjenu gwerra nukleari;

(e) Infittxu li naċċeleraw l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-obbligi u l-impenji rispettivi fil-qasam tad-diżarm u n-nonproliferazzjoni nukleari, inkluż billi naderixxu mal-istrumenti legali internazzjonali rilevanti u billi noħolqu żoni ħielsa mill-armi nukleari biex intejbu s-sigurtà u l-paċi internazzjonali u niksbu dinja ħielsa mill-armi nukleari.

**Azzjoni 26. Se nirrispettaw l-obbligi u l-impenji tagħna fil-qasam tad-diżarm.**

47. Nesprimu t-tħassib serju tagħna dwar l-għadd dejjem akbar ta' azzjonijiet li jmorru kontra n-normi internazzjonali eżistenti u n-nuqqas ta' konformità mal-obbligi fil-qasam tad-diżarm, il-kontroll tal-armi u n-nonproliferazzjoni. Se nirrispettaw id-dritt internazzjonali li japplika għall-armi, il-mezzi u l-metodi tal-gwerra, u nappoġġjaw l-isforzi progressivi biex il-kummerċ illeċitu tal-armi jinqered b'mod effettiv. Nagħrfu l-importanza li nżommu u nsaħħu r-rwol tal-mekkaniżmu tad-diżarm tan-Nazzjonijiet Uniti. Kwalunkwe użu ta' armi kimiċi u bijoloġiċi minn kwalunkwe persuna, fi kwalunkwe post u fi kwalunkwe ċirkostanza huwa inaċċettabbli. Nappellaw għal konformità sħiħa mat-trattati rilevanti u għall-implimentazzjoni tagħhom. Naffermaw mill-ġdid id-determinazzjoni kondiviża tagħna li neskludu kompletament il-possibbiltà li jintużaw aġenti u tossini bijoloġiċi bħala armi u li nsaħħu l-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni u l-Ħażna ta' Armi Batterjoloġiċi (Bijoloġiċi) u Tossiniċi u dwar il-Qerda Tagħhom[14]. Iddeċidejna li:

(a) Nagħtu ħajja ġdida lir-rwol tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qasam tad-diżarm, inkluż billi nirrakkomandaw li l-Assemblea Ġenerali tkompli l-ħidma li tista' tappoġġja t-tħejjija tar-raba' sessjoni speċjali ddedikata għad-diżarm (SSOD-IV);

(b) Insegwu dinja ħielsa minn armi kimiċi u bijoloġiċi u niżguraw li dawk responsabbli għal kwalunkwe użu ta' dawn l-armi jiġu identifikati u jinżammu responsabbli;

(c) Nindirizzaw ir-riskji bijoloġiċi emerġenti u li qed jevolvu permezz tat-titjib tal-proċessi biex nantiċipaw, nipprevjenu, nikkoordinaw u nħejju għal tali riskji, irrispettivament minn jekk ikunux ikkawżati minn rilaxx naturali, aċċidentali jew intenzjonat ta' aġenti bijoloġiċi;

(d) Nidentifikaw, neżaminaw u niżviluppaw miżuri effettivi, inklużi miżuri legalment vinkolanti possibbli, biex insaħħu u nistituzzjonalizzaw in-normi u l-istrumenti internazzjonali kontra l-iżvilupp, il-produzzjoni, l-akkwist, it-trasferiment, il-ħażna, iż-żamma u l-użu ta' aġenti u tossini bijoloġiċi bħala armi;

(e) Insaħħu l-miżuri biex nipprevjenu l-akkwist tal-armi ta' qerda massiva minn atturi mhux Statali;

(f) Nirduppjaw l-isforzi tagħna biex nimplimentaw l-obbligi rispettivi tagħna skont l-istrumenti internazzjonali rilevanti sabiex nipprojbixxu jew nirrestrinġu l-armi konvenzjonali minħabba l-impatt umanitarju tagħhom u nieħdu passi biex nippromwovu l-aspetti rilevanti kollha tal-azzjoni kontra l-mini;

(g) Insaħħu l-isforzi nazzjonali u internazzjonali tagħna biex niġġieldu, nipprevjenu u neqirdu l-kummerċ illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir fl-aspetti kollha tiegħu;

(h) Nindirizzaw il-lakuni eżistenti fil-ġestjoni tal-munizzjon konvenzjonali tul il-ħajja biex innaqqsu r-riskji doppji ta' splużjonijiet tal-munizzjon konvenzjonali mhux ippjanati u d-devjazzjoni u t-traffikar illeċitu ta'

[14] *Ibid.*, volum 1015, Nru. 14860.

munizzjon konvenzjonali lil riċevituri mhux awtorizzati, inklużi l-kriminali, il-gruppi kriminali organizzati u t-terroristi.

**Azzjoni 27. Se naħtfu l-opportunitajiet assoċjati ma' teknoloġiji ġodda u emerġenti u nindirizzaw ir-riskji potenzjali kkawżati mill-użu ħażin tagħhom.**

48. Nagħrfu li bidla teknoloġika rapida tippreżenta opportunitajiet u riskji għall-isforzi kollettivi tagħna biex inżommu s-sigurtà u l-paċi internazzjonali. Id-dritt internazzjonali, inkluża l-Karta, se jiggwida l-approċċ tagħna biex nindirizzaw dawn ir-riskji. Iddeċidejna li:

(a) Nippromwovu miżuri u negozjati internazzjonali xierqa biex nipprevjenu tellieqa tal-armi fl-ispazju ekstratmosferiku fl-aspetti kollha tagħha, li jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, b'mod konsistenti mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-prinċipji li jirregolaw l-attivitajiet tal-Istati fl-esplorazzjoni u fl-użu tal-ispazju ekstratmosferiku, inkluż il-qamar u l-korpi ċelesti oħrajn[15];

(b) Nippromwovu b'urġenza diskussjonijiet dwar is-sistemi ta' armi awtonomi letali permezz tal-grupp ta' esperti governattivi dwar it-teknoloġiji emerġenti fil-qasam tas-sistemi ta' armi awtonomi letali bil-għan li jiġu żviluppati strument, mingħajr preġudizzju għan-natura tiegħu, u miżuri possibbli oħra biex jiġu indirizzati t-teknoloġiji emerġenti fil-qasam tas-sistemi ta' armi awtonomi letali, filwaqt li nagħrfu li d-dritt umanitarju internazzjonali jkompli japplika bis-sħiħ għas-sistemi kollha tal-armi, inklużi l-iżvilupp u l-użu potenzjali tas-sistemi ta' armi awtonomi letali;

(c) Intejbu l-kooperazzjoni internazzjonali u l-isforzi għall-bini tal-kapaċitajiet sabiex innaqqsu d-distakki diġitali u niżguraw li l-Istati kollha jkunu jistgħu jaħtfu l-benefiċċji tat-teknoloġiji diġitali b'mod sikur u sigur;

(d) Inkomplu nivvalutaw ir-riskji eżistenti u potenzjali assoċjati mal-applikazzjonijiet militari tal-intelliġenza artifiċjali u l-opportunitajiet possibbli matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti;

(e) Nitolbu lis-Segretarju Ġenerali jkompli jaġġorna lill-Istati Membri dwar it-teknoloġiji ġodda u emerġenti permezz tar-rapport tas-Segretarju Ġenerali dwar l-iżviluppi attwali fix-xjenza u t-teknoloġija u l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-sigurtà internazzjonali u l-isforzi għad-diżarm.

## III. Ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni u l-kooperazzjoni diġitali

49. Ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni għandhom il-potenzjal li jaċċeleraw it-twettiq tal-aspirazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fit-tliet pilastri kollha tal-ħidma tagħhom. Se nkunu nistgħu nwettqu dan il-potenzjal biss permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali biex nisfruttaw il-benefiċċji u nieħdu passi qalbiena, ambizzjużi u deċiżivi biex innaqqsu d-distakk dejjem akbar fi ħdan u bejn il-pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw u naċċeleraw il-progress fl-Aġenda 2030. Biljuni ta' nies, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, ma għandhomx aċċess sinifikattiv għal teknoloġiji kritiċi li jbiddlu l-ħajja. Jekk irridu nżommu l-wegħda tagħna li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, il-kondiviżjoni tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni hija essenzjali. L-innovazzjonijiet u r-rivoluzzjonijiet xjentifiċi li jistgħu jagħmlu l-pjaneta tagħna aktar sostenibbli u l-pajjiżi tagħna aktar prosperi u reżiljenti għandhom ikunu affordabbli u aċċessibbli għal kulħadd.

[15] *Ibid.*, volum 610, Nru. 8843.

50. Fl-istess ħin, jeħtiġilna niġġestixxu b'mod responsabbli r-riskji potenzjali kkawżati mix-xjenza u mit-teknoloġija, b'mod partikolari l-modi li bihom ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni jistgħu jipperpetwaw u japprofondixxu d-distakki, b'mod partikolari d-differenza bejn il-ġeneri u x-xejriet ta' diskriminazzjoni u l-inugwaljanza fi ħdan u bejn il-pajjiżi u jħallu impatt negattiv fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem u l-progress fl-iżvilupp sostenibbli. Se napprofondixxu s-sħubijiet tagħna mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, speċjalment l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, is-settur privat, il-komunitajiet tekniċi u akkademiċi u s-soċjetà ċivili, u se niżguraw li x-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni jkunu katalizzatur għal dinja aktar inklużiva, ekwa, sostenibbli u prospera għal kulħadd, fejn id-drittijiet tal-bniedem kollha jiġu rispettati bis-sħiħ.

51. It-teknoloġiji diġitali u emerġenti, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, għandhom rwol sinifikanti bħala faċilitaturi tal-iżvilupp sostenibbli u qed ibiddlu b'mod drammatiku d-dinja tagħna. Dawn joffru potenzjal enormi għall-progress għall-benefiċċju tan-nies u tal-pjaneta llum u fil-futur. Determinati li nwettqu dan il-potenzjal u niġġestixxu r-riskji permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali mtejba, involviment mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, u billi nippromwovu futur diġitali inklużiv, responsabbli u sostenibbli. F'dan ir-rigward, qed inżidu bħala anness il-Patt Diġitali Globali ma' dan il-Patt.

**Azzjoni 28. Se naħtfu l-opportunitajiet ippreżentati mix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni għall-benefiċċju tan-nies u tal-pjaneta.**

52. Se nkunu ggwidati mill-prinċipji tal-ekwità u s-solidarjetà, u se nippromwovu l-użu responsabbli u etiku tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni. Iddeċidejna li:

(a) Inrawmu u nippromwovu ambjent miftuħ, ġust u inklużiv għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni xjentifiċi u teknoloġiċi madwar id-dinja, inkluż permezz tal-bini b'mod attiv tal-fiduċja fix-xjenza u l-kollaborazzjoni globali fil-qasam tal-innovazzjoni;

(b) Inżidu l-użu tax-xjenza, l-għarfien xjentifiku u l-evidenza xjentifika fit-tfassil tal-politika u niżguraw li l-isfidi globali kumplessi jiġu indirizzati permezz ta' kollaborazzjoni interdixxiplinari;

(c) Ninkoraġġixxu l-mobbiltà u ċ-ċirkolazzjoni tat-talenti, inkluż permezz ta' programmi edukattivi, u nappoġġjaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex iżommu t-talent u jipprevjenu eżodu ta' mħuħ filwaqt li jipprovdu kundizzjonijiet u opportunitajiet edukattivi u tax-xogħol xierqa għall-forza tax-xogħol.

**Azzjoni 29. Se nżidu l-mezzi ta' implimentazzjoni għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex insaħħu l-kapaċitajiet tagħhom tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni.**

53. Ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni huma kritiċi biex nappoġġjaw u nippermettu t-tkabbir sostenibbli u l-azzjoni klimatika u biex naċċeleraw l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. Huwa imperattiv li nikkollaboraw biex innaqqsu d-distakk fix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni fi ħdan u bejn il-pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw, u biex nappoġġjaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw ħalli jisfruttaw b'mod paċifiku x-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni u jiksbu żvilupp sostenibbli, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet speċjali, kif ukoll dawk li qed jiffaċċjaw sfidi speċifiċi. Intennu l-ħtieġa li naċċeleraw it-trasferiment ta' teknoloġiji li jirrispettaw l-ambjent lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw b'termini favorevoli, inkluż b'termini konċessjonali u preferenzjali, kif maqbul b'mod reċiproku. Iddeċidejna li:

(a) Niżguraw li x-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni jikkontribwixxu kemm għall-isforzi tagħna biex neqirdu l-faqar, fil-forom u d-dimensjonijiet kollha tiegħu, u l-ġuħ, u biex innaqqsu l-inugwaljanzi, kif ukoll għal oqsma bħas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, is-saħħa, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, il-klima u l-ambjent;

(b) Inżidu l-isforzi biex nappoġġjaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari min-naħa tal-pajjiżi żviluppati u dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw f'pożizzjoni li jagħmlu dan, jiżviluppaw il-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni permezz ta' skambji ta' politika, kondiviżjoni tal-għarfien, assistenza teknika, finanzjament, riċerka internazzjonali konġunta u taħriġ tal-persunal imfassla għall-ħtiġijiet, il-politiki u l-prijoritajiet speċifiċi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

(c) Nappoġġjaw l-iżvilupp, it-tixrid u l-użu sostenibbli ta' teknoloġiji emerġenti u b'sors miftuħ u nappoġġjaw il-politiki favur ix-xjenza miftuħa u l-innovazzjoni miftuħa u l-għarfien espert għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

(d) Insaħħu l-kooperazzjoni Tramuntana-Nofsinhar, il-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u dik triangolari, filwaqt li nqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti biex nibnu l-kapaċità għax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni u ntejbu l-aċċess għalihom, u nżidu r-riżorsi għall-implimentazzjoni ta' inizjattivi tekniċi u xjentifiċi;

(e) Inżidu l-finanzjament mis-sorsi kollha għar-riċerka xjentifika u l-infrastruttura tar-riċerka li jappoġġja l-iżvilupp sostenibbli u jżid l-opportunitajiet għall-kooperazzjoni fir-riċerka, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

(f) Nattiraw u nappoġġjaw l-investiment tas-settur privat fix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, u napprofondixxu s-sħubijiet pubbliċi-privati billi nrawmu ambjent favorevoli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jinkoraġġixxi l-investiment u l-intraprenditorija, jiżviluppa ekosistemi tal-innovazzjoni lokali u jippromwovi xogħol deċenti, u billi niżguraw li l-innovazzjoni tkun tista' tilħaq is-swieq globali;

(g) Nippromowvu u nżommu ktajjen tal-provvista globali stabbli u reżiljenti biex nagħmlu l-prodotti u s-servizzi xjentifiċi u teknoloġiċi aktar aċċessibbli għal kulħadd.

**Azzjoni 30. Se niżguraw li x-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni jikkontribwixxu biex kulħadd igawdi bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem.**

54. Nagħrfu l-opportunitajiet u r-riskji ppreżentati mix-xjenza, mit-teknoloġija u mill-innovazzjoni biex id-drittijiet tal-bniedem kollha jiġu promossi, protetti u ssodisfati. Iddeċidejna li:

(a) Niżguraw li r-riċerka xjentifika u teknoloġika kollha titwettaq b'mod responsabbli u etiku li jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem kollha u jipproteġi l-awtonomija, il-libertà u s-sikurezza tar-riċerkaturi xjentifiċi;

(b) Nintegraw il-perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem fil-proċessi regolatorji u tal-iffissar tan-normi għal teknoloġiji ġodda u emerġenti, u nistiednu lis-settur privat jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u jħares il-prinċipji ta' etika fl-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji ġodda u emerġenti;

(c) Niżguraw li dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jibbenefikaw mill-iżvilupp u mill-applikazzjoni tax-xjenza, tat-teknoloġija u tal-innovazzjoni u jipparteċipaw bis-sħiħ u b'mod sinifikattiv fihom;

(d) Naħtfu l-opportunitajiet ipprovduti minn teknoloġiji ġodda u emerġenti biex insaħħu l-pożizzjoni tal-persuni b'diżabbiltà u navvanzaw l-ekwità għalihom, inkluż billi nippromwovu d-disponibbiltà ta' teknoloġiji assistivi.

**Azzjoni 31. Se niżguraw li x-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni jtejbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ħajja tan-nisa u tal-bniet kollha.**

55. Ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni jistgħu jtejbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ħajja tan-nisa u tal-bniet. Ninsabu mħassba serjament dwar id-distakk diġitali bejn il-ġeneri u dwar il-fatt li bidla teknoloġika mgħaġġla tista' taggrava l-inugwaljanza eżistenti bejn il-ġeneri u tippreżenta riskji serji għan-nisa u għall-bniet kollha. Iddeċidejna li:

(a) Nindirizzaw l-ostakli għall-aċċess sħiħ, ugwali u sinifikattiv u għall-parteċipazzjoni u għat-tmexxija fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni għan-nisa u għall-bniet kollha, inkluż permezz ta' titjib tal-opportunitajiet ta' edukazzjoni, impjiegi u riċerka għan-nisa u għall-bniet f'oqsma bħax-xjenza, it-teknoloġija, l-innovazzjoni, il-matematika u l-inġinerija;

(b) Nindirizzaw ir-riskji u l-isfidi relatati mal-ġeneru li jitfaċċaw mill-użu tat-teknoloġiji, inklużi l-forom kollha ta' vjolenza, inkluża l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, it-traffikar ta' bnedmin, il-fastidju, il-preġudizzju u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet kollha li jseħħu jew jiġu amplifikati permezz tal-użu tat-teknoloġija, inkluż kontra l-ħaddiema migranti nisa.

**Azzjoni 32. Se nipproteġu l-għarfien Indiġenu, tradizzjonali u lokali, u nibnu fuqu u nikkomplementawh.**

56. Nagħrfu l-ħtieġa li x-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni jiġu adattati u jsiru rilevanti għall-ħtiġijiet u għaċ-ċirkostanzi lokali, inkluż għall-komunitajiet lokali, għall-popolazzjonijiet tradizzjonali ta' dixxendenza Afrikana, u għall-Popli Indiġeni, f'konformità mal-prinċipju ta' kunsens liberu, minn qabel u infurmat, kif xieraq. Iddeċidejna li:

(a) Inrawmu sinerġiji bejn ix-xjenza u t-teknoloġija u l-għarfien, is-sistemi, il-prattiki u l-kapaċitajiet tradizzjonali, lokali, ta' dixxendenza Afrikana u Indiġeni.

**Azzjoni 33. Se nappoġġjaw lis-Segretarju Ġenerali biex isaħħaħ ir-rwol tan-Nazzjonijiet Uniti fl-appoġġ favur il-kooperazzjoni internazzjonali fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni.**

57. Nagħrfu r-rwol indispensabbli tan-Nazzjonijiet Uniti fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni. Nieħdu nota tal-istabbiliment tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku tas-Segretarju Ġenerali biex jipprovdi konsulenza xjentifika indipendenti. Nitolbu lis-Segretarju Ġenerali:

(a) Isaħħaħ il-kapaċitajiet tan-Nazzjonijiet Uniti biex jagħmlu użu strateġiku mix-xjenza, mit-teknoloġija u mill-innovazzjoni fil-ħidma tal-Organizzazzjoni, inkluż f'termini ta' ppjanar, tbassir u antiċipazzjoni, u biex jimmonitorjaw u jkejlu l-progress globali li għaddej biex jitnaqqas id-distakk fix-xjenza u fit-teknoloġija fi ħdan il-pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw u bejniethom;

(b) Jappoġġja lill-Gvernijiet nazzjonali jagħmlu użu strateġiku mix-xjenza u t-teknoloġija għall-iżvilupp sostenibbli, inkluż billi jesploraw modi biex isaħħu l-kapaċità u l-għarfien espert tat-timijiet tal-pajjiżi tan-Nazzjonijiet Uniti.

## IV. Iż-żgħażagħ u l-ġenerazzjonijiet futuri

58. Il-ġenerazzjoni tal-lum ta' tfal u ta' żgħażagħ hija l-akbar waħda fl-istorja, u l-biċċa l-kbira minnhom jgħixu f'pajjiżi li qed jiżviluppaw. Huma aġenti

indispensabbli ta' bidla pożittiva u aħna nilqgħu l-kontribut importanti taż-żgħażagħ għall-paċi u għas-sigurtà, għall-iżvilupp sostenibbli u għad-drittijiet tal-bniedem. Madankollu, madwar id-dinja tagħna, miljuni ta' tfal u ta' żgħażagħ huma mċaħħda mill-kundizzjonijiet li jeħtieġu biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom u biex igawdu d-drittijiet tal-bniedem tagħhom, speċjalment dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Hemm tfal u żgħażagħ li għadhom jgħixu f'faqar estrem, mingħajr aċċess għal servizzi bażiċi indispensabbli u mingħajr rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom. Nagħrfu li, flimkien mal-ġenerazzjonijiet futuri, dawn se jgħixu bil-konsegwenzi tal-azzjonijiet li nieħdu u tal-azzjonijiet li ma niħdux. Se ninvestu fl-involviment taż-żgħażagħ u nippromwovuh fil-livelli nazzjonali u internazzjonali biex niżguraw futur aħjar għal kulħadd.

59. Nagħrfu li t-tfal u ż-żgħażagħ huma gruppi distinti mill-ġenerazzjonijiet futuri. Jeħtiġilna niżguraw li t-teħid tad-deċiżjonijiet u t-tfassil tal-politika llum iqisu aktar il-ħtiġijiet u l-interessi tal-ġenerazzjonijiet li ġejjin, u li dawn ikunu bbilanċjati mal-ħtiġijiet u mal-interessi tal-ġenerazzjonijiet attwali. Żidna anness mal-Patt għall-Futur b'Dikjarazzjoni dwar il-Ġenerazzjonijiet Futuri u din id-Dikjarazzjoni tagħti dettalji dwar l-impenji tagħna f'dan ir-rigward.

**Azzjoni 34. Se ninvestu fl-iżvilupp soċjali u ekonomiku tat-tfal u taż-żgħażagħ sabiex ikunu jistgħu jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.**

60. Nisħqu fuq l-importanza li ninvestu f'servizzi essenzjali għat-tfal u għaż-żgħażagħ kollha, u li jiġi żgurat aċċess ekwu għalihom, speċjalment għas-saħħa, għall-edukazzjoni u għall-protezzjoni soċjali, biex navvanzaw l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tagħhom. Biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom u jiksbu xogħol deċenti, produttiv u impjiegi ta' kwalità, iż-żgħażagħ jeħtiġilhom ikollhom aċċess għal opportunitajiet ta' edukazzjoni sikuri, inklużivi, ekwi u ta' kwalità, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, tul ħajjithom kollha li jagħtuhom l-għarfien, il-ħiliet u l-kapaċitajiet li jeħtieġu biex jirnexxu f'dinja li qed tinbidel malajr. Iddeċidejna li:

(a) Inżidu l-investiment mis-sorsi kollha f'servizzi essenzjali għaż-żgħażagħ u niżguraw li l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet speċifiċi tagħhom jiġu integrati fl-istrateġiji ta' żvilupp nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, niżguraw li s-servizzi jkunu aċċessibbli għaż-żgħażagħ kollha u nistiednu lis-Segretarju Ġenerali jaġġorna lill-Istati Membri dwar il-proposta għal Pjattaforma Globali ta' Investiment għaż-Żgħażagħ biex jiġu attirati u ffinanzjati aħjar il-programmi relatati maż-żgħażagħ fil-livell nazzjonali;

(b) Inħaffu l-pass tal-isforzi bil-għan li tinkiseb kopertura tas-saħħa universali ħalli jiġi żgurat li ż-żgħażagħ kollha jgawdu l-ogħla standard possibbli ta' saħħa fiżika u mentali, inklużi l-immunizzazzjonijiet u t-tilqim u s-saħħa sesswali u riproduttiva, u nindirizzaw l-isfidi kollha ffaċċjati mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jiksbu dawn l-għanijiet;

(c) Nappoġġjaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex iżidu b'mod sinifikanti l-investiment mis-sorsi kollha fl-edukazzjoni u fil-ħiliet, speċjalment fl-edukazzjoni u fil-ħiliet tat-tfal żgħar u tal-bniet, ħalli jinbnew sistemi edukattivi inklużivi, aċċessibbli u reżiljenti u joħolqu opportunitajiet ta' apprendiment tul il-ħajja mfassla għall-ħtiġijiet attwali u futuri taż-żgħażagħ u tat-tfal billi jittejbu l-kurrikuli u l-iżvilupp professjonali tal-għalliema, jiġu sfruttati t-teknoloġiji diġitali u jittejjeb l-aċċess għat-taħriġ tekniku u vokazzjonali biex iż-żgħażagħ jiġu megħjuna jikkontribwixxu għas-soċjetajiet tagħhom;

(d) Noħolqu impjiegi u għajxien deċenti għaż-żgħażagħ, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u b'mod partikolari għaż-żgħażagħ nisa u għal dawk iż-żgħażagħ f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, filwaqt li neħħu l-inugwaljanzi fl-ekonomija tal-kura, u nistabbilixxu u niżguraw l-aċċess taż-żgħażagħ għal sistemi

ta' protezzjoni soċjali universali, adegwati, komprensivi, u sostenibbli li jkunu fir-riedni tal-pajjiż;

(e) Nagħtu s-setgħa, ninkoraġġixxu u nappoġġjaw liż-żgħażagħ biex isegwu l-intraprenditorija u l-innovazzjoni u jittrasformaw l-ideat tagħhom f'opportunitajiet ta' negozju vijabbli;

(f) Nimplimentaw politiki favur il-familja u politiki orjentati lejn il-familja li jappoġġjaw l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tat-tfal u taż-żgħażagħ sabiex ikunu jistgħu jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom u jgawdu d-drittijiet tal-bniedem tagħhom.

**Azzjoni 35. Se nippromwovu, nipproteġu u nirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem taż-żgħażagħ kollha u nrawmu l-inklużjoni u l-integrazzjoni soċjali.**

61. Naffermaw mill-ġdid l-importanza li niżguraw li ż-żgħażagħ kollha jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom, nipproteġuhom mill-vjolenza u nrawmu l-inklużjoni u l-integrazzjoni soċjali, speċjalment tal-ifqar persuni, dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi l-popolazzjonijiet ta' dixxendenza Afrikana, u dawk li jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla u sovraposta. Iddeċidejna li:

(a) Insaħħu l-ġlieda tagħna kontra l-forom kollha ta' razziżmu, diskriminazzjoni razzjali, ksenofobija u l-forom kollha ta' intolleranza li għandhom impatt fuq iż-żgħażagħ u li jxekklu l-kapaċità tagħhom biex jilħqu l-potenzjal tagħhom, u niġġieldu l-mibegħda reliġjuża li tikkostitwixxi inċitament għad-diskriminazzjoni, għall-ostilità jew għall-vjolenza;

(b) Nintensifikaw l-isforzi internazzjonali, reġjonali u nazzjonali biex nieħdu miżuri immedjati u effettivi bil-għan li neqirdu x-xogħol furzat, intemmu l-iskjavitù moderna u t-traffikar ta' bnedmin, speċjalment tan-nisa u tat-tfal, u neliminaw kull forma ta' tħaddim tat-tfal;

(c) Nindirizzaw l-isfidi ffaċċjati minn nisa żgħażagħ u mill-bniet kollha, inkluż billi niġġieldu l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u n-normi soċjali negattivi u neliminaw id-diskriminazzjoni, il-fastidju, il-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa żgħażagħ u l-bniet, inkluża l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, u l-prattiki dannużi, inklużi l-mutilazzjoni ġenitali femminili u ż-żwieġ prekoċi u furzat tat-tfal;

(d) Intejbu l-inklużjoni u neliminaw l-ostakli kollha li jxekklu liż-żgħażagħ b'diżabbiltà milli jiksbu u jżommu awtonomija u indipendenza massima u inklużjoni u parteċipazzjoni sħiħa fl-aspetti kollha tal-ħajja u ninvestu f'teknoloġiji assistivi li jistgħu jippromwovu l-parteċipazzjoni sħiħa, effettiva u sinifikattiva tagħhom fis-soċjetà;

(e) Nindirizzaw l-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima u sfidi ambjentali oħra li jikkostitwixxu theddid għall-kapaċità taż-żgħażagħ li jgawdu d-drittijiet tal-bniedem tagħhom u ambjent nadif, san u sostenibbli;

(f) Insaħħu s-sħubijiet interġenerazzjonali u s-solidarjetà fost il-ġenerazzjonijiet billi nippromwovu opportunitajiet għal interazzjoni volontarja, kostruttiva u regolari bejn iż-żgħażagħ u l-persuni akbar fl-età fil-familji, fil-postijiet tax-xogħol u fis-soċjetà inġenerali tagħhom.

**Azzjoni 36. Se nsaħħu l-parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażagħ fil-livell nazzjonali.**

62. Infaħħru l-kontribut importanti li ż-żgħażagħ diġà qed jagħtu għall-avvanz tal-paċi u tas-sigurtà, għall-iżvilupp sostenibbli u għad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżhom stess. Nistgħu nissodisfaw il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ kollha biss jekk nisimgħuhom b'mod sistematiku, naħdmu magħhom u nipprovdulhom opportunitajiet sinifikattivi biex isawru l-futur. Iddeċidejna li:

(a) Ninkoraġġixxu u nappoġġjaw l-istabbiliment ta' mekkaniżmi fil-livell nazzjonali, meta dawn ma jkunux jeżistu, nikkonsultaw maż-żgħażagħ u nipprovdulhom opportunitajiet sinifikattivi biex jinvolvu ruħhom fil-proċessi nazzjonali tat-tfassil tal-politika u tat-teħid tad-deċiżjonijiet appoġġjati, fuq talba, mis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-politiki nazzjonali;

(b) Nikkunsidraw li nrawmu djalogi interġenerazzjonali biex nibnu sħubijiet aktar b'saħħithom bejn individwi ta' gruppi ta' etajiet differenti, inklużi ż-żgħażagħ, u bejn il-Gvernijiet u ż-żgħażagħ;

(c) Nindirizzaw l-isfidi u nneħħu l-ostakli li jipprevjenu l-parteċipazzjoni sħiħa, sinifikattiva u effettiva taż-żgħażagħ kollha, inkluż għan-nisa żgħażagħ, għaż-żgħażagħ b'diżabbiltà u għaż-żgħażagħ ta' dixxendenza Afrikana u dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, fit-tfassil tal-politika u fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali, u ntejbu r-rappreżentanza tagħhom fl-istrutturi politiċi formali;

(d) Nappoġġjaw l-organizzazzjonijiet immexxija miż-żgħażagħ u ffukati fuqhom, b'mod partikolari permezz tal-bini tal-kapaċitajiet.

**Azzjoni 37. Se nsaħħu l-parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażagħ fil-livell internazzjonali.**

63. Nilqgħu l-progress li sar biex tiġi promossa l-parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażagħ fin-Nazzjonijiet Uniti. Ninsabu determinati li nħaffu l-pass ta' din il-ħidma billi niżguraw aktar parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti u billi nżidu r-rappreżentanza, l-effettività u l-impatt tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fin-Nazzjonijiet Uniti. Iddeċidejna li:

(a) Nippromwovu l-parteċipazzjoni sinifikattiva, inklużiva u effettiva taż-żgħażagħ fil-korpi u l-proċessi intergovernattivi rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti, meta dan ikun xieraq u f'konformità mar-regoli ta' proċedura u mal-prattika stabbilita, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji ta' parità bejn il-ġeneri, ta' rappreżentanza ġeografika bbilanċjata u ta' nondiskriminazzjoni;

(b) Ninkoraġġixxu l-inklużjoni taż-żgħażagħ, inklużi delegati żgħażagħ, fid-delegazzjonijiet nazzjonali għan-Nazzjonijiet Uniti;

(c) Nappellaw għal kontribuzzjonijiet għall-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għaż-Żgħażagħ sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti żgħażagħ minn pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-attivitajiet tan-Nazzjonijiet Uniti, filwaqt li titqies il-ħtieġa għal bilanċ ġeografiku akbar f'termini ta' rappreżentanza taż-żgħażagħ, u f'dan ir-rigward nitolbu lis-Segretarju Ġenerali jieħu azzjoni xierqa biex iħeġġeġ il-kontribuzzjonijiet għall-Fond, inkluż billi joħloq sensibilizzazzjoni dwar il-Fond;

(d) Nitolbu lis-Segretarju Ġenerali jkompli jiżviluppa prinċipji ewlenin, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u maż-żgħażagħ, għall-parteċipazzjoni sinifikattiva, rappreżentattiva, inklużiva u sikura taż-żgħażagħ fil-proċessi intergovernattivi rilevanti u fil-ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti, biex jiġu meqjusa mill-Istati Membri.

## V. It-trasformazzjoni tal-governanza globali

64. Illum, is-sistema multilaterali tagħna, mibnija wara t-Tieni Gwerra Dinjija, tinsab taħt pressjoni bħal qatt qabel. Kellha kisbiet notevoli f'dawn l-aħħar 80 sena. Iżda m'aħniex kompjaċenti dwar il-futur tal-ordni internazzjonali tagħna, u nafu li dan ma jistax jibqa' kif inhu. Se nieħdu azzjoni biex insaħħu u nagħtu spinta ġdida lill-multilateraliżmu u napprofondixxu l-kooperazzjoni internazzjonali. Naffermaw mill-ġdid impenn sod favur id-dritt internazzjonali, inkluża l-Karta, biex nindirizzaw l-isfidi globali, li wħud minnhom jistgħu jegħlbu

u jheddu lill-umanità kollha. Trasformazzjoni fil-governanza globali hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-progress pożittiv li rajna fit-tliet pilastri kollha tal-ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti f'dawn l-aħħar deċennji ma jisfax fix-xejn. Mhux se nippermettu li dan iseħħ.

65. Jeħtiġilna nġeddu l-fiduċja fl-istituzzjonijiet globali billi nagħmluhom aktar rappreżentattivi u reattivi għad-dinja tal-lum kif ukoll aktar effettivi fit-twettiq tal-impenji li ħadna ma' xulxin u mal-popli tagħna. Inġeddu l-impenn tagħna favur il-multilateraliżmu u l-kooperazzjoni internazzjonali, iggwidati mill-Karta u mill-prinċipji ta' fiduċja, ekwità, solidarjetà u universalità. Se nittrasformaw il-governanza globali u nsaħħu s-sistema multilaterali biex ngħinu lilna nfusna niksbu dinja li tkun sikura, paċifika, ġusta, ugwali, inklużiva, sostenibbli u prospera.

**Azzjoni 38. Se nittrasformaw il-governanza globali u nagħtu spinta ġdida lis-sistema multilaterali biex nindirizzaw l-isfidi, u naħtfu l-opportunitajiet, tal-lum u ta' għada.**

66. Determinati li nagħmlu s-sistema multilaterali, bin-Nazzjonijiet Uniti fiċ-ċentru tagħha, aktar:

(a) Effettiva u kapaċi tgħinna nżommu l-wegħdiet tagħna, b'mekkaniżmi ta' implimentazzjoni, trasparenza u responsabbiltà msaħħa biex jiġi żgurat li l-impenji tagħna jiġu ssodisfati u biex terġa' tinbena l-fiduċja fl-istituzzjonijiet globali;

(b) Imħejjija għall-futur, billi nibnu l-kapaċitajiet u nisfruttaw it-teknoloġija u d-data biex nantiċipaw ir-riskji, naħtfu l-opportunitajiet, naġixxu kmieni u nimmaniġġjaw l-inċertezza;

(c) Ġusta, demokratika, ekwa u rappreżentattiva tad-dinja tal-lum biex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha, speċjalment il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sinifikattiv fit-teħid ta' deċiżjonijiet globali f'istituzzjonijiet multilaterali u tintegra aħjar il-vuċi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet globali;

(d) Inklużiva, biex jingħata lok għall-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-partijiet ikkonċernati rilevanti f'formati xierqa, filwaqt li jiġi affermat mill-ġdid il-karattru intergovernattiv tan-Nazzjonijiet Uniti u r-rwol uniku u ċentrali tal-Istati biex jintlaħqu l-isfidi globali;

(e) Interkonnessa, biex jiġi żgurat li s-sistema multilaterali tkun tista' tiġbor flimkien il-kapaċitajiet istituzzjonali eżistenti, taħdem aħjar bħala sistema, tegħleb il-frammentazzjoni u tindirizza b'mod komprensiv l-isfidi multidimensjonali u multisettorjali, filwaqt li timmassimizza l-effiċjenzi;

(f) Finanzjarjament stabbli, billi jiġi żgurat finanzjament adegwat, sostenibbli u prevedibbli għan-Nazzjonijiet Uniti, u għal dak il-għan nimpenjaw ruħna li nissodisfaw l-obbligi finanzjarji tagħna bis-sħiħ, fil-ħin u mingħajr kundizzjonijiet.

**Azzjoni 39. Se nirriformaw il-Kunsill tas-Sigurtà, u nirrikonoxxu l-ħtieġa urġenti li dan isir aktar rappreżentattiv, inklużiv, trasparenti, effiċjenti, effettiv, demokratiku u responsabbli.**

67. B'reazzjoni għall-urġenza dejjem tikber biex tiżdied l-effettività tal-kapaċità tan-Nazzjonijiet Uniti li jżommu s-sigurtà u l-paċi internazzjonali kif stabbilit fil-Karta, naqblu dwar il-prinċipji gwida li ġejjin, identifikati fin-negozjati intergovernattivi dwar il-kwistjoni ta' rappreżentanza ekwa u ż-żieda fis-sħubija tal-Kunsill tas-Sigurtà u kwistjonijiet oħra relatati mal-Kunsill f'konformità mad-deċiżjoni tal-Assemblea Ġenerali 62/557 tal-15 ta' Settembru 2008 bħala parametri għar-riforma:

(a) Nirrimedjaw l-inġustizzja storika kontra l-Afrika bħala prijorità u, filwaqt li nittrattaw l-Afrika bħala każ speċjali, intejbu r-rappreżentanza tar-reġjuni u tal-gruppi sottorappreżentati u mhux rappreżentati, bħal dawk tal-Asja-Paċifiku u tal-Amerka Latina u tal-Karibew;

(b) Inkabbru l-Kunsill tas-Sigurtà biex ikun aktar rappreżentattiv tal-kompożizzjoni attwali tan-Nazzjonijiet Uniti u jirrifletti r-realtajiet tad-dinja kontemporanja u, filwaqt li nqisu l-impenji tagħna tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 16.8, inżidu r-rappreżentanza tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u tal-Istati żgħar u ta' daqs medju;

(c) Inkomplu d-diskussjonijiet dwar il-kwistjoni tar-rappreżentanza tal-gruppi transreġjonali, filwaqt li nqisu l-fatt li l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, l-Istati Għarab u oħrajn, bħall-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika, ġew imsemmija fid-diskussjonijiet tan-negozjati intergovernattivi;

(d) Nintensifikaw l-isforzi biex jintlaħaq qbil dwar il-kwistjoni tal-kategoriji ta' sħubija, filwaqt li nqisu d-diskussjonijiet li saru fil-proċess ta' negozjati intergovernattivi;

(e) In-numru totali ta' membri ta' Kunsill imkabbar għandu jiżgura bilanċ bejn ir-rappreżentattività u l-effettività tiegħu;

(f) Il-metodi ta' ħidma għandhom jiżguraw il-funzjonament inklużiv, trasparenti, effiċjenti, effettiv, demokratiku u responsabbli ta' Kunsill imkabbar;

(g) Il-kwistjoni tal-veto hija element ewlieni tar-riforma tal-Kunsill tas-Sigurtà. Se nintensifikaw l-isforzi biex jintlaħaq qbil dwar il-futur tal-veto, inklużi diskussjonijiet dwar limitu fuq il-kamp ta' applikazzjoni u l-użu tiegħu;

(h) Bħala parti minn riforma komprensiva, għandha titqies l-inklużjoni ta' klawżola ta' rieżami biex jiġi żgurat li l-Kunsill tas-Sigurtà jkompli jwettaq il-mandat tiegħu maż-żmien u jibqa' adatt għall-iskop tiegħu.

**Azzjoni 40. Se nsaħħu l-isforzi tagħna fil-qafas tan-negozjati intergovernattivi dwar ir-riforma tal-Kunsill tas-Sigurtà bħala kwistjoni ta' prijorità u mingħajr dewmien.**

68. Nappoġġjaw in-natura tar-riforma tal-Kunsill tas-Sigurtà mmexxija mill-Istati Membri, u se nintensifikaw l-isforzi favur ir-riforma permezz tan-negozjati intergovernattivi f'konformità mad-deċiżjoni tal-Assemblea Ġenerali 62/557 u riżoluzzjonijiet u deċiżjonijiet rilevanti oħra tal-Assemblea Ġenerali, bħar-riżoluzzjoni53/30 tat-23 ta' Novembru 1998. Abbażi tal-progress reċenti miksub fin-negozjati intergovernattivi, inkluż permezz ta' aktar trasparenza u inklużività u bit-tisħiħ tal-memorja istituzzjonali tagħha, iddeċidejna li:

(a) Ninkoraġġixxu l-preżentazzjoni ta' aktar mudelli u r-reviżjoni ta' mudelli diġà ppreżentati mill-Istati u mill-Gruppi ta' Stati għad-djalogi strutturati bil-ħsieb li jiġi żviluppat mudell konsolidat fil-futur abbażi ta' konverġenzi fuq il-ħames raggruppamenti, u l-mudelli ppreżentati mill-Istati Membri.

**Azzjoni 41. Se nsaħħu r-reazzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà favur iż-żamma tas-sigurtà u l-paċi internazzjonali u r-relazzjoni tiegħu mal-Assemblea Ġenerali.**

69. Se nkomplu ntejbu u niddemokratizzaw il-metodi ta' ħidma tal-Kunsill tas-Sigurtà u nsaħħu r-relazzjoni tiegħu mal-Assemblea Ġenerali, f'konformità mal-funzjonijiet, mal-awtorità, mas-setgħat u mal-kompetenzi rispettivi tagħhom u b'rispett sħiħ lejhom kif minqux fil-Karta, bil-fehim li dan ma għandux

jissostitwixxi r-riforma tal-Kunsill tas-Sigurtà deskritta fl-azzjoni 39. Iddeċidejna li:

(a) Nimplimentaw bis-sħiħ u naderixxu mad-dispożizzjonijiet kollha tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti kif jirrelataw mal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-Kunsill tas-Sigurtà, inkluż l-Artikolu 27(3) tal-Karta;

(b) Nappoġġjaw l-azzjoni kredibbli, f'waqtha u deċiżiva mill-Kunsill tas-Sigurtà, meta jeżerċita r-responsabbiltà primarja tiegħu biex iżomm is-sigurtà u l-paċi internazzjonali, jew jipprevjeni jew itemm it-twettiq ta' ġenoċidju, delitti kontra l-umanità jew delitti tal-gwerra;

(c) Nirrinforzaw b'mod attiv l-isforzi li għaddejjin tal-Kunsill tas-Sigurtà biex jeżamina mill-ġdid il-metodi ta' ħidma tiegħu u jtejjibhom, inkluż, fost l-oħrajn, l-arranġamenti għall-editjar u għall-koeditjar, u biex isaħħaħ il-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni bejn il-Kunsill tas-Sigurtà u l-Assemblea Ġenerali u l-korpi sussidjarji tagħha, inkluża l-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi, kif ukoll il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali u l-arranġamenti reġjonali u sottoreġjonali, inkluż billi titkompla l-implimentazzjoni bis-sħiħ tar-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea 377 A (V) tat-3 ta' Novembru 1950 dwar l-għaqda għall-paċi u 76/262 tas-26 ta' April 2022 dwar l-inizjattiva tal-veto u jsir użu minnhom;

(d) Intejbu l-parteċipazzjoni fil-ħidma tal-Kunsill tas-Sigurtà u tal-organi sussidjarji tiegħu u l-aċċess għal din il-ħidma għall-membri kollha tal-Assemblea Ġenerali, biex jittejjeb l-obbligu ta' rendikont tal-Kunsill lejn il-membri u tiżdied it-trasparenza tal-ħidma tiegħu.

**Azzjoni 42. Se nżidu l-isforzi tagħna biex nagħtu ħajja ġdida lill-ħidma tal-Assemblea Ġenerali.**

70. Naffermaw mill-ġdid il-pożizzjoni ċentrali tal-Assemblea Ġenerali bħala l-organu rappreżentattiv u deliberattiv ewlieni responsabbli mit-tfassil tal-politika tan-Nazzjonijiet Uniti. Iddeċidejna li:

(a) Inkomplu ntejbu u nagħmlu użu sħiħ mir-rwol u mill-awtorità tal-Assemblea Ġenerali biex nindirizzaw l-isfidi globali li qed jevolvu, f'konformità sħiħa mal-Karta;

(b) Intejbu l-modi li bihom l-Assemblea Ġenerali tista' tikkontribwixxi għaż-żamma tas-sigurtà u tal-paċi internazzjonali, b'mod partikolari billi tieħu azzjonijiet f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti;

(c) Nisħqu fuq il-ħtieġa li l-proċess tal-għażla u l-ħatra tas-Segretarju Ġenerali jkun immexxi mill-prinċipji tal-mertu, tat-trasparenza u tal-inklużività, iqis b'mod xieraq il-bilanċ bejn il-ġeneri u r-rotazzjoni reġjonali u, matul il-proċessi ta' għażla u ta' ħatra li jmiss u f'dawk sussegwenti, iqis il-fatt ta' dispjaċir li qatt ma kien hemm Segretarju Ġenerali mara, u nħeġġu lill-Istati Membri jikkunsidraw li jinnominaw kandidati nisa.

**Azzjoni 43. Se nsaħħu l-Kunsill Ekonomiku u Soċjali biex inħaffu l-pass tal-iżvilupp sostenibbli.**

71. Nimpenjaw ruħna li nsaħħu l-ħidma tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali bħala organu prinċipali għall-koordinazzjoni, għar-rieżami tal-politika, għad-djalogu politiku u għar-rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' żvilupp ekonomiku u soċjali, filwaqt li nirrikonoxxu r-rwol ewlieni tal-Kunsill biex jikseb integrazzjoni bbilanċjata tat-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli u nappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. Iddeċidejna li:

(a) Inkomplu nsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali u l-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi u bejn il-Kunsill

Ekonomiku u Soċjali u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom;

(b) Niffaċilitaw l-involviment aktar strutturat, sinifikattiv u inkluživ ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi fi status konsultattiv mal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali fl-attivitajiet tal-Kunsill, f'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Kunsill 1996/31 tal-25 ta' Lulju 1996;

(c) Nappoġġjaw il-forum taż-żgħażagħ tal-Kunsill biex tittejjeb il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, filwaqt li jiġi żgurat li l-forum ikun pjattaforma għaż-żgħażagħ mir-reġjuni kollha biex ikomplu jaqsmu l-ideat tagħhom u jinvolvu ruħhom fi djalogu mal-Istati Membri;

(d) Nitolbu lill-Kunsill, permezz ta' proċess intergovernattiv inkluživ bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha, jesplora għażliet, fil-kuntest tat-tletin anniversarju li jmiss tar-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa, biex jagħti ħajja ġdida lill-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa ħalli tippromwovi l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tad-Dikjarazzjoni u tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, bil-għan li tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tissaħħaħ il-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet kollha, u jiġu promossi u protetti d-drittijiet tal-bniedem tagħhom u bil-għan li jiġi żgurat li l-Kummissjoni tkun adatta għall-iskop tagħha, filwaqt li jiġi affermat mill-ġdid il-mandat tal-Kummissjoni, u jiġu kkunsidrati għażliet, skont kif ikun meħtieġ, biex jissaħħu organi sussidjarji oħra tal-Kunsill.

**Azzjoni 44. Se nsaħħu l-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi.**

72. Naffermaw l-impenn tagħna li nsaħħu l-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi permezz tar-rieżami tal-2025 tal-arkitettura tal-konsolidazzjoni tal-paċi biex jinkiseb approċċ aktar strateġiku u koerenza u impatt akbar għall-konsolidazzjoni tal-paċi nazzjonali u internazzjonali u għaż-żamma tal-isforzi għall-paċi. Iddeċidejna li:

(a) Insaħħu r-rwol tal-Kummissjoni bħala pjattaforma għall-konsolidazzjoni u ż-żamma tal-paċi, inkluż permezz tal-kondiviżjoni ta' prattiki tajba fost l-Istati Membri u l-mobilizzazzjoni tal-appoġġ politiku u finanzjarju għall-isforzi nazzjonali ta' prevenzjoni, żamma tal-paċi u favur il-konsolidazzjoni tal-paċi, b'mod partikolari biex ma jerġax ikun hemm kunflitt, f'konformità mal-mandat tal-Kummissjoni;

(b) Nagħmlu użu akbar mill-Kummissjoni biex tappoġġja l-progress tal-Istati Membri fl-attivitajiet ta' konsolidazzjoni u żamma tal-paċi u dawk ta' prevenzjoni li jwettqu u jmexxu huma stess fit-territorju tagħhom, u nsaħħu r-rwol konsultattiv, ta' kollegament u ta' tlaqqigħ tal-Kummissjoni, u nħeġġuha tikkonsulta mas-soċjetà ċivili, mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, inklużi l-organizzazzjonijiet tan-nisa, u mas-settur privat involut f'attivitajiet ta' konsolidazzjoni tal-paċi, skont kif ikun xieraq, f'konformità mal-mandat tagħha;

(c) Nistabbilixxu sħubijiet aktar sistematiċi u strateġiċi bejn il-Kummissjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u sottoreġjonali, inklużi l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, bil-għan li nsaħħu l-konsolidazzjoni tal-paċi u nsostnu l-isforzi favur il-paċi u bil-għan li nimmobilizzaw il-finanzjament għal dawn l-isforzi u li ngħinu biex l-approċċi nazzjonali għall-iżvilupp, għall-konsolidazzjoni tal-paċi u għall-prevenzjoni jiġu allinjati;

(d) Niżguraw li l-Kummissjoni jkollha rwol essenzjali ta' appoġġ għall-pajjiżi matul u wara t-tranżizzjoni ta' operazzjoni ta' paċi, f'kooperazzjoni mal-Kunsill tas-Sigurtà u bl-appoġġ tat-timijiet tal-pajjiżi tan-Nazzjonijiet Uniti, fuq talba tal-pajjiż ikkonċernat.

**Azzjoni 45. Se nsaħħu s-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti.**

73. Nissottolinjaw l-importanza li s-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti tibqa' effettiva, effiċjenti u tħalli impatt. Iddeċidejna li:

(a) Niksbu Nazzjonijiet Uniti aktar aġli, reattivi u reżiljenti, b'mod partikolari billi ntejbu l-kapaċitajiet tal-Organizzazzjoni fl-innovazzjoni, fl-analitika tad-data, fit-trasformazzjoni diġitali, fil-prospettiva strateġika u fix-xjenza komportamentali biex tappoġġja aħjar lill-Istati Membri u twettaq il-mandati tagħha;

(b) Nimpenjaw ruħna li nappoġġjaw bis-sħiħ u nkomplu nsaħħu s-sistema ta' żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluża s-sistema ta' koordinaturi residenti, biex tkun aktar strateġika, reattiva, responsabbli, kollaborattiva u integrata biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu appoġġjati fil-kisba tal-Aġenda 2030 u jindirizzaw l-isfidi attwali, ġodda u emerġenti għall-iżvilupp sostenibbli, f'konformità mal-Karta, u b'appoġġ għall-prijoritajiet u l-politiki nazzjonali, inkluż permezz tal-Oqfsa ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, u nappellaw għal aktar finanzjament adegwat, prevedibbli u sostenibbli biex jintlaħqu dawn l-għanijiet;

(c) Niżguraw l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà u l-inklużjoni tad-diżabbiltà fin-Nazzjonijiet Uniti biex nagħtu lok għall-parteċipazzjoni u l-ugwaljanza sħaħ, sinifikattivi u effettivi tagħhom fl-aspetti kollha tal-ħidma tan-Nazzjonijiet Uniti;

(d) Nisħqu fuq il-ħtieġa li l-proċess tal-għażla u l-ħatra tal-kapijiet eżekuttivi u tal-pożizzjonijiet għolja tan-Nazzjonijiet Uniti jkun immexxi mill-prinċipji tat-trasparenza u tal-inklużività, u jiġi mwettaq f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 101 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, filwaqt li titqies kif xieraq il-ħtieġa li jiġi reklutat persunal fuq bażi kemm jista' jkun ġeografika u jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri, u bi qbil mar-regola ġenerali li ma jkun hemm l-ebda monopolju fuq pożizzjonijiet għolja fis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti minn ċittadini ta' xi Stat jew grupp ta' Stati.

**Azzjoni 46. Se niżguraw li d-drittijiet tal-bniedem jitgawdew b'mod effettiv minn kulħadd u nirreaġixxu għal sfidi ġodda u emerġenti.**

74. Wara l-ħamsa u sebgħin anniversarju tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u t-tletin anniversarju tad-Dikjarazzjoni ta' Vjenna u l-Programm ta' Azzjoni[16], għadna impenjati li nippromwovu u nipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha, inklużi d-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali. Dan jinkludi d-dritt għall-iżvilupp. Nimpenjaw ruħna mill-ġdid li nwettqu l-obbligi rispettivi tagħna li nirrispettaw, nipproteġu u nissodisfaw id-drittijiet tal-bniedem u li nimplimentaw l-istrumenti internazzjonali rilevanti kollha tad-drittijiet tal-bniedem. Id-drittijiet tal-bniedem huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati. Id-drittijiet tal-bniedem isaħħu lil xulxin u jridu jiġu ttrattati b'mod ġust u ugwali, fuq l-istess livell u bl-istess enfasi. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli jfittxu li jwettqu d-drittijiet tal-bniedem ta' kulħadd. L-individwi u l-istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, il-gruppi u l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, meta dawn ikunu jeżistu, involuti fil-promozzjoni u fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha għal kulħadd, skont leġiżlazzjoni nazzjonali konformi mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, jeħtiġilhom jiġu protetti minn kwalunkwe forma ta' intimidazzjoni u rappreżalja, kemm online kif ukoll offline. Jeħtiġilna nkomplu nħarsu d-drittijiet tal-bniedem fil-futur billi nsaħħu l-kapaċitajiet tagħna li nirreaġixxu għall-isfidi

[16] A/CONF.157/24 (Part I), kapitolu III.

eżistenti, ġodda u emerġenti għat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem. Iddeċidejna li:

(a) Infakkru fil-mandat tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif deskritt fir-riżoluzzjoni 48/141 tal-20 ta' Diċembru 1993, u nitolbu lis-Segretarju Ġenerali jivvaluta l-ħtieġa ta' finanzjament adegwat, prevedibbli, miżjud u sostenibbli tal-mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, biex ikunu jistgħu jwettqu l-mandati tagħhom b'mod effiċjenti u effettiv u b'hekk jirreaġixxu għall-firxa ta' sfidi tad-drittijiet tal-bniedem li qed tiffaċċja l-komunità internazzjonali b'imparzjalità, b'oġġettività u b'nonselettività;

(b) Intejbu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-entitajiet tan-Nazzjonijiet Uniti li jaħdmu fuq id-drittijiet tal-bniedem u nevitaw id-duplikazzjoni tal-attivitajiet, fi ħdan il-mandati eżistenti tagħhom, inkluż permezz ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Azzjoni 47. Se nħaffu l-pass tar-riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali biex nindirizzaw l-isfidi tal-lum u ta' għada.**

75. Ir-riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali hija pass importanti biex tinbena fiduċja akbar fis-sistema multilaterali. Infaħħru l-isforzi ta' riforma li għaddejjin bħalissa u nappellaw għal azzjoni saħansitra aktar urġenti u ambizzjuża biex jiġi żgurat li l-arkitettura finanzjarja internazzjonali ssir aktar effiċjenti, aktar ekwa, adatta għad-dinja tal-lum u reattiva għall-isfidi li jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jindirizzaw in-nuqqas ta' finanzjament għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli. Ir-riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali għandha tqiegħed l-Aġenda 2030 fiċ-ċentru tagħha, b'impenn sod biex isir investiment fil-qerda tal-faqar fil-forom u d-dimensjonijiet kollha tiegħu. Iddeċidejna li:

(a) Inkomplu nsegwu riformi aktar profondi tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u tinkiseb dinja aktar inklużiva, ġusta, paċifika, reżiljenti u sostenibbli għall-umanità u għall-pjaneta u għall-ġenerazzjonijiet preżenti u dawk futuri.

**Azzjoni 48. Se nħaffu l-pass tar-riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali biex insaħħu l-vuċi u r-rappreżentanza tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw.**

76. Nirrikonoxxu r-rwol importanti tan-Nazzjonijiet Uniti fil-governanza ekonomika globali, u nagħrfu li l-fatt li n-Nazzjonijiet Uniti u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali għandhom mandati komplementari jagħmilha kruċjali li jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-mekkaniżmi ta' governanza eżistenti u l-mandati indipendenti min-Nazzjonijiet Uniti li jippresjedu fuq organizzazzjonijiet u regoli speċifiċi. Nosservaw b'apprezzament l-inizjattiva li jitlaqqa' summit biennali fil-livell tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern biex jissaħħu r-rabtiet u l-koordinazzjoni eżistenti u jiġu stabbiliti b'mod aktar sistematiku bejn in-Nazzjonijiet Uniti u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, u nisħqu fuq l-importanza ta' parteċipazzjoni inklużiva. Nagħrfu l-importanza li jitkomplew ir-riformi ta' governanza fl-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u fil-banek multilaterali tal-iżvilupp. Nissottolinjaw il-ħtieġa li jissaħħu r-rappreżentanza u l-vuċi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet ekonomiċi globali, fl-iffissar tan-normi u fil-governanza ekonomika globali f'istituzzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali, inkluż il-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank Dinji, biex ikun hemm istituzzjonijiet aktar effettivi, kredibbli, responsabbli u leġittimi. Nilqgħu l-passi biex jittejbu l-vuċi u r-rappreżentanza tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u l-ħolqien tal-ħamsa u għoxrin siġġu fuq il-Bord Eżekuttiv tal-Fond Monetarju Internazzjonali riżervat għall-

Afrika sub-Saħarjana u l-bidliet reċenti fil-kwoti u d-drittijiet tal-vot. Nissottolinjaw l-importanza li jittejbu d-diversità u l-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet eżekuttivi, fil-maniġment superjuri u fil-pożizzjonijiet tal-persunal. Dawn il-passi jistgħu jagħtu l-għodda lil dawn l-istituzzjonijiet biex jindirizzaw aħjar l-isfidi globali. Iddeċidejna li:

(a) Ninkoraġġixxu lill-Bord tal-Fond Monetarju Internazzjonali jieħu passi ulterjuri bil-għan li jkompli jappoġġja istituzzjoni b'saħħitha, ibbażata fuq il-kwoti u b'riżorsi adegwati u jtejjeb il-vuċi u r-rappreżentanza tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari permezz tal-ħidma li għaddejja tal-Bord Eżekuttiv tal-Fond biex sa Ġunju 2025 jiġu żviluppati approċċi possibbli bħala gwida għal aktar allinjament mill-ġdid tal-kwoti, inkluż permezz ta' formula ġdida tal-kwoti, taħt is-sbatax-il rieżami ġenerali tal-kwoti, filwaqt li jiġi protett is-sehem tal-kwoti tal-ifqar membri;

(b) Inħeġġu lill-korpi governattivi tal-Bank Dinji u ta' banek multilaterali tal-iżvilupp oħra jieħdu passi ulterjuri bil-għan li jiksbu rappreżentanza, vuċi u parteċipazzjoni robusti u usa' tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, filwaqt li nirrikonoxxu bis-sħiħ l-isforzi li għaddejjin f'dan ir-rigward.

**Azzjoni 49. Se nħaffu l-pass tar-riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali biex nimmobilizzaw finanzjament addizzjonali għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, nirreaġixxu għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u nidderieġu l-finanzjament lejn dawk l-aktar fil-bżonn.**

77. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jeħtieġu aċċess imtejjeb għall-finanzjament mis-sorsi kollha biex jiksbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Il-flussi ta' kapital lejn ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw qed jonqsu, u qed jitlaq aktar kapital milli qed jidħol f'dawn il-pajjiżi. Il-banek multilaterali tal-iżvilupp għandhom rwol vitali biex jappoġġjaw l-iżvilupp sostenibbli u l-kisba tal-Għanijiet u huma indispensabbli biex jiżdied l-aċċess tal-pajjiżi għall-finanzjament b'termini aktar affordabbli u jgħinu biex jinfetaħ l-investiment tas-settur privat. Nilqgħu l-isforzi ta' riforma li għaddejjin tal-banek multilaterali tal-iżvilupp biex jimmobilizzaw finanzjament akbar għall-Aġenda 2030, filwaqt li nirrikonoxxu li huma meħtieġa b'mod urġenti aktar riformi tal-banek, flimkien mat-tisħiħ tal-mobilizzazzjoni tar-riżorsi nazzjonali u tal-ambjenti regolatorji u ta' politika nazzjonali. Iddeċidejna li:

(a) Inwettqu l-wieħed u għoxrin rikostituzzjoni tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Iżvilupp b'mod robust u li jħalli impatt, liema rikostituzzjoni tinkludi kontribuzzjonijiet u impenji politiċi b'saħħithom kemm minn donaturi ġodda kif ukoll minn donaturi eżistenti li jżidu b'mod sinifikanti r-riżorsi tal-Assoċjazzjoni, u naħdmu biex nistabbilixxu perkors biex ir-riżorsi tal-Assoċjazzjoni jiżdiedu b'mod sinifikanti u sostenibbli sar-rikostituzzjoni tal-2030;

(b) Inħeġġu lill-banek multilaterali tal-iżvilupp iħaffu l-pass tar-riformi rigward il-missjonijiet u l-viżjonijiet tagħhom, l-istrutturi ta' inċentivi tagħhom, l-approċċi operazzjonali tagħhom u l-kapaċità finanzjarja tagħhom, u jikkunsidraw passi addizzjonali biex iżidu d-disponibbiltà tal-finanzi, jipprovdu appoġġ għall-politiki u assistenza teknika lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw bil-għan li jindirizzaw l-isfidi globali u jiksbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

(c) Inħeġġu lill-bordijiet ta' tmexxija u lill-maniġment tal-banek multilaterali tal-iżvilupp jippermettu finanzjament addizzjonali mill-karti tal-bilanċ tal-banek stess billi jimplimentaw bis-sħiħ, meta dan ikun rilevanti u xieraq, ir-rakkomandazzjonijiet tar-rieżami indipendenti tal-oqfsa tal-adegwatezza tal-kapital tal-banek multilaterali tal-iżvilupp li sar mill-Grupp tal-Għoxrin, li jinkludu li l-valur tal-kapital eżerċitabbli jiġi

rifless fl-oqfsa tal-adegwatezza tal-kapital tal-banek multilaterali tal-iżvilupp u li jinħareġ kapital ibridu fuq skala kbira, filwaqt li tiġi garantita s-sostenibbiltà finanzjarja tal-banek multilaterali tal-iżvilupp rispettivi;

(d) Ninkoraġġixxu lill-bordijiet tal-banek multilaterali tal-iżvilupp iqisu l-possibbiltà li jiskedaw aktar żidiet kapitali ġenerali, filwaqt li jirrikonoxxu l-kontribuzzjonijiet kapitali reċenti, jekk dan ikun meħtieġ;

(e) Nistiednu lill-banek multilaterali tal-iżvilupp biex, f'konsultazzjoni mas-Segretarju Ġenerali, jippreżentaw għażliet u rakkomandazzjonijiet dwar approċċi ġodda li jtejbu l-aċċess għall-finanzjament konċessjonali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'rispett sħiħ lejn il-mandat u l-awtoritajiet indipendenti tal-korp governattiv rispettiv ta' kull bank multilaterali tal-iżvilupp, u nitolbu lis-Segretarju Ġenerali jaġġorna lill-Istati Membri dwar il-progress;

(f) Ninnotaw il-ħidma tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u tal-banek multilaterali tal-iżvilupp biex iqisu l-vulnerabbiltà strutturali u nistednuhom iqisu l-possibbiltà li jużaw l-indiċi ta' vulnerabbiltà multidimensjonali, skont kif ikun xieraq, biex jikkomplementaw il-prattiki u l-politiki eżistenti tagħhom, skont il-mandati rispettivi tagħhom;

(g) Nistiednu lill-banek multilaterali tal-iżvilupp jipprovdu appoġġ f'waqtu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw billi jżidu u jottimizzaw il-finanzjament konċessjonali fit-tul, inkluż is-self bil-muniti lokali, kif ukoll jiddisinjaw, jiffinanzjaw u jespandu l-mekkaniżmi innovattivi li jkunu jappartjenu għal dawn il-pajjiżi u mmexxija minnhom.

**Azzjoni 50. Se naċċeleraw ir-riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali sabiex il-pajjiżi jkunu jistgħu jissellfu b'mod sostenibbli biex jinvestu fl-iżvilupp fit-tul tagħhom.**

78. Is-self huwa essenzjali biex il-pajjiżi jinvestu fl-iżvilupp fit-tul tagħhom. Il-pajjiżi jeħtiġilhom ikunu jistgħu jissellfu b'mod sostenibbli, u jkollhom aċċess għall-kreditu b'termini affordabbli, filwaqt li jibqgħu għalkollox trasparenti. Ninsabu tassew imħassba dwar il-ħolqien ta' piżijiet tad-dejn mhux sostenibbli u l-vulnerabbiltajiet li ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw qed jiffaċċjaw, kif ukoll il-limitazzjonijiet li dan jimponi fuq il-progress fl-iżvilupp tagħhom. Nagħrfu l-importanza li nsaħħu s-salvagwardji biex dawn is-sitwazzjonijiet jiġu evitati. Nenfasizzaw l-importanza tar-riformi fil-proċessi multilaterali eżistenti biex niffaċilitaw l-azzjoni kollettiva li tipprevjeni l-kriżijiet tad-dejn, u niffaċilitaw ir-ristrutturar tad-dejn u s-serħan mid-dejn, meta dan ikun xieraq, filwaqt li nqisu x-xejriet li qed jevolvu fix-xenarju tad-dejn globali. Iddeċidejna li:

(a) Insaħħu r-rispons multilaterali biex nappoġġjaw lill-pajjiżi li għandhom piżijiet tad-dejn għoljin u mhux sostenibbli, permezz tal-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-pajjiżi kkonċernati u tal-atturi rilevanti kollha, filwaqt li niżguraw approċċ li jkun aktar effettiv, ordnat, prevedibbli, koordinat, trasparenti u f'waqtu biex dawk il-pajjiżi jkunu jistgħu jaħarbu mill-isporġenza debitorja u jipprijoritizzaw in-nefqa tal-gvern biex jiksbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

(b) Nistiednu lill-Fond Monetarju Internazzjonali jwettaq rieżami tal-modi ta' kif jista' jsaħħaħ u jtejjeb l-arkitettura tad-dejn sovran, filwaqt li jibni fuq il-proċessi internazzjonali eżistenti, f'kollaborazzjoni mas-Segretarju Ġenerali, mal-Bank Dinji, mal-Grupp tal-Għoxrin u mal-kredituri u d-debituri bilaterali ewlenin, u nitolbu lis-Segretarju Ġenerali

jaġġorna lill-Istati Membri dwar il-progress u jippreżenta proposti dwar din il-kwistjoni;

(c) Nieħdu nota tal-isforzi tas-Segretarju Ġenerali biex jinvolvi ruħu mal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu dwar ir-rwol tagħhom fl-iżvilupp sostenibbli u nitolbu lis-Segretarju Ġenerali jaġġorna lill-Istati Membri dwar dawn id-diskussjonijiet;

(d) Intejbu u nkomplu nimplimentaw il-Qafas Komuni għat-Trattament tad-Dejn tal-Grupp tal-Għoxrin biex inkunu nistgħu nwettqu proċessi ta' ristrutturar effettivi, prevedibbli, koordinati, f'waqthom u ordnati, u ninkoraġġixxu passi li jiżguraw il-komparabbiltà tat-trattament tal-kredituri sovrani u privati;

(e) Nippromwovu li meta jsir self, jintużaw, meta dan ikun xieraq, klawżoli li jiddependu mis-sitwazzjoni tal-Istat, inklużi klawżoli ta' dejn għal reżiljenza għat-tibdil fil-klima meta jingħata self lil pajjiżi li qed jiżviluppaw vulnerabbli għall-perikli, fosthom l-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima;

(f) Nippromwovu li fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw isiru aktar skambji ta' dejn favur il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, inklużi skambji ta' dejn fil-kuntest tal-klima jew tan-natura, skont kif ikun xieraq.

**Azzjoni 51. Se naċċeleraw ir-riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali biex insaħħu l-kapaċità tagħha li tappoġġja b'aktar effettività u ekwità lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw matul xokkijiet sistemiċi u biex is-sistema finanzjarja ssir aktar stabbli.**

79. Il-frekwenza u l-intensità dejjem akbar tax-xokkijiet ekonomiċi globali tawlu l-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Nagħrfu r-rwol li d-drittijiet speċjali ta' prelevament għandhom fit-tisħiħ tax-xibka ta' sikurezza finanzjarja globali f'dinja suxxettibbli għal xokkijiet sistemiċi, u l-kontribut potenzjali tagħhom għal aktar stabbiltà finanzjarja globali. Nilqgħu l-wegħdiet ta' riallokazzjoni ta' drittijiet speċjali ta' prelevament, jew kontribuzzjonijiet ekwivalenti, b'valur ta' aktar minn 100 biljun dollaru, lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, filwaqt li nenfasizzaw l-urġenza li dawn il-wegħdiet jiġu onorati malajr kemm jista' jkun. Iddeċidejna li:

(a) Nistiednu lill-pajjiżi li jinsabu f'pożizzjoni li jagħmlu dan jallokaw mill-ġdid b'mod volontarju drittijiet speċjali ta' prelevament mill-allokazzjoni tal-2021, u jqisu wkoll il-possibbiltà li jallokaw mill-ġdid mill-anqas nofs id-drittijiet speċjali ta' prelevament tagħhom, inkluż permezz tal-banek multilaterali tal-iżvilupp, filwaqt li jirrispettaw l-oqfsa legali rilevanti u jippreservaw il-karattru ta' assi ta' riżerva tad-drittijiet speċjali ta' prelevament;

(b) Ninkoraġġixxu lill-Fond Monetarju Internazzjonali jesplora kull għażla biex ikompli jsaħħaħ ix-xibka ta' sikurezza finanzjarja globali biex jgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jirrispondu aħjar għax-xokkijiet makroekonomiċi u jqis il-fattibbiltà li jħaffef il-mod ta' kif jinħarġu d-drittijiet speċjali ta' prelevament u jiffaċilita l-proċess biex dawn jiġu riallokati minnufih u b'mod volontarju lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw f'każ ta' kriżijiet finanzjarji u xokkijiet sistemiċi fil-futur;

(c) Nilqgħu r-rieżami li l-Fond Monetarju Internazzjonali qed iwettaq bħalissa rigward il-politika ta' soprataxxa tiegħu;

(d) Nippromwovu l-istabbiltà finanzjarja permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-banek u ta' entitajiet ta' servizzi finanzjarji oħra, u r-regolamentazzjoni konsistenti tagħhom.

**Azzjoni 52. Se naċċeleraw ir-riforma tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali sabiex tkun tista' tiffaċċja l-isfida tat-tibdil fil-klima.**

80. It-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità jaggravaw ħafna mill-isfidi li qed tiffaċċja l-arkitettura finanzjarja internazzjonali u jistgħu jimminaw il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandu jkollhom aċċess għall-finanzjament biex ikunu jistgħu jilħqu l-objettivi interrelatati tagħhom li jiksbu żvilupp sostenibbli, inklużi l-qerda tal-faqar u l-promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli, inklużiv u reżiljenti, u jindirizzaw it-tibdil fil-klima. L-investiment fl-iżvilupp sostenibbli u fl-azzjoni klimatika huwa essenzjali. L-arkitettura finanzjarja internazzjonali għandha tkompli tirrialloka u żżid il-finanzjament addizzjonali kemm lejn l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll lejn l-azzjoni klimatika. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiffaċċjaw ħtiġijiet ta' finanzjament dejjem akbar, speċjalment dawk partikolarment vulnerabbli għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima, u dan iwassal għal domanda dejjem akbar ta' finanzjament. Iddeċidejna li:

(a) Nistiednu lill-banek multilaterali tal-iżvilupp u lil istituzzjonijiet oħra tal-finanzi għall-iżvilupp iżidu d-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-impatt tal-finanzjament għall-klima lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, filwaqt li jissalvagwardjaw l-addizzjonalità tal-finanzjament għall-klima, ħalli jappoġġjaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jimplimentaw il-pjanijiet u l-istrateġiji nazzjonali tagħhom li jindirizzaw it-tibdil fil-klima;

(b) Nistiednu lill-banek multilaterali tal-iżvilupp jimmobilizzaw finanzjament addizzjonali biex jappoġġjaw l-adattament, ivaraw u jiżviluppaw teknoloġiji rinnovabbli, b'emissjonijiet żero jew baxxi u effiċjenti fl-użu tal-enerġija skont l-impenji eżistenti;

(c) Nistiednu lill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u lil entitajiet rilevanti oħra jtejbu l-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji, inklużi r-riskji finanzjarji relatati mal-klima, jappoġġjaw il-passi li jindirizzaw il-kost għoli tal-kapital għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jipprovdu appoġġ politiku li jgħin biex ir-riskji jiġu ġestiti aħjar u jitnaqqsu;

(d) Ninkoraġġixxu lis-settur privat, speċjalment lill-korporazzjonijiet il-kbar, jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà u l-protezzjoni tal-pjaneta tagħna u għall-kisba tal-Aġenda 2030 u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, inkluż permezz ta' approċċi bbażati fuq is-sħubija, biex jiżdied l-appoġġ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jingħata lok għal azzjoni klimatika.

**Azzjoni 53. Se niżviluppaw qafas għall-miżuri ta' progress dwar l-iżvilupp sostenibbli biex jikkomplementaw jew imorru lil hinn mill-prodott domestiku gross.**

81. Nagħrfu li l-iżvilupp sostenibbli jrid jintlaħaq b'mod bilanċjat u integrat. Naffermaw mill-ġdid il-ħtieġa li jiġu żviluppati b'mod urġenti miżuri ta' progress dwar l-iżvilupp sostenibbli li jikkomplementaw jew imorru lil hinn mill-prodott domestiku gross. Dawn il-miżuri għandhom jirriflettu l-progress fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli, anke bil-ħsieb li jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet tal-

aċċess għall-finanzjament tal-iżvilupp u l-kooperazzjoni teknika. Iddeċidejna li:

(a) Nitolbu lis-Segretarju Ġenerali jistabbilixxi grupp ta' esperti indipendenti ta' livell għoli biex, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, ifassal rakkomandazzjonijiet dwar għadd limitat ta' indikaturi tal-iżvilupp sostenibbli li jkunu jappartjenu għall-pajjiż u applikabbli universalment, li jikkomplementaw u jmorru lil hinn mill-prodott domestiku gross, filwaqt li jqis il-ħidma tal-Kummissjoni tal-Istatistika, jibni fuq il-qafas tal-indikaturi globali għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-miri tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, u jippreżenta l-eżitu tal-ħidma tiegħu matul it-tmenin sessjoni tal-Assemblea Ġenerali;

(b) Nibdew proċess intergovernattiv immexxi min-Nazzjonijiet Uniti wara li l-grupp ta' esperti indipendenti ta' livell għoli jkun lesta l-ħidma tiegħu f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-Kummissjoni tal-Istatistika, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, il-banek multilaterali tal-iżvilupp u l-kummissjonijiet reġjonali, skont il-mandati rispettivi tagħhom, dwar il-miżuri ta' progress rigward l-iżvilupp sostenibbli li jikkomplementaw jew imorru lil hinn mill-prodott domestiku gross, filwaqt li nqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' esperti ta' livell għoli tas-Segretarju Ġenerali.

**Azzjoni 54. Se nsaħħu r-rispons internazzjonali għax-xokkijiet globali kumplessi.**

82. Nagħrfu l-ħtieġa li r-rispons internazzjonali għax-xokkijiet globali kumplessi jrid ikun aktar koerenti, kooperattiv, koordinat u multidimensjonali u li n-Nazzjonijiet Uniti għandhom rwol ċentrali f'dan ir-rigward. Ix-xokkijiet globali kumplessi huma eventi li għandhom konsegwenzi ta' tfixkil u negattivi serji għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi u l-popolazzjoni globali, u li jwasslu għal impatti f'diversi setturi, u għalhekk dan jeħtieġ rispons multidimensjonali mill-gvern kollu u mis-soċjetà kollha kemm hi. Ix-xokkijiet globali kumplessi jkollhom impatt sproporzjonat fuq dawk l-aktar foqra u vulnerabbli fid-dinja u s-soltu jħallu konsegwenzi diżastrużi għall-iżvilupp sostenibbli u l-prosperità. Kunflitt armat waħdu ma jikkostitwix xokk globali kumpless, iżda f'xi każijiet, il-kunflitt jista' jħalli impatt fuq diversi setturi. Ir-reazzjonijiet futuri tagħna għax-xokkijiet globali kumplessi se jkunu ggwidati mill-prinċipji ta' kunsens u sjieda nazzjonali, ekwità, solidarjetà u kooperazzjoni f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, inklużi l-Karta u l-għanijiet u l-prinċipji tagħha, u l-mandati eżistenti għall-korpi u l-proċessi intergovernattivi tan-Nazzjonijiet Uniti, l-entitajiet tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati. Se nżommu r-rwol tas-Segretarju Ġenerali li, fost l-oħrajn, ilaqqa' l-Istati Membri, jippromwovi l-koordinazzjoni tas-sistema multilaterali kollha u jinvolvi ruħu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti bħala rispons għall-kriżijiet. Nitolbu lis-Segretarju Ġenerali:

(a) Iqis approċċi biex insaħħu r-rispons tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti għax-xokkijiet globali kumplessi, fi ħdan l-awtoritajiet eżistenti u f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, li jappoġġjaw u jikkomplementaw, mingħajr ma jirreplikaw, ir-rispons tal-organi prinċipali tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-entitajiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-entitajiet u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, u tal-aġenziji speċjalizzati inkarigati mir-rispons għall-emerġenzi, u f'konformità sħiħa mar-rwol ta' koordinazzjoni b'mandat tan-Nazzjonijiet Uniti b'rispons għall-emerġenzi umanitarji.

**Azzjoni 55. Se nsaħħu s-sħubijiet tagħna biex inwettqu l-impenji eżistenti u nindirizzaw l-isfidi ġodda u emerġenti.**

83. Nagħrfu l-importanza tal-involviment tan-Nazzjonijiet Uniti mal-parlamenti nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, filwaqt li nippreservaw in-natura intergovernattiva tal-Organizzazzjoni. L-isfidi li qed niffaċċjaw jeżiġu li jkun hemm kooperazzjoni mhux biss bejn il-fruntieri iżda wkoll fis-soċjetà kollha kemm hi. Biex ir-rispons għall-isfidi komuni tagħna jkun effettiv, l-isforzi tagħna jridu jinvolvu l-Gvernijiet u l-parlamenti, is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti u istituzzjonijiet internazzjonali oħra, l-awtoritajiet lokali, il-Popli Indiġeni, is-soċjetà ċivili, in-negozji u s-settur privat, l-organizzazzjonijiet ta' ispirazzjoni reliġjuża, il-komunitajiet xjentifiċi u akkademiċi, u n-nies kollha. Iddeċidejna li:

(a) Niżguraw li l-partijiet ikkonċernati rilevanti jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sinifikattiv fir-rwoli u fir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, f'konformità mar-regoli ta' proċedura rilevanti fil-proċessi rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti u li l-Istati Membri jkollhom aċċess għall-fehmiet u għall-għarfien espert ta' dawk is-sħab;

(b) Nisfruttaw il-kanali eżistenti u nsaħħu l-komunikazzjoni bejn il-korpi intergovernattivi tan-Nazzjonijiet Uniti u s-soċjetà ċivili, biex nagħtu lok għal djalogu u skambju ta' informazzjoni fuq bażi kontinwa;

(c) Ninkoraġġixxu lis-settur privat jikkontribwixxi billi jindirizza l-isfidi globali u jsaħħaħ l-obbligu ta' rendikont tiegħu fl-implimentazzjoni tal-oqfsa tan-Nazzjonijiet Uniti;

(d) Napprofondixxu l-involviment tan-Nazzjonijiet Uniti mal-parlamenti nazzjonali fi ħdan il-korpi u l-proċessi intergovernattivi tan-Nazzjonijiet Uniti, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod partikolari billi nkomplu nibnu fuq l-isforzi tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Unjoni Interparlamentari biex il-membri parlamentari jibqgħu jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-ftehimiet u tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti;

(e) Nitolbu lis-Segretarju Ġenerali jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kif l-involviment mal-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jmexxi 'l quddiem l-Aġenda 2030, b'mod partikolari l-lokalizzazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, sa tmiem id-disgħa u sebgħin sessjoni, biex dawn jitqiesu mill-Istati Membri;

(f) Insaħħu l-kooperazzjoni bejn in-Nazzjonijiet Uniti u l-organizzazzjonijiet reġjonali, subreġjonali u oħrajn, fil-mandati rispettivi tagħhom, peress li dan se jkun indispensabbli biex inżommu s-sigurtà u l-paċi internazzjonali, nippromwovu u nipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u niksbu żvilupp sostenibbli.

**Azzjoni 56. Se nsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali biex nesploraw l-ispazju ekstratmosferiku u nużawh għal finijiet ta' paċi u għall-benefiċċju tal-umanità kollha.**

84. It-Trattat dwar l-Ispazju Ekstratmosferiku tal-1967 jidentifika l-esplorazzjoni u l-użu tal-ispazju ekstratmosferiku bħala prerogattiva tal-umanità kollha. Id-dipendenza tal-umanità fuq l-ispazju qed tiżdied kuljum u t-Trattat dwar l-Ispazju Ekstratmosferiku jrid jiġi rikonoxxut bħala l-ġebla tax-xewka tar-reġim legali internazzjonali li jirregola l-attivitajiet tal-ispazju ekstratmosferiku. Qed ngħixu fi żmien ta' aċċess akbar għall-ispazju ekstratmosferiku u aktar attivitajiet fih. Iż-żieda fl-għadd ta' oġġetti fl-ispazju ekstratmosferiku, ir-ritorn tal-bniedem fl-ispazju profond, u d-dipendenza dejjem akbar tagħna fuq is-sistemi tal-ispazju ekstratmosferiku

jeżiġu azzjoni urġenti. L-użu sikur u sostenibbli tal-ispazju għandu rwol indispensabbli fil-kisba tal-Aġenda 2030. L-opportunitajiet għan-nies u għall-pjaneta huma bla qies, iżda hemm ukoll riskji li jridu jiġu ġestiti. Ninkoraġġixxu lill-Kumitat dwar l-Użu Paċifiku tal-Ispazju Ekstratmosferiku jikkonsulta aktar dwar il-proposta biex issir ir-raba' Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Esplorazzjoni u l-Użu Paċifiku tal-Ispazju Ekstratmosferiku (UNISPACE IV) fl-2027. Iddeċidejna li:

(a) Naffermaw mill-ġdid l-importanza li kemm jista' jkun naderixxu mat-Trattat dwar l-Ispazju Ekstratmosferiku tal-1967 u nikkonformaw bis-sħiħ miegħu, kif ukoll niddiskutu dwar l-istabbiliment ta' oqfsa ġodda għat-traffiku spazjali, ir-residwi spazjali u r-riżorsi spazjali permezz tal-Kumitat tan-NU dwar l-Użu Paċifiku tal-Ispazju Ekstratmosferiku;

(b) Nistiednu lis-settur privat rilevanti, lis-soċjetà ċivili u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex, meta jkun xieraq u applikabbli, jikkontribwixxu għall-proċessi intergovernattivi relatati maż-żieda fis-sikurezza u s-sostenibbiltà tal-ispazju ekstratmosferiku.

*It-tielet laqgħa plenarja*
*22 ta' Settembru 2024*

## Anness I
## Il-Patt Diġitali Globali

1. It-teknoloġiji diġitali qed ibiddlu d-dinja tagħna b'mod drammatiku. Dawn joffru benefiċċji potenzjali enormi kemm għall-benesseri u l-avvanz tan-nies u tas-soċjetajiet, kif ukoll għall-pjaneta tagħna. Joffru t-tama li se jaċċeleraw il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

2. Dan nistgħu niksbuh biss permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali msaħħa li tagħlaq id-distakki diġitali kollha bejn il-pajjiżi u fil-pajjiżi stess. Nagħrfu l-isfidi li dawn id-distakki joħolqu għal ħafna pajjiżi, b'mod partikolari l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li għandhom ħtiġijiet tal-iżvilupp urġenti u riżorsi limitati.

3. Nagħrfu li l-pass u s-saħħa tat-teknoloġiji emerġenti qed joħolqu possibbiltajiet ġodda iżda wkoll riskji ġodda għall-umanità, li wħud minnhom għadhom mhumiex magħrufa għalkollox. Nagħrfu l-ħtieġa li nidentifikaw u nimmitigaw ir-riskji u li niżguraw li t-teknoloġija tiġi ssorveljata mill-bniedem b'tali mod li jmexxi 'l quddiem l-iżvilupp sostenibbli u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem.

4. L-għan tagħna huwa futur diġitali li jkun inklużiv, miftuħ, sostenibbli, ġust, sikur u sigur għal kulħadd. Dan il-Patt Diġitali Globali jistabbilixxi l-objettivi, il-prinċipji, l-impenji u l-azzjonijiet li qed inwettqu biex nilħqu fil-qasam mhux militari.

5. Għandna pedamenti sodi li nistgħu nibnu fuqhom. Il-kooperazzjoni diġitali tagħna hija bbażata fuq id-dritt internazzjonali, inklużi l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.[17] Nibqgħu kommessi lejn l-eżiti tas-Summit Dinji dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni riflessi fid-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Ġinevra[18] u l-Aġenda ta' Tuneż għas-Soċjetà tal-Informazzjoni.[19] In-Nazzjonijiet Uniti jipprovdu

[17] Riżoluzzjoni 70/1.
[18] Ara A/C.2/59/3, anness.
[19] Ara A/60/687.

pjattaforma indispensabbli għall-kooperazzjoni diġitali globali li neħtieġu, u biex nagħmlu dan, se nisfruttaw il-proċessi eżistenti.

6. Il-kooperazzjoni tagħna trid tkun aġli u adattabbli għax-xenarju diġitali li qed jinbidel malajr. Bħala Gvernijiet, se naħdmu f'kollaborazzjoni u bi sħubija mas-settur privat, mas-soċjetà ċivili, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, mal-komunitajiet tekniċi u akkademiċi kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati l-oħra kollha, fir-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, biex nattwaw il-futur diġitali mixtieq.

### Objettivi

7. Biex nilħqu l-għan tagħna, se nsegwu l-objettivi li ġejjin:

1. Nagħlqu d-distakki diġitali kollha u naċċeleraw il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli kollha;

2. Nagħmlu l-ekonomija diġitali aktar inklużiva u ta' benefiċċju għal kulħadd;

3. Inrawmu spazju diġitali inklużiv, miftuħ, sikur u sigur li jirrispetta, jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem;

4. Immexxu 'l quddiem approċċi ta' governanza tad-data responsabbli, ekwi u interoperabbli;

5. Intejbu l-governanza internazzjonali tal-intelliġenza artifiċjali għall-benefiċċju tal-umanità.

### Prinċipji

8. Il-kooperazzjoni diġitali tagħna se tkun iggwidata mill-għanijiet u mill-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll minn dawn il-prinċipji trażversali li jsaħħu lil xulxin:

(a) Il-parteċipazzjoni inklużiva tal-Istati kollha u ta' partijiet ikkonċernati oħra hija l-ġebla tax-xewka ta' dan il-Patt. Il-kooperazzjoni tagħna se tagħlaq id-distakki diġitali fl-Istati u bejniethom u se tmexxi 'l quddiem ambjent diġitali ekwu għal kulħadd;

(b) Dan il-Patt huwa orjentat lejn l-iżvilupp u għandu l-għeruq tiegħu fl-Aġenda 2030. Il-kooperazzjoni tagħna se tisfrutta t-teknoloġiji biex jitħaffef il-progress, jinqered il-faqar u ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Din tinkludi sforzi mmirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari l-pajjiżi l-anqas żviluppati, il-pajjiżi mingħajr kosta li qed jiżviluppaw u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, kif ukoll l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw il-pajjiżi b'introjtu medju;

(c) Dan il-Patt huwa stipulat fid-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Id-drittijiet tal-bniedem kollha, inklużi d-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali, u l-libertajiet fundamentali, iridu jiġu rispettati, protetti u promossi online u offline. Il-kooperazzjoni tagħna se tisfrutta t-teknoloġiji diġitali biex tmexxi 'l quddiem id-drittijiet kollha tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u d-dritt għall-iżvilupp;

(d) L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet kollha u l-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikattiva tagħhom fl-ispazju diġitali huma essenzjali biex jingħalaq id-distakk diġitali bejn il-ġeneri u jitmexxa 'l quddiem l-iżvilupp sostenibbli. Il-kooperazzjoni tagħna se temanċipa lin-nisa u l-bniet kollha, tinkoraġġixxi t-tmexxija min-nisa, tintegra perspettiva tal-ġeneru u tiġġieled u telimina l-forom kollha ta'

vjolenza, inkluża l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru li sseħħ permezz tal-użu tat-teknoloġija jew li tiħrax bl-użu tat-teknoloġija;

(e) Permezz tat-teknoloġiji diġitali niskopru kapaċitajiet u opportunitajiet ġodda li jmexxu 'l quddiem is-sostenibbiltà ambjentali. Il-kooperazzjoni tagħna se tisfrutta t-teknoloġiji diġitali għas-sostenibbiltà filwaqt li timminimizza l-impatti ambjentali negattivi tagħhom;

(f) Biex niksbu inklużjoni ekwa u sinifikattiva fl-ekonomija diġitali, jeħtiġilna nindirizzaw il-konċentrazzjonijiet attwali tal-kapaċità teknoloġika u s-saħħa tas-suq. L-għan tal-kooperazzjoni tagħna se jkun li jiġi żgurat li l-benefiċċji tal-kooperazzjoni diġitali jitqassmu b'mod ġust mingħajr ma jaggravaw l-inugwaljanzi eżistenti jew ifixklu l-kisba sħiħa tal-iżvilupp sostenibbli;

(g) Huwa essenzjali li d-data, it-teknoloġiji u s-servizzi diġitali jkunu aċċessibbli u affordabbli biex kulħadd ikun jista' jipparteċipa bis-sħiħ fid-dinja diġitali. Il-kooperazzjoni tagħna se tippromwovi aċċessibbiltà diġitali għal kulħadd u se tappoġġja d-diversità kulturali u lingwistika fl-ispazju diġitali;

(h) Is-sistemi diġitali li jikkomunikaw u jiskambjaw bejniethom huma katalizzaturi indispensabbli għall-iżvilupp. Il-kooperazzjoni tagħna se tmexxi 'l quddiem l-interoperabbiltà bejn is-sistemi diġitali u l-approċċi ta' governanza kompatibbli;

(i) It-teknoloġiji emerġenti siguri, sikuri u affidabbli, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, joffru opportunitajiet ġodda li jsaħħu l-iżvilupp. Il-kooperazzjoni tagħna se tmexxi 'l quddiem approċċ responsabbli, trasparenti u ċċentrat fuq il-bniedem għaċ-ċiklu tal-ħajja tat-teknoloġiji diġitali u emerġenti, li jinkludi l-istadji tal-predisinn, id-disinn, l-iżvilupp, l-evalwazzjoni, l-ittestjar, il-varar, il-bejgħ, l-akkwist, l-operat u d-dekummissjonar, b'sorveljanza effettiva mill-bniedem;

(j) Il-kreattività u l-kompetizzjoni jixprunaw l-avvanzi diġitali. Il-kooperazzjoni tagħna se trawwem l-innovazzjoni u l-potenzjal għas-soċjetajiet u għan-negozji, irrispettivament mid-daqs jew l-oriġini, biex igawdu mill-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni u jirnexxu fl-ekonomija diġitali;

(k) Il-gvernijiet, is-settur privat, is-soċjetà ċivili, il-komunità teknika, l-akkademja u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, fir-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, huma essenzjali biex imexxu 'l quddiem futur diġitali inklużiv, miftuħ, sikur u sigur. Il-kooperazzjoni tagħna se tinvolvi diversi partijiet ikkonċernati u se tisfrutta l-kontributi ta' kulħadd;

(l) Se nsaħħu s-sħubijiet biex niżguraw il-forniment tal-mezzi ta' implimentazzjoni meħtieġa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inklużi l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, il-bini tal-kapaċitajiet u t-trasferiment tat-teknoloġija fuq termini maqbula b'mod reċiproku;

(m) Id-dinja diġitali qed tevolvi b'pass mgħaġġel. Il-kooperazzjoni tagħna trid tħares 'il quddiem u tkun kapaċi tidentifika, tantiċipa, tivvaluta, timmonitorja u tadatta għat-teknoloġiji emerġenti sabiex inkunu nistgħu naħtfu l-opportunitajiet u nirreaġixxu għar-riskji u l-isfidi ġodda u emerġenti.

**Impenji u azzjonijiet**

9. Nimpenjaw ruħna li nsegwu azzjonijiet sinifikattivi u li jistgħu jitkejlu biex nilħqu l-objettivi tagħna.

**Objettiv 1. Nagħlqu d-distakki diġitali kollha u naċċeleraw il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli kollha**

*Konnettività*

10. Nirrikonoxxu li biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tat-teknoloġiji diġitali u emerġenti, neħtieġu konnettività universali u sinifikattiva kif ukoll aċċess affordabbli. Nimpenjaw ruħna li niżguraw li l-persuni kollha jkunu konnessi mal-Internet. Nagħrfu li dan se jkun jeħtieġ sħubijiet b'saħħithom u aktar investimenti finanzjarji fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw minn Gvernijiet u partijiet ikkonċernati oħra, b'mod partikolari s-settur privat. Intennu r-rwol importanti tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni li tavvanza l-konnettività universali u sinifikattiva u nistednuha tkompli bl-isforzi tagħha. Nagħrfu li s-soluzzjonijiet innovattivi jistgħu jgħinu biex tinkiseb konnettività b'veloċità għolja, fost l-oħrajn, f'żoni remoti u rurali li mhumiex moqdija tajjeb.

11. Nimpenjaw ruħna, li sal-2030:

(a) Niżviluppaw u nsaħħu l-miri, l-indikaturi u l-metrika għal konnettività universali sinifikattiva u affordabbli, filwaqt li nibnu fuq il-ħidma eżistenti, u nintegrawhom fi strateġiji ta' żvilupp internazzjonali, reġjonali u nazzjonali (l-SDG 9);

(b) Niżviluppaw mekkaniżmi u inċentivi ta' finanzjament innovattivi u mħallta, inkluż f'kollaborazzjoni mal-Gvernijiet, il-banek multilaterali tal-iżvilupp, l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u s-settur privat, biex jikkollegaw it-2.6 biljun persuna li jifdal mal-Internet u biex itejbu l-kwalità u l-affordabbiltà tal-konnettività. L-għan tagħna se jkun li l-ispejjeż għall-abbonament tal-broadband fil-livell tad-dħul ikunu aċċessibbli għall-parti l-kbira tal-popolazzjoni (l-SDGs 1 u 9);

(c) Ninvestu f'infrastrutturi diġitali reżiljenti, inklużi satelliti u inizjattivi tan-network lokali, li jipprovdu kopertura tan-network sikura u sigura għaż-żoni kollha, inklużi ż-żoni rurali, iż-żoni remoti u dawk "diffiċli biex jintlaħqu", niżguraw l-implimentazzjoni tagħhom u nippromwovu aċċess ekwu għall-orbiti tas-satelliti, filwaqt li nqisu l-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-għan tagħna se jkun li l-aċċess ikun universali, b'rati affordabbli, veloċitajiet suffiċjenti u servizz affidabbli biex l-Internet ikun jista' jintuża b'mod sinifikattiv (l-SDGs 9 u 11);

(d) Nimmappjaw u nqabbdu l-iskejjel u l-isptarijiet kollha mal-Internet, filwaqt li nibnu fuq l-inizjattiva Giga tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni u l-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal, u nsaħħu s-servizzi u l-kapaċitajiet tat-telemediċina (l-SDGs 3 u 4);

(e) Nippromwovu s-sostenibbiltà tul iċ-ċiklu tal-ħajja tat-teknoloġiji diġitali, inkluż permezz ta' miżuri speċifiċi għall-kuntest biex inżidu l-effiċjenza tar-riżorsi u biex ir-riżorsi naturali jiġu kkonservati u użati b'mod sostenibbli u li għandhom l-għan li jiżguraw li l-infrastruttura u t-tagħmir diġitali jkunu deżinjati b'mod sostenibbli biex jindirizzaw l-isfidi ambjentali fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u tal-isforzi biex jinqered il-faqar (l-SDGs 1, 4, 6, 7, 8, 11, 12, 13 u 14);

(f) Ninkludu l-ħtiġijiet ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u dawk f'żoni mhux moqdija biżżejjed, f'żoni rurali u remoti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' konnettività diġitali nazzjonali u lokali (l-SDGs 10 u 11);

(g) Nintegraw perspettiva tal-ġeneru fl-istrateġiji tal-konnettività diġitali biex nindirizzaw l-ostakli strutturali u sistematiċi għal konnettività diġitali sinifikattiva, sikura u affordabbli għan-nisa u l-bniet kollha (l-SDG 5).

*Litteriżmu, ħiliet u kapaċitajiet diġitali*

12. Biex nisfruttaw għalkollox il-benefiċċji tal-konnettività diġitali, irridu niżguraw li n-nies ikunu jistgħu jużaw l-Internet b'mod sinifikattiv u sigur u jinnavigaw l-ispazju diġitali b'mod sikur. Nagħrfu l-importanza tal-ħiliet diġitali u tal-aċċess għal opportunitajiet ta' apprendiment diġitali tul il-ħajja, filwaqt li nqisu l-ħtiġijiet soċjali, kulturali u lingwistiċi speċifiċi ta' kull soċjetà u tal-persuni ta' kull età u sfond. Nagħrfu l-ħtieġa li nżidu l-finanzjament u l-kooperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp tal-kapaċità diġitali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li nappoġġjaw l-iżvilupp ta' kontenut lokali u kontenut rilevanti għar-realtajiet lokali online, kif ukoll il-ħtieġa li nżommu t-talent.

13. Nimpenjaw ruħna, li sal-2030:

(a) Nistabbilixxu u nappoġġjaw strateġiji nazzjonali għall-ħiliet diġitali, nadattaw it-taħriġ tal-għalliema u l-kurrikuli tal-edukazzjoni u nipprovdu programmi ta' taħriġ għall-adulti għall-era diġitali. L-għan tagħna huwa li ngħallmu l-ħiliet diġitali bażiċi lil kemm jista' jkun nies, filwaqt li navvanzaw ukoll il-ħiliet diġitali intermedji jew avvanzati (l-SDGs 4 u 5);

(b) Inżidu d-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tal-pjattaformi, tas-servizzi, tas-software u tal-kurrikuli edukattivi tat-teknoloġija diġitali f'diversi lingwi u formati, kif ukoll l-interfaċċi aċċessibbli għall-utenti b'diżabbiltà (l-SDGs 4 u 10);

(c) Nimmiraw u nfasslu l-bini tal-kapaċitajiet għan-nisa u l-bniet, it-tfal u ż-żgħażagħ, kif ukoll għal persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-migranti, ir-refuġjati u l-persuni spostati f'pajjiżhom, il-Popli Indiġeni u dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u ninvolvuhom b'mod sinifikattiv fid-disinn u fl-implimentazzjoni tal-programmi (l-SDGs 5 u 10);

(d) Niżviluppaw u nwettqu stħarriġiet nazzjonali dwar l-inklużjoni diġitali b'data diżaggregata skont l-introjtu, is-sess, l-età, ir-razza, l-etniċità, l-istatus tal-migrazzjoni, id-diżabbiltà u l-pożizzjoni ġeografika u karatteristiċi oħra rilevanti fil-kuntesti nazzjonali, biex nidentifikaw il-lakuni fl-apprendiment u niddeterminaw il-prijoritajiet f'kuntesti speċifiċi (l-SDGs 5 u 10);

(e) Nipprijoritizzaw u nistabbilixxu miri għall-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali tal-uffiċjali pubbliċi u tal-istituzzjonijiet biex jippromulgaw, jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji u politiki għal servizzi pubbliċi diġitali inklużivi, siguri u ċċentrati fuq l-utent, inkluż l-iżvilupp ta' ħiliet u kapaċitajiet biex jiġi żgurat il-funzjonament sikur, sigur u reżiljenti tas-sistemi, tan-networks u tad-data diġitali (l-SDG 16);

(f) Niżviluppaw taħriġ vokazzjonali, li jtejjeb il-ħiliet u li jerġa' jħarreġ lil dawk li jaħdmu fi professjonijiet milquta mid-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni biex intaffu l-konsegwenzi negattivi potenzjali għall-forzi tax-xogħol u nippromwovu xogħol deċenti (l-SDG 8);

(g) Niżviluppaw oqfsa ta' kompetenza diġitali interoperabbli u standards ta' taħriġ biex niffaċilitaw il-ġbir ta' riżorsi għat-taħriġ, il-mobilizzazzjoni ta' fondi pubbliċi u privati biex jgħinu fil-bini tal-

kapaċitajiet u l-adattament kontinwu tiegħu biex nindirizzaw il-bidla teknoloġika mgħaġġla u nipprevjenu l-eżodu ta' mħuħ (l-SDGs 4 u 17);

(h) Nappoġġjaw l-isforzi biex jiġu pprovduti opportunitajiet għal edukazzjoni u riċerka ta' kwalità u inklużivi fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika u tiġi promossa l-parteċipazzjoni tan-nisa u tal-bniet fir-rwoli kollha u fil-livelli kollha (l-SDG 4).

*Beni pubbliċi diġitali u infrastruttura pubblika diġitali*

14. Nagħrfu li l-beni pubbliċi diġitali, li jinkludu software b'sors miftuħ, data miftuħa, mudelli miftuħa ta' intelliġenza artifiċjali, standards miftuħa u kontenut miftuħ li jirrispettaw kemm il-privatezza kif ukoll liġijiet, standards u l-aħjar prattiki internazzjonali applikabbli oħra u ma jagħmlu l-ebda ħsara, jagħtu s-setgħa lis-soċjetajiet u lill-individwi biex jidderieġu t-teknoloġiji diġitali lejn il-ħtiġijiet tal-iżvilupp tagħhom, u jistgħu jiffaċilitaw l-investiment u l-kooperazzjoni diġitali.

15. Infrastruttura pubblika diġitali li tkun reżiljenti, sikura, inklużiva u interoperabbli għandha l-potenzjal li tipprovdi servizzi fuq skala kbira u li żżid l-opportunitajiet soċjali u ekonomiċi għal kulħadd. Nagħrfu li hemm diversi mudelli ta' infrastruttura pubblika diġitali, u li kull soċjetà se tiżviluppa u tuża sistemi diġitali kondiviżi skont il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħha. Is-sistemi diġitali li jkunu trasparenti, sikuri u siguri u s-salvagwardji ċċentrati fuq l-utent jistgħu jippromwovu l-fiduċja pubblika u l-użu tas-servizzi diġitali.

16. Inqisu li dawn il-beni pubbliċi diġitali u l-infrastruttura pubblika diġitali huma xprunaturi ewlenin tat-trasformazzjoni u l-innovazzjoni diġitali inklużivi. Nagħrfu l-ħtieġa li nżidu l-investiment fl-iżvilupp b'suċċess tagħhom bil-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha.

17. Nimpenjaw ruħna li sal-2030:

(a) Permezz ta' kooperazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati, niżviluppaw, inxerrdu u nżommu aġġornat software b'sors miftuħ sikur u sigur, data miftuħa, mudelli ta' intelliġenza artifiċjali miftuħa u standards miftuħa li jkunu ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha kemm hi (l-SDGs 8, 9 u 10);

(b) Nippromwovu l-adozzjoni ta' standards miftuħa u l-interoperabbiltà biex jiġi ffaċilitat l-użu ta' beni pubbliċi diġitali fi pjattaformi u sistemi differenti (l-SDGs kollha);

(c) Niżviluppaw u niddeċiedu dwar sett ta' salvagwardji għal infrastruttura pubblika diġitali inklużiva, responsabbli, sikura, sigura u ċċentrata fuq l-utent li jista' jiġi implimentat f'kuntesti differenti (l-SDG 16);

(d) Niskambjaw u nagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-aħjar prattiki u każijiet ta' użu ta' infrastruttura pubblika diġitali biex il-Gvernijiet, is-settur privat u partijiet ikkonċernati oħra jiġu infurmati, filwaqt li nibnu fuq repożitorji eżistenti tan-Nazzjonijiet Uniti u oħrajn (l-SDGs 16 u 17);

(e) Inżidu l-investiment u l-finanzjament lejn l-iżvilupp ta' beni pubbliċi diġitali u ta' infrastruttura pubblika diġitali, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (l-SDG 17);

(f) Ninkoraġġixxu l-formazzjoni ta' sħubijiet li jlaqqgħu flimkien il-Gvernijiet, is-settur privat, is-soċjetà ċivili, il-komunitajiet tekniċi u akkademiċi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali biex

jiddisinjaw, iniedu u jappoġġjaw inizjattivi li jisfruttaw il-beni pubbliċi diġitali u l-infrastruttura pubblika diġitali biex imexxu 'l quddiem is-soluzzjonijiet għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (l-SDG 17).

**Objettiv 2. Nagħmlu l-ekonomija diġitali aktar inklużiva u ta' benefiċċju għal kulħadd**

18. Nagħrfu li aċċess ekwu u affordabbli għat-teknoloġiji diġitali jista' jisfrutta l-potenzjal tal-ekonomija diġitali għal kull soċjetà. Nagħrfu li l-aċċess diġitali jinkludi opportunitajiet għall-akkwist u l-iżvilupp tal-għarfien, tar-riċerka u tal-kapaċitajiet kif ukoll trasferimenti tat-teknoloġija fuq termini maqbula b'mod reċiproku.

19. L-avvanz tal-inklużjoni diġitali jirrikjedi ambjent abilitanti prevedibbli u trasparenti li jinkludi oqfsa ta' politika, legali u regolatorji li jappoġġjaw l-innovazzjoni, jipproteġu d-drittijiet tal-konsumatur, irawmu t-talenti u l-ħiliet diġitali, jippromwovu l-kompetizzjoni ġusta u l-intraprenditorija diġitali, u jsaħħu l-kunfidenza u l-fiduċja tal-konsumatur fl-ekonomija diġitali. Ambjenti bħal dawn, fil-livelli internazzjonali u nazzjonali, itejbu l-produttività, jiffaċilitaw it-tkabbir tal-kummerċ elettroniku, itejbu l-kompetittività, jaċċeleraw it-trasformazzjoni diġitali u jappoġġjaw l-investiment u t-trasferiment ta' teknoloġiji diġitali fuq termini maqbula b'mod reċiproku lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

20. Inqisu li huwa essenzjali wkoll li jkun hemm standards robusti u kapaċitajiet biex il-funzjonament tas-sistemi, tan-networks u tad-data diġitali ikun sikur, sigur u reżiljenti ħalli jiġu ffaċilitati t-tranżazzjonijiet kummerċjali u l-ambjenti online jkunu sikuri, siguri u affidabbli.

21. Nimpenjaw ruħna li sal-2030:

(a) Inrawmu ambjent diġitali miftuħ, ġust, inklużiv u mhux diskriminatorju għal kulħadd fejn l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju jkunu jistgħu jaċċessaw u jikkompetu fl-ekonomija diġitali (l-SDG 9);

(b) Nappoġġjaw l-isforzi internazzjonali, reġjonali u nazzjonali biex jiġu żviluppati ambjenti favorevoli għat-trasformazzjoni diġitali, inklużi oqfsa politiċi, legali u regolatorji prevedibbli u trasparenti, u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki (l-SDGs 10 u 16);

(c) Inwettqu valutazzjonijiet nazzjonali u reġjonali biex jiġu identifikati azzjonijiet li jindirizzaw il-lakuni u l-ħtiġijiet tat-trasformazzjoni diġitali u biex jissaħħu l-ġbir u l-użu tad-data li jiffaċilitaw it-teħid tad-deċiżjonijiet (l-SDGs kollha);

(d) Nistiednu lill-partijiet ikkonċernati kollha jipprovdu, fuq talba, assistenza teknika lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, skont il-politiki u l-prijoritajiet nazzjonali ta' trasformazzjoni diġitali (l-SDG 17);

(e) Inżommu l-ktajjen tal-provvista ta' prodotti u servizzi diġitali globali stabbli u reżiljenti (l-SDGs 8 u 9);

(f) Nippromwovu inizjattivi ta' kondiviżjoni tal-għarfien u ta' trasferiment tat-teknoloġija skont it-termini maqbula b'mod reċiproku (l-SDG 17);

(g) Ninkoraġġixxu l-kooperazzjoni Tramuntana-Nofsinhar, il-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u dik triangolari, anke fost l-universitajiet, l-istituti ta' riċerka u s-settur privat biex naċċeleraw l-iżvilupp tal-għarfien diġitali u l-aċċess għall-kapaċità tar-riċerka (l-SDG 17);

(h) Niskambjaw l-għarfien u l-aħjar prattiki dwar l-intrapriża diġitali li jappoġġjaw programmi ta' innovazzjoni u soluzzjonijiet teknoloġiċi lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (l-SDG 9);

(i) Inrawmu l-innovazzjoni u l-intraprenditorija, inkluż fost in-nisa, iż-żgħażagħ, u intraprendituri sottorappreżentati oħra bil-għan li jiżdiedu l-għadd ta' negozji ġodda diġitali u intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li l-użu tat-teknoloġiji diġitali jiffaċilita l-aċċess tagħhom għas-swieq (l-SDGs 8 u 9);

(j) Nippromwovu l-bini tal-kapaċitajiet biex il-funzjonament tas-sistemi, tan-networks u tad-data diġitali jkun sikur, sigur u reżiljenti fil-kuntest tal-isforzi għat-trasformazzjoni diġitali (l-SDG 9).

### Objettiv 3. It-trawwim ta' spazju diġitali inklużiv, miftuħ, sikur u sigur li jirrispetta, jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem

*Id-drittijiet tal-bniedem*

22. Nimpenjaw ruħna li nirrispettaw, nipproteġu u nippromwovu d-drittijiet tal-bniedem fl-ispazju diġitali. Se nħarsu d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem matul iċ-ċiklu tal-ħajja tat-teknoloġiji diġitali u emerġenti sabiex l-utenti jkunu jistgħu jibbenefikaw b'mod sikur mit-teknoloġiji diġitali u jkunu protetti mill-ksur tad-drittijiet tagħhom, mill-abbużi u minn kull forma ta' diskriminazzjoni. Nagħrfu r-responsabbiltajiet tal-partijiet ikkonċernati kollha f'dan ir-rigward u nistiednu wkoll lis-settur privat japplika l-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem[20].

23. Nimpenjaw ruħna li:

(a) Niżguraw li l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti għat-teknoloġiji diġitali jkunu konformi mal-obbligi skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem (l-SDGs kollha);

(b) Nistabbilixxu salvagwardji xierqa biex nipprevjenu u nindirizzaw kwalunkwe impatt negattiv fuq id-drittijiet tal-bniedem li jirriżulta mill-użu ta' teknoloġiji diġitali u emerġenti u nipproteġu lill-individwi kontra l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom fl-ispazju diġitali, inkluż permezz tad-diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istabbiliment ta' mekkaniżmi effettivi ta' sorveljanza u rimedju (l-SDGs kollha);

(c) Insaħħu l-oqfsa legali u ta' politika biex nipproteġu d-drittijiet tat-tfal fl-ispazju diġitali, skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal[21] (l-SDGs kollha);

(d) Noqogħdu lura milli nimponu restrizzjonijiet fuq il-fluss liberu ta' informazzjoni u l-ideat li jkunu inkonsistenti mal-obbligi skont id-dritt internazzjonali (l-SDGs kollha).

24. Nirrikonoxxu l-isforzi kontinwi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem li fil-mandat eżistenti, fuq talba u b'riżorsi volontarji, jipprovdi pariri esperti u gwida prattika dwar

[20] A/HRC/17/31, anness.

[21] United Nations, *Treaty Series* (Serje ta' Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti), volum 1577, Nru 27531.

id-drittijiet tal-bniedem u kwistjonijiet teknoloġiċi permezz ta' servizz konsultattiv dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-ispazju diġitali.

25. Nistiednu:

(a) Lill-kumpaniji tat-teknoloġija diġitali u lill-iżviluppaturi jirrispettaw id-drittijiet u l-prinċipji internazzjonali tal-bniedem, fost l-oħrajn billi japplikaw id-diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem u l-valutazzjonijiet tal-impatt matul iċ-ċiklu tal-ħajja tat-teknoloġija (l-SDGs kollha);

(b) Lill-kumpaniji tat-teknoloġija diġitali, lill-iżviluppaturi u lill-pjattaformi tal-media soċjali jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem online, ikunu responsabbli u jieħdu l-miżuri biex itaffu u jipprevjenu l-abbużi, kif ukoll jipprovdu aċċess għal rimedju effettiv skont il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u oqfsa rilevanti oħra (l-SDGs 5, 10 u 16).

*Governanza tal-Internet*

26. Nagħrfu li l-Internet huwa faċilità globali indispensabbli għal trasformazzjoni diġitali inklużiva u ekwa. Biex tassew jibbenefika minnu kulħadd, irid ikun miftuħ, globali, interoperabbli, stabbli u sigur.

27. Nagħrfu li l-governanza tal-Internet trid tkompli tkun ta' natura globali u b'diversi partijiet ikkonċernati, tinvolvi bis-sħiħ lill-Gvernijiet, lis-settur privat, lis-soċjetà ċivili, lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, lill-komunitajiet tekniċi u akkademiċi u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra kollha skont ir-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom. Naffermaw mill-ġdid li l-governanza tal-Internet għandha tkompli ssegwi d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-eżiti tas-summits li saru f'Ġinevra u Tuneż, inkluż fir-rigward tal-kooperazzjoni msaħħa.

28. Nirrikonoxxu l-importanza tal-Forum dwar il-Governanza tal-Internet bħala l-pjattaforma primarja ta' diversi partijiet ikkonċernati għad-diskussjoni dwar kwistjonijiet ta' governanza tal-Internet.

29. Nimpenjaw ruħna li:

(a) Nippromwovu Internet miftuħ, globali, interoperabbli u affidabbli u nieħdu passi konkreti biex l-ambjent online jinżamm sikur, sigur u favorevoli għal kulħadd (l-SDG 9);

(b) Nappoġġjaw il-Forum dwar il-Governanza tal-Internet, inkluż permezz ta' sforzi kontinwi biex tiżdied il-parteċipazzjoni varja mill-Gvernijiet u partijiet ikkonċernati oħra mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll billi jingħata finanzjament volontarju għal dan il-għan (l-SDGs 9 u 10);

(c) Nippromwovu l-kooperazzjoni internazzjonali fost il-partijiet ikkonċernati kollha biex nipprevjenu, nidentifikaw u nindirizzaw ir-riskji ta' frammentazzjoni tal-Internet fil-ħin (l-SDG 16);

(d) Inżommu lura mill-għeluq tal-Internet u nieħdu miżuri fil-kuntest tal-aċċess għall-Internet (l-SDG 16)

*Il-fiduċja u s-sikurezza diġitali*

30. Jeħtieġ li niġġieldu u nindirizzaw b'mod urġenti l-forom kollha ta' vjolenza, inkluża l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, li jseħħu jew li jiġu amplifikati bl-użu tat-teknoloġija, il-forom kollha ta' diskors ta'

mibegħda u diskriminazzjoni, il-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni, il-bullying ċibernetiku u l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal. Se nistabbilixxu u naġġornaw miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju u ta' rimedju b'saħħithom li jipproteġu wkoll il-privatezza u l-libertà tal-espressjoni.

31. Impenjati li, sal-2030:

(a) Noħolqu spazju online sikur u sigur għall-utenti kollha li jiżgura l-benesseri u s-saħħa mentali tagħhom billi niddefinixxu u nadottaw azzjonijiet tal-industrija, linji gwida u standards komuni li jkunu konformi mad-dritt internazzjonali, nippromwovu spazji ċiviċi sikuri u nindirizzaw il-kontenut fuq il-pjattaformi diġitali li jikkawża ħsara lill-individwi, filwaqt li nqisu x-xogħol li qed isir mill-entitajiet tan-Nazzjonijiet Uniti, l-organizzazzjonijiet reġjonali u l-inizjattivi ta' diversi partijiet ikkonċernati (l-SDGs 3, 5, 9, 10, 16 u 17);

(b) Nipprijoritizzaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u standards nazzjonali dwar is-sikurezza tat-tfal online, f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (l-SDGs 3, 5 u 10);

(c) Nistabbilixxu kollaborazzjoni regolari bejn l-istituzzjonijiet nazzjonali għas-sikurezza online biex jiġu skambjati l-aħjar prattiki u jintlaħaq fehim komuni tal-azzjonijiet meħtieġa biex nipproteġu l-privatezza, il-libertà tal-espressjoni u l-aċċess għall-informazzjoni filwaqt li nindirizzaw l-imġiba dannuża (l-SDG 17);

(d) Niżguraw li l-liġijiet u r-regolamenti dwar l-użu tat-teknoloġija f'oqsma bħas-sorveljanza u l-kriptaġġ ikunu konformi mad-dritt internazzjonali (l-SDGs 10 u 16);

(e) Niżviluppaw, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, metodoloġiji effettivi għall-kejl, il-monitoraġġ u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza u abbuż fl-ispazju diġitali (l-SDGs 5 u 16);

(f) Nimmonitorjaw u nirrieżaminaw il-politiki u l-prattiki tal-pjattaformi diġitali kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal li jseħħu jew li jiġu amplifikati bl-użu tat-teknoloġija, inkluża d-distribuzzjoni, fuq tali pjattaformi diġitali, ta' materjal li juri l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-abbuż sesswali tat-tfal, kif ukoll sollecitazzjoni jew grooming għall-fini li jitwettaq reat sesswali kontrihom (l-SDG 3).

32. Barra minn hekk, b'mod urġenti:

(a) Nistiednu lill-iżviluppaturi u lill-kumpaniji tat-teknoloġija diġitali biex jikkollaboraw ma' utenti minn kull sfond u b'kull tip ta' kapaċità sabiex jinkorporaw il-perspettivi u l-ħtiġijiet tagħhom fiċ-ċiklu tal-ħajja tat-teknoloġiji diġitali (l-SDGs 5 u 10);

(b) Nistiednu lill-iżviluppaturi u lill-kumpaniji tat-teknoloġija diġitali biex flimkien jiżviluppaw oqfsa ta' obbligu ta' rendikont settorjali, f'konsultazzjoni mal-Gvernijiet u ma' partijiet oħra kkonċernati, li jżidu t-trasparenza fis-sistemi u l-proċessi tagħhom, jiddefinixxu r-responsabbiltajiet u jiżguraw il-konformità mal-istandards kif ukoll jipprevedu l-pubblikazzjoni ta' rapporti miftuħa għall-iskrutinju pubbliku (l-SDGs 9 u 17);

(c) Nistiednu lill-kumpaniji tat-teknoloġija diġitali u lill-pjattaformi tal-media soċjali jipprovdu salvagwardji u materjali ta' taħriġ relatati mas-sikurezza online lill-utenti tagħhom, u b'mod partikolari fir-rigward tal-utenti tfal u żgħażagħ (l-SDG 3);

(d) Nistiednu lill-pjattaformi tal-media soċjali jistabbilixxu mekkaniżmi ta' rapportar sikuri, siguri u aċċessibbli għall-utenti u d-difensuri tagħhom biex ikunu jistgħu jirrapportaw ksur potenzjali tal-politika, inklużi mekkaniżmi ta' rapportar speċjali mfassla għat-tfal u l-persuni b'diżabbiltà (l-SDG 3).

*L-integrità tal-informazzjoni*

33. L-aċċess għal informazzjoni u għarfien rilevanti, affidabbli u preċiżi huwa essenzjali għal spazju diġitali inklużiv, miftuħ, sikur u sigur. Nagħrfu li t-teknoloġiji diġitali u emerġenti jistgħu jiffaċilitaw il-manipulazzjonijiet tal-informazzjoni u l-interferenzi fiha b'tali mod li jkunu ta' ħsara għas-soċjetajiet u l-individwi u jaffettwaw b'mod negattiv it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif ukoll il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

34. Se naħdmu flimkien biex nippromwovu l-integrità tal-informazzjoni, it-tolleranza u r-rispett fl-ispazju diġitali, kif ukoll biex nipproteġu l-integrità tal-proċessi demokratiċi. Se nsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali biex nindirizzaw l-isfidi tal-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda online, u nimmitigaw ir-riskji tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni b'mod konsistenti mad-dritt internazzjonali.

35. Impenjati, li sal-2030:

(a) Infasslu u nintroduċu kurrikuli tal-litteriżmu fl-informazzjoni u fil-media diġitali biex niżguraw li l-utenti kollha jkollhom il-ħiliet u l-għarfien biex jinteraġixxu b'mod sikur u kritiku mal-kontenut u mal-fornituri tal-informazzjoni u biex insaħħu r-reżiljenza kontra l-effetti dannużi tal-miżinformazzjoni u tad-diżinformazzjoni (l-SDGs 3 u 4);

(b) Nippromwovu ekosistemi tal-informazzjoni varji u reżiljenti, inkluż billi nsaħħu l-media indipendenti u pubblika u nappoġġjaw lill-ġurnalisti u lill-persuni li jaħdmu fil-media (l-SDGs 9 u 16);

(c) Nipprovdu, nippromwovu u niffaċilitaw l-aċċess u t-tixrid ta' informazzjoni indipendenti, ibbażata fuq il-fatti, f'waqtha, immirata, ċara, aċċessibbli, multilingwi u bbażata fuq ix-xjenza biex niġġieldu l-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni (l-SDGs 3, 4, 9 u 16);

(d) Nippromwovu l-aċċess għal informazzjoni rilevanti, affidabbli u preċiża f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, biex nipproteġu u nagħtu s-setgħa lil dawk li jinsabu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli (l-SDG 10);

(e) Ninkoraġġixxu lill-entitajiet tan-Nazzjonijiet Uniti, f'kollaborazzjoni mal-Gvernijiet u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, biex jivvalutaw l-impatt tal-miżinformazzjoni u tad-diżinformazzjoni fuq il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (l-SDG 17).

36. Barra minn hekk, b'mod urġenti:

(a) Nistiednu lill-kumpaniji tat-teknoloġija diġitali u lill-pjattaformi tal-media soċjali jtejbu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tas-sistemi tagħhom, inklużi t-termini tas-servizz, il-moderazzjoni tal-kontenut u l-algoritmi tar-rakkomandazzjonijiet u l-immaniġġjar tad-data personali tal-utenti bil-lingwi lokali, biex l-utenti jingħataw is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet infurmati u jagħtu jew jirtiraw il-kunsens infurmat tagħhom (l-SDGs 9 u 10);

(b) Nistiednu lill-pjattaformi tal-media soċjali jipprovdu lir-riċerkaturi aċċess għad-data tagħhom, b'mod li jissalvagwardja l-privatezza

tal-utenti tagħhom, għall-finijiet ta' trasparenza u obbligu ta' rendikont, biex tinbena bażi ta' evidenza dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-miżinformazzjoni, id-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda li tista' tiggwida l-politiki, l-istandards u l-aħjar prattiki tal-gvernijiet u tal-industrija (l-SDGs 9, 16 u 17);

(c) Nistiednu lill-iżviluppaturi u lill-kumpaniji tat-teknoloġija diġitali jkomplu jiżviluppaw soluzzjonijiet li jindirizzaw l-effetti dannużi li l-kontenut iġġenerat mill-intelliġenza artifiċjali jikkawża, inklużi d-diskors ta' mibegħda u d-diskriminazzjoni, u jippubblikaw il-miżuri meħuda f'dan ir-rigward. Tali miżuri jinkludu l-inkorporazzjoni ta' salvagwardji fil-proċessi ta' taħriġ tal-mudelli tal-intelliġenza artifiċjali, l-identifikazzjoni ta' materjal iġġenerat mill-intelliġenza artifiċjali, iċ-ċertifikazzjoni tal-awtentiċità tal-kontenut u l-oriġini tiegħu, it-tikkettar, l-immarkar tal-ilma u tekniki oħra (l-SDGs 10, 16 u 17).

**Objettiv 4. Immexxu 'l quddiem approċċi ta' governanza tad-data responsabbli, ekwi u interoperabbli**

*Il-privatezza u s-sigurtà tad-data*

37. Nagħrfu li governanza tad-data responsabbli u interoperabbli hija essenzjali għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-iżvilupp, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. Il-ġbir, il-kondiviżjoni u l-ipproċessar tad-data li kulma jmur qed jiżdiedu, inkluż fis-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali, jistgħu jamplifikaw ir-riskji jekk ma jkun hemm l-ebda standard li jirregola l-protezzjoni u l-kunfidenzjalità ta' tali data.

38. Nagħrfu l-ħtieġa urġenti għal kooperazzjoni msaħħa fil-governanza tad-data fil-livelli kollha, bil-parteċipazzjoni effettiva, ekwa u sinifikattiva tal-pajjiżi kollha u f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali u emerġenti. Nagħrfu li dan se jirrikjedi l-bini tal-kapaċitajiet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' oqfsa ta' governanza tad-data fil-livelli kollha li jimmassimizzaw il-benefiċċji tal-użu tad-data filwaqt li jipproteġu l-kunfidenzjalità u s-sigurtà tagħha. Nistiednu lis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti tiegħu rwol fil-promozzjoni tal-bini tal-kapaċitajiet għal governanza tad-data responsabbli u interoperabbli.

39. Impenjati, li sal-2030:

(a) Nużaw il-linji gwida internazzjonali u reġjonali eżistenti dwar il-protezzjoni tal-privatezza fl-iżvilupp ta' oqfsa ta' governanza tad-data (l-SDGs kollha);

(b) Insaħħu l-appoġġ għall-pajjiżi kollha biex jiżviluppaw oqfsa ta' governanza tad-data nazzjonali effettivi u interoperabbli (l-SDGs kollha);

(c) Nagħtu lill-individwi u lill-gruppi s-setgħa li jirriflettu, jagħtu l-kunsens jew jirtiraw il-kunsens b'rabta mal-użu li jista' jsir mid-data tagħhom, u l-kapaċità li jagħżlu kif din tintuża, inkluż billi jiġu stabbiliti bil-liġi miżuri li jipproteġu l-privatezza tad-data u l-proprjetà intellettwali (l-SDGs 10 u 16);

(d) Niżguraw li l-prattiki tal-ġbir, l-aċċess, il-kondiviżjoni, it-trasferiment, il-ħżin u l-ipproċessar tad-data jkunu sikuri, siguri u proporzjonati għall-finijiet neċessarji, espliċiti u leġittimi, f'konformità mad-dritt internazzjonali (l-SDGs kollha);

(e) Niżviluppaw forzi tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li jkunu kapaċi jiġbru, jipproċessaw, janalizzaw, jaħżnu u jittrasferixxu d-data b'mod sikur u li jipproteġi l-privatezza (l-SDGs 8 u 9).

*L-istandards u l-iskambji tad-data*

40. Nirrikonoxxu li d-distakki fid-data, inklużi l-lakuni fid-data dwar il-ġeneru u fid-data ġeografika, jistgħu jwasslu għal distribuzzjoni inekwa tal-benefiċċji, użu ħażin u interpretazzjoni ħażina tad-data, u eżiti preġudikati.

41. Nagħrfu li l-istandards komuni tad-data u l-interoperabbiltà tal-iskemi ta' kondiviżjoni tad-data jistgħu jżidu l-aċċessibbiltà u l-kondiviżjoni tad-data u jgħinu biex jingħalqu d-distakki fid-data. Se nippermettu lill-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-komunitajiet u l-individwi joħolqu u jimmaniġġjaw inizjattivi ta' data miftuħa biex id-data tintuża u tiġi sfruttata għall-iżvilupp u l-benesseri tagħhom.

42. Impenjati, li sal-2030:

(a) Niżviluppaw standards tad-data u tal-metadata mfassla biex jiġu evitati u miġġielda l-preġudizzju, id-diskriminazzjoni jew il-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem matul iċ-ċiklu tal-ħajja tad-data, inkluż permezz ta' awditjar regolari tad-data (l-SDGs 3, 5, 10 u 16);

(b) Niżviluppaw definizzjonijiet bażiċi u klassifikazzjonijiet tad-data biex tiġi promossa l-interoperabbiltà u jiġu ffaċilitati l-iskambji tad-data (l-SDGs kollha);

(c) Niżviluppaw definizzjonijiet u standards komuni dwar l-użu u l-użu mill-ġdid tad-data għall-benefiċċju pubbliku (l-SDGs kollha).

*Data għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u għall-iżvilupp*

43. Konxji mill-fatt li biex jitfasslu politiki bbażati fuq l-evidenza u jitwasslu s-servizzi pubbliċi, huwa essenzjali li s-sistemi u l-kapaċitajiet tad-data jkunu sikuri u siguri. In-nuqqas ta' investiment fis-sistemi pubbliċi tad-data u fl-attivitajiet tal-istatistika jista' jxekkel il-progress lejn il-kisba tal-iżvilupp sostenibbli.

44. Nafu li data ta' kwalità hija kruċjali għall-monitoraġġ, il-gwida u l-aċċelerazzjoni tal-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli kif ukoll fir-reazzjoni effettiva għall-kriżijiet. Impenjati li nsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali biex nagħlqu l-lakuni serji li hemm attwalment fid-data għall-iżvilupp u biex inżidu d-disponibbiltà pubblika tagħha. Se nippromwovu l-użu u l-kondiviżjoni responsabbli tad-data fi ħdan u bejn il-pajjiżi biex ikompli jsir progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

45. Impenjati, li sal-2030:

(a) Inżidu l-finanzjament għad-data u għall-istatistika mis-sorsi kollha u nsaħħu l-isforzi biex jinbnew il-kapaċitajiet fid-data u fil-ħiliet relatati, kif ukoll l-użu responsabbli tad-data, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Se nżidu l-finanzjament prevedibbli għad-data dwar l-iżvilupp sostenibbli (l-SDG 17);

(b) Insaħħu l-isforzi ta' ġbir, analiżi u tixrid ta' data rilevanti, preċiża, affidabbli u diżaggregata biex isir monitoraġġ u tfassil ta' politika aħjar u naċċeleraw il-kisba tal-Aġenda 2030, filwaqt li nirrispettaw il-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Se nimmiraw li nżidu d-data disponibbli għall-monitoraġġ tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli b'50 fil-mija, diżaggregata skont l-introjtu, is-sess, l-età, ir-razza, l-etniċità, l-istatus tal-

migrazzjoni, id-diżabbiltà u l-pożizzjoni ġeografika u karatteristiċi oħra rilevanti fil-kuntesti nazzjonali (l-SDGs kollha);

(c) Niżviluppaw sistemi ta' data miftuħa u aċċessibbli li jippermettu l-funzjonament effettiv ta' sistemi ta' twissija bikrija, ta' azzjoni bikrija u ta' rispons għall-kriżijiet (l-SDGs 3 u 11).

*Il-flussi transfruntiera ta' data*

46. Il-flussi transfruntiera ta' data huma mutur ewlieni tal-ekonomija diġitali. Nagħrfu l-benefiċċji soċjali, ekonomiċi u ta' żvilupp ta' flussi transfruntiera ta' data sikuri u affidabbli, b'mod partikolari għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju. Se nidentifikaw mekkaniżmi innovattivi, interoperabbli u inklużivi li permezz tagħhom id-data tkun tista' tgħaddi b'mod affidabbli fi ħdan u bejn il-pajjiżi, għall-benefiċċju reċiproku tal-pajjiżi u b'rispett sħiħ tal-politiki dwar il-protezzjoni tad-data u l-kunfidenzjalità u l-oqfsa legali applikabbli (l-SDG 17).

47. Impenjati, li sal-2030, navvanzaw il-konsultazzjonijiet fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex nifhmu aħjar l-aspetti komuni, il-komplementarjetajiet, il-konverġenzi u d-diverġenzi bejn l-approċċi regolatorji dwar kif jiġu ffaċilitati l-flussi transfruntiera ta' data b'mod affidabbli, u b'hekk niżviluppaw l-aħjar prattiki u għarfien li jkunu disponibbli għall-pubbliku (l-SDG 17).

*Il-governanza tad-data interoperabbli*

48. Se nippromwovu u nappoġġjaw l-interoperabbiltà bejn l-oqfsa ta' politika nazzjonali, reġjonali u internazzjonali li jirregolaw id-data. F'dan il-kuntest, nitolbu lill-Kummissjoni dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija għall-Iżvilupp biex tistabbilixxi grupp ta' ħidma ddedikat sabiex jinvolvi ruħu fi djalogu komprensiv u inklużiv bejn id-diversi partijiet ikkonċernati dwar il-governanza tad-data fil-livelli kollha skont kif ikun rilevanti għall-iżvilupp. Ninkoraġġixxu lill-grupp ta' ħidma jirrapporta lill-Assemblea Ġenerali dwar il-progress tiegħu sa mhux aktar tard mill-wieħed u tmenin sessjoni, u jagħmel rakkomandazzjonijiet għal arranġamenti ta' governanza tad-data ekwi u interoperabbli, li jistgħu jinkludu prinċipji fundamentali tal-governanza tad-data fil-livelli kollha skont kif ikun rilevanti għall-iżvilupp; proposti li jappoġġjaw l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tad-data nazzjonali, reġjonali u internazzjonali; riflessjonijiet dwar kif jistgħu jiġu kondiviżi l-benefiċċji tad-data; u soluzzjonijiet biex jiġu ffaċilitati flussi ta' data sikuri, siguri u affidabbli, inklużi flussi transfruntiera ta' data skont kif ikun rilevanti għall-iżvilupp (l-SDGs kollha).

49. Se nkomplu d-diskussjonijiet fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti, filwaqt li nibnu fuq dawk l-eżiti u nagħrfu l-ħidma kontinwa ta' korpi u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, inkluża l-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, fl-isforzi tagħna biex jinkiseb fehim komuni għall-governanza tad-data fil-livelli kollha, skont kif ikun rilevanti għall-iżvilupp (l-SDGs kollha).

### Objettiv 5. Intejbu l-governanza internazzjonali tal-intelliġenza artifiċjali għall-benefiċċju tal-umanità

50. Nagħrfu l-ħtieġa ta' approċċ ibbilanċjat, inklużiv u bbażat fuq ir-riskju fil-governanza tal-intelliġenza artifiċjali (IA), b'rappreżentanza sħiħa u ugwali tal-pajjiżi kollha, speċjalment il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u l-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-partijiet kollha kkonċernati.

51. Nagħrfu l-isforzi kontinwi li qed isiru fil-livelli internazzjonali, reġjonali, nazzjonali u minn diversi partijiet ikkonċernati immirati lejn il-promozzjoni ta' sistemi tal-intelliġenza artifiċjali sikuri, siguri u affidabbli. Jeħtieġ li nivvalutaw u nindirizzaw mill-aktar fis l-impatt, l-opportunitajiet u r-riskji potenzjali tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali fuq l-iżvilupp sostenibbli u l-benesseri u d-drittijiet tal-individwi. Jeħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni internazzjonali favur il-koordinazzjoni u l-kompatibbiltà tal-oqfsa ta' governanza tal-intelliġenza artifiċjali li qed jiġu żviluppati.

52. Impenjati li nippromwovu approċċi ekwi u inklużivi biex nutilizzaw bl-aħjar mod il-benefiċċji tal-intelliġenza artifiċjali u nimmitigaw ir-riskji f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li nqisu strumenti rilevanti oħra, bħar-Rakkomandazzjoni dwar l-Etika tal-Intelliġenza Artifiċjali mill-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura.[22]

53. Nagħrfu l-potenzjal enormi li għandhom is-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali biex jaċċeleraw il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli kollha. Se nirregolaw l-intelliġenza artifiċjali fl-interess pubbliku u niżguraw li l-intelliġenza artifiċjali tkun applikata b'mod li tinkludi kulturi u lingwi differenti u tappoġġja d-data ġġenerata lokalment għall-benefiċċju tal-iżvilupp tal-pajjiżi u tal-komunitajiet. Dan jinkludi, b'mod partikolari, il-kooperazzjoni internazzjonali biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu megħjuna huma u jibnu l-kapaċitajiet tal-intelliġenza artifiċjali, kif ukoll l-isforzi biex jiġu indirizzati l-impatti negattivi potenzjali tat-teknoloġiji diġitali emerġenti fuq ix-xogħol, l-impjiegi u l-ambjent.

54. Fil-fehma tagħna, il-governanza internazzjonali tal-intelliġenza artifiċjali teħtieġ li l-partijiet ikkonċernati jadottaw approċċ aġli, multidixxiplinari u adattabbli. Nagħrfu li n-Nazzjonijiet Uniti għandhom rwol importanti fit-tiswir, l-implimentazzjoni u l-appoġġ ta' din il-governanza.

55. Dan il-Patt joffrilna l-opportunità unika li nippromwovu l-governanza internazzjonali tal-intelliġenza artifiċjali filwaqt li nikkomplementaw l-isforzi internazzjonali, reġjonali, nazzjonali u ta' diversi partijiet ikkonċernati f'dan ir-rigward. Aħna se:

(a) Nivvalutaw l-implikazzjonijiet u d-direzzjonijiet futuri tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali u nippromwovu l-fehim xjentifiku (l-SDGs kollha);

(b) Nappoġġjaw l-interoperabbiltà u l-kompatibbiltà tal-approċċi ta' governanza tal-intelliġenza artifiċjali billi naqsmu l-aħjar prattiki u l-promozzjoni ta' fehim komuni (l-SDGs kollha);

(c) Ngħinu fil-bini tal-kapaċitajiet, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex ikunu jistgħu jaċċessaw, jiżviluppaw, jużaw, jirregolaw u jidderieġu s-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali lejn l-iżvilupp sostenibbli (l-SDGs kollha);

(d) Nippromwovu t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u s-sorveljanza rigoruża mill-bniedem tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali f'konformità mad-dritt internazzjonali (l-SDGs kollha).

[22] L-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura, *Rekords tal-Konferenza Ġenerali, il-wieħed u erbgħin sessjoni, Pariġi, 9–24 ta' Novembru 2021*, volum 1, *Riżoluzzjonijiet*, anness VII.

56. Għalhekk impenjati li:

(a) Nistabbilixxu, fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti, Bord Xjentifiku Internazzjonali Indipendenti multidixxiplinari dwar l-IA b'rappreżentanza ġeografika bbilanċjata biex jippromwovi l-fehim xjentifiku permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt, tar-riskji u tal-opportunitajiet ibbażati fuq l-evidenza, filwaqt li jibni fuq l-inizjattivi nazzjonali, reġjonali u internazzjonali eżistenti bħala bażi (l-SDG 17);

(b) Inniedu, fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti, Djalogu Globali dwar il-Governanza tal-IA li jinvolvi lill-Gvernijiet u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha li jsir fil-marġini tal-konferenzi u tal-laqgħat rilevanti u eżistenti tan-Nazzjonijiet Uniti (l-SDG 17).

57. Għalhekk nitolbu lill-President tal-Assemblea Ġenerali jaħtar, fid-disgħa u sebgħin sessjoni tal-Assemblea Ġenerali, żewġ kofaċilitaturi, wieħed minn pajjiż żviluppat u ieħor minn pajjiż li qed jiżviluppa, biex jidentifikaw, permezz ta' proċess intergovernattiv u b'konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, it-termini ta' referenza u l-modalitajiet għall-istabbiliment u l-funzjonament tal-Bord Xjentifiku Internazzjonali Indipendenti dwar l-IA u d-Djalogu Globali dwar il-Governanza tal-IA bil-ħsieb li jiġu adottati mill-Assemblea Ġenerali.

58. Nistiednu lill-organizzazzjonijiet għall-iżvilupp tal-istandards jikkollaboraw biex jippromwovu l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' standards interoperabbli tal-intelliġenza artifiċjali li jirrispettaw is-sikurezza, l-affidabbiltà, is-sostenibbiltà u d-drittijiet tal-bniedem (l-SDGs 3, 5, 7, 9, 10, 12, 16 u 17).

59. Se nippromwovu sistemi tal-intelliġenza artifiċjali sikuri, siguri u affidabbli li javvanzaw, jipproteġu u jippreservaw id-diversità kulturali u lingwistika u jqisu l-multilingwiżmu matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' dawn is-sistemi (l-SDGs 10 u 16).

60. Ninkoraġġixxu li jiġu ffurmati sħubijiet internazzjonali dwar il-bini tal-kapaċitajiet tal-intelliġenza artifiċjali biex jiġu żviluppati programmi ta' edukazzjoni u taħriġ, jiżdied l-aċċess għar-riżorsi inkluż mudelli u sistemi miftuħa tal-intelliġenza artifiċjali, komputazzjoni u data ta' taħriġ miftuħa, jiġi ffaċilitat l-iżvilupp kif ukoll it-taħriġ tal-mudelli tal-intelliġenza artifiċjali, u biex tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju fl-ekonomija diġitali (l-SDGs 4 u 17).

61. Se nisfruttaw il-mekkaniżmi eżistenti tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' diversi partijiet ikkonċernati biex nappoġġjaw il-bini tal-kapaċitajiet tal-intelliġenza artifiċjali għall-fini li nagħlqu d-distakk fl-intelliġenza artifiċjali, niffaċilitaw l-aċċess għall-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali u nibnu l-kapaċitajiet fil-computing ta' prestazzjoni għolja u l-ħiliet relatati fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (l-SDGs kollha).

62. Se nippromwovu l-kooperazzjoni Tramuntana-Nofsinhar, il-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u dik triangolari biex nappoġġjaw l-iżvilupp ta' settijiet ta' data rappreżentattivi li jkunu ta' kwalità għolja, riżorsi tal-computing affordabbli, soluzzjonijiet lokali li jirriflettu d-diversità kulturali u lingwistika u ekosistemi intraprenditorjali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (l-SDGs 4, 9, 10 u 17).

63. Nenfasizzaw l-importanza li jiżdied l-investiment, b'mod partikolari mis-settur privat u mill-filantropija, biex il-bini tal-kapaċitajiet tal-intelliġenza artifiċjali jkompli jespandi favur l-iżvilupp sostenibbli. Nitolbu lis-Segretarju Ġenerali jiżviluppa, f'konsultazzjoni ma' kontributuri potenzjali u mas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, għażliet ta' finanzjament

volontarji u innovattivi biex jinbnew il-kapaċitajiet tal-intelliġenza artifiċjali li jqisu r-rakkomandazzjonijiet dwar il-Fond Globali dwar l-IA mill-Korp Konsultattiv ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u li jikkomplementaw il-mekkaniżmi ta' finanzjament rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti, u jippreżentahom biex dawn jitqiesu mill-Assemblea Ġenerali fid-disgħa u sebgħin sessjoni.

### Segwitu u rieżami

64. Se nimplimentaw il-Patt Diġitali Globali, fil-pajjiżi tagħna u fil-livelli reġjonali u globali, filwaqt li nqisu r-realtajiet, il-kapaċitajiet u l-livelli ta' żvilupp nazzjonali differenti ta' kull pajjiż, u nirrispettaw il-politiki u l-prijoritajiet nazzjonali tagħhom, kif ukoll l-oqfsa legali applikabbli.

65. L-innovazzjonijiet u l-kontributi għad-diġitalizzazzjoni tas-settur privat, il-komunitajiet tekniċi u akkademiċi u s-soċjetà ċivili huma fundamentali u insostitwibbli biex l-isforzi attwali jagħtu l-frott. Se nsaħħu l-kollaborazzjoni tagħna u nisfruttaw il-kooperazzjoni bejn id-diversi partijiet ikkonċernati biex nilħqu l-objettivi stabbiliti f'dan il-Patt.

66. Nistiednu lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, lis-settur privat, lill-akkademja, lill-komunità teknika u lill-gruppi tas-soċjetà ċivili japprovaw il-Patt u jipparteċipaw b'mod attiv fl-implimentazzjoni u s-segwitu tiegħu. Nitolbu lis-Segretarju Ġenerali jistabbilixxi modalitajiet għall-aderenza volontarja ma' dan il-Patt u jagħmel din l-informazzjoni pubblika u aċċessibbli minn Diċembru 2024.

67. Nagħrfu l-importanza tal-finanzjament biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ta' dan il-Patt. Biex l-implimentazzjoni tkun ta' suċċess, din tirrikjedi l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi pubbliċi, privati u multilaterali, inkluż il-ġbir flimkien ta' investimenti fi strumenti komuni u mħallta biex jinkiseb impatt fuq skala kbira, inkluż permezz ta' mekkaniżmi tan-Nazzjonijiet Uniti bħat-Tieqa Diġitali tal-Fond Konġunt għall-SDGs u l-faċilitajiet offruti minn banek multilaterali tal-iżvilupp. Nistiednu lill-Gvernijiet jagħmlu l-appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali parti integrali mill-għajnuna għall-iżvilupp, inkluż billi jallokaw aktar riżorsi għal inizjattivi diġitali u tad-data. Nistiednu lis-settur privat u lill-atturi filantropiċi jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Patt.

68. Se nużaw il-proċessi u l-fora maħluqa wara s-Summit Dinji dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni, b'mod partikolari l-Forum ta' Governanza tal-Internet u l-inizjattivi nazzjonali u reġjonali tiegħu, kif ukoll il-Forum tad-WSIS, biex inkomplu naħdmu lejn l-implimentazzjoni ta' dan il-Patt. Nistennew bil-ħerqa r-rieżami tad-WSIS+20 fl-2025 u nistidnuh jidentifika kif dawn il-proċessi u l-fora jistgħu jgħinu lill-partijiet ikkonċernati kollha jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Patt.

69. Nagħrfu l-kontribut tal-entitajiet, l-aġenziji, il-fondi u l-programmi kollha tan-Nazzjonijiet Uniti fl-avvanz tal-kooperazzjoni diġitali, inklużi iżda mhux biss, l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni, il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp, il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura, u nistiednu kemm lilhom u kif ukoll lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti jappoġġjaw, fil-mandati eżistenti tagħhom, l-implimentazzjoni ta' dan il-Patt. Nagħrfu r-rwol tal-kummissjonijiet ekonomiċi reġjonali tan-Nazzjonijiet Uniti u tat-timijiet tal-pajjiżi tan-Nazzjonijiet Uniti fl-appoġġ lill-partijiet ikkonċernati fil-livell reġjonali u dak nazzjonali biex tinkiseb it-trasformazzjoni diġitali.

70. Nagħrfu r-rwol tal-Kummissjoni dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija għall-Iżvilupp fir-rieżami tas-segwitu rigward l-implimentazzjoni tal-eżiti tas-Summit Dinji dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni u nitolbuha tqis kif tista' tikkontribwixxi aktar għall-implimentazzjoni tal-Patt.

71. Biex ikun jista' jiġi segwit il-progress, nitolbu lis-Segretarju Ġenerali jipprovdi mappa tal-implimentazzjoni tal-Patt biex tiġi meqjusa mill-Gvernijiet u partijiet ikkonċernati oħra, li tkun tirrifletti l-kontributi tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra, u biex jirriflettiha fir-rapport tiegħu dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni u s-segwitu tal-eżiti tas-Summit Dinji dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni fil-livelli reġjonali u internazzjonali, qabel ir-rieżami tad-WSIS+20.

72. Nagħrfu li biex in-Nazzjonijiet Uniti jkunu jistgħu jimmaterjalizzaw il-pjattaforma inklużiva għall-kooperazzjoni diġitali stabbilita f'dan il-Patt, jeħtieġ li tissaħħaħ aktar il-koordinazzjoni fi ħdan is-sistema kollha. Għal dan il-għan, nitolbu lis-Segretarju Ġenerali biex, wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri, iressaq proposta waqt id-disgħa u sebgħin sessjoni tal-Assemblea Ġenerali biex jiġi stabbilit uffiċċju li jiffaċilita l-koordinazzjoni fis-sistema kollha, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-mekkaniżmi eżistenti, u li jkompli jibni fuq u jinkorpora l-attivitajiet u r-riżorsi tal-Uffiċċju tal-Mibgħut għat-Teknoloġija tas-Segretarju Ġenerali. Din il-proposta għandha tinkludi informazzjoni dettaljata dwar l-istruttura, il-post, il-mandat, ir-riżorsi, il-persunal u l-funzjonijiet operazzjonali.

73. Nagħrfu r-rwol tal-forum politiku ta' livell għoli dwar l-iżvilupp sostenibbli u dak tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali fir-rieżami tal-progress li sar mill-Patt biex jiġu eliminati d-distakki diġitali u biex naċċeleraw il-kisba tal-Aġenda 2030. Nagħrfu r-rwol tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, fi ħdan il-mandat eżistenti tiegħu, fit-trawwim ta' spazju diġitali inklużiv, miftuħ, sikur u sigur għal kulħadd.

74. In-natura trażversali tat-teknoloġiji diġitali u l-multipliċità tal-atturi involuti fil-kooperazzjoni diġitali jeħtieġu sinerġiji u monitoraġġ armonizzat. Aħna impenjati li nirrieżaminaw l-implimentazzjoni tal-Patt biex nivvalutaw il-progress meta mqabbel mal-objettivi tiegħu, u nidentifikaw opportunitajiet u sfidi emerġenti għall-kooperazzjoni diġitali globali. Iddeċidejna li nsejħu laqgħa ta' livell għoli intitolata "Rieżami ta' livell għoli tal-Patt Diġitali Globali", li fiha se jiġi meqjus rapport ta' progress tas-Segretarju Ġenerali u li se tilqa' l-kontribut u l-parteċipazzjoni sinifikattiva tal-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-Kummissjoni dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija għall-Iżvilupp, il-Forum ta' Governanza tal-Internet u l-faċilitaturi tal-linja ta' azzjoni tas-Summit Dinji dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni. Nitolbu lill-President tal-Assemblea Ġenerali jaħtar, fil-wieħed u tmenin sessjoni, żewġ kofaċilitaturi, wieħed minn pajjiż li qed jiżviluppa u wieħed minn pajjiż żviluppat, biex jiffaċilitaw konsultazzjonijiet intergovernattivi miftuħa, trasparenti u inklużivi biex jiġu ddeterminati l-modalitajiet tal-laqgħa ta' livell għoli.

## Anness II
## Dikjarazzjoni dwar il-Ġenerazzjonijiet Futuri

## Preambolu

Aħna, il-Kapijiet ta’ Stat u ta’ Gvern u r-rappreżentanti għoljin, wara li ltqajna fis-Summit tal-Futur fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-22 u t-23 ta’ Settembru 2024,

Filwaqt li naffermaw mill-ġdid l-impenji tagħna favur il-finijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem[23], kif ukoll l-obbligi rispettivi tagħna skont id-dritt internazzjonali,

Filwaqt li naffermaw mill-ġdid ukoll l-impenji tagħna favur l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli[24], inkluża d-dikjarazzjoni politika tas-Summit dwar l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tal-2023[25], u l-wegħda tagħna lill-ġenerazzjonijiet futuri kif stabbilit, fost l-oħrajn, fid-Dikjarazzjoni ta’ Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp[26],

Filwaqt li konxji mill-fatt li l-ġenerazzjonijiet futuri huma l-ġenerazzjonijiet kollha li għadhom ma jeżistux, u li xi darba se jirtu din il-pjaneta,

Filwaqt li nosservaw li ħafna sistemi legali nazzjonali eżistenti, kif ukoll xi kulturi u reliġjonijiet, jaspiraw li jissalvagwardjaw il-ħtiġijiet u l-interessi tal-ġenerazzjonijiet futuri u jippromwovu l-ekwità, il-ġustizzja u s-solidarjetà interġenerazzjonali,

Filwaqt li nagħrfu li d-deċiżjonijiet, l-azzjoni u n-nuqqas ta’ azzjoni tal-ġenerazzjonijiet attwali għandhom effett multiplikatur interġenerazzjonali, u għalhekk huwa determinati li niżguraw li l-ġenerazzjonijiet attwali jaġixxu b’mod responsabbli biex jissalvagwardjaw il-ħtiġijiet u l-interessi tal-ġenerazzjonijiet futuri,

Filwaqt li nirrikonoxxu li jeħtieġ li nitgħallmu mill-kisbiet u min-nuqqasijiet tal-passat u mill-konsegwenzi tagħhom, sabiex niksbu dinja aktar sostenibbli, ġusta u ekwa għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri, u nifhmu li l-passat, il-preżent u l-futur huma interkonnessi,

Filwaqt li nagħrfu li t-tfal u ż-żgħażagħ huma aġenti tal-bidla u li r-relazzjonijiet u d-djalogu interġenerazzjonali, inkluż mat-tfal, iż-żgħażagħ u l-anzjani u bejniethom, iridu jitqiesu fit-tfassil tal-politika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna biex jiġu ssalvagwardjati l-ħtiġijiet u l-interessi tal-ġenerazzjonijiet futuri,

Filwaqt li nirrikonoxxu li l-aktar mod effettiv biex nissalvagwardjaw il-ħtiġijiet u l-interessi tal-ġenerazzjonijiet futuri huwa li ninvestu f’pedament sod għas-sigurtà u l-paċi internazzjonali dejjiema, l-iżvilupp sostenibbli, il-promozzjoni tar-rispett universali għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għal kulħadd, u d-difiża tal-istat tad-dritt,

Filwaqt li nagħrfu l-opportunitajiet, l-isfidi u r-riskji kumplessi u interrelatati li qed jiffaċċjaw il-ġenerazzjonijiet attwali, kif ukoll l-implikazzjonijiet tax-xejriet demografiċi globali previsti,

---

[23] Riżoluzzjoni 217 A (III).

[24] Riżoluzzjoni 70/1.

[25] Riżoluzzjoni 78/1, anness.

[26] *Report of the United Nations Conference on Environment and Development (Rapport tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp), Rio de Janeiro, 3 14 ta’ Ġunju 1992*, volum I, *Riżoluzzjonijiet Adottati mill-Konferenza* (pubblikazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, Numru tal-bejgħ E.93.I.8 u r-rettifika), riżoluzzjoni 1, anness I.

Filwaqt li ntennu l-impenn tagħna li nibnu sistema multilaterali aktar b'saħħitha, effettiva u reżiljenti bbażata fuq id-dritt internazzjonali, bin-Nazzjonijiet Uniti fiċ-ċentru tagħha, u li tkun ibbażata fuq it-trasparenza u l-fiduċja, għall-benefiċċju tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri,

Niddikjaraw dan li ġej:

### Prinċipji gwida

Sabiex nużaw b'mod għaqli l-opportunità tal-ġenerazzjonijiet attwali u nħallu futur aħjar għall-ġenerazzjonijiet futuri, kif ukoll biex inwettqu l-impenn li nissodisfaw id-domandi tal-preżent filwaqt li nqisu l-ħtiġijiet u l-interessi tal-ġenerazzjonijiet futuri, b'mod li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, se nosservaw il-prinċipji gwida li ġejjin:

1. Jeħtieġ li nippromwovu ż-żamma tas-sigurtà u l-paċi internazzjonali, u r-rispett sħiħ għad-dritt internazzjonali, f'konformità mal-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

2. Jeħtieġ li nirrispettaw, nipproteġu u nippromwovu, mingħajr distinzjoni jew diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip, il-kisba u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għal kulħadd, inklużi d-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali, inkluż ukoll id-dritt għall-iżvilupp.

3. Jeħtieġ li niżguraw li l-ġenerazzjonijiet futuri jkollhom l-opportunità li jirnexxu u jiksbu żvilupp sostenibbli, bl-eliminazzjoni tat-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar u l-ġuħ, l-inugwaljanza u l-inġustizzja, u nirrikonoxxu l-isfidi speċjali li jiffaċċjaw l-aktar pajjiżi vulnerabbli, b'mod partikolari l-pajjiżi Afrikani, il-pajjiżi l-anqas żviluppati, il-pajjiżi mingħajr kosta li qed jiżviluppaw u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw.

4. Jeħtieġ li nippromwovu s-solidarjetà u d-djalogu bejn il-ġenerazzjonijiet kif ukoll il-koeżjoni soċjali hekk kif dawn huma parti indispensabbli mill-pedament li fuqu tinbena l-prosperità tal-ġenerazzjonijiet futuri u, f'dan ir-rigward, irid jiġi rikonoxxut ir-rwol tal-familja u tal-politiki favur il-familja u orjentati lejn il-familja fl-iżvilupp sostenibbli.

5. Jeħtieġ li noħolqu u nżommu ambjent nadif, b'saħħtu u sostenibbli, fejn l-umanità tgħix f'armonija man-natura billi nindirizzaw b'mod urġenti l-kawżi u l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u billi nżidu l-azzjoni kollettiva favur il-protezzjoni tal-ambjent.

6. Hemm bżonn li nippromwovu l-użu responsabbli u etiku tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, skont il-prinċipji tal-ġustizzja u s-solidarjetà, biex noħolqu klima miftuħa, ġusta u inklużiva li tappoġġja l-innovazzjonijiet xjentifiċi u tekniċi u l-kooperazzjoni diġitali, filwaqt li nagħlqu d-distakki fix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, inklużi d-distakki diġitali, fi ħdan u bejn il-pajjiżi.

7. Ir-rekwiżiti neċessarji għal futur sostenibbli huma l-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha, u l-abbiltà li jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, mingħajr diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip.

8. Il-parteċipazzjoni sħiħa u ugwali fis-soċjetà tal-persuni b'diżabbiltà mill-ġenerazzjonijiet attwali u futuri, inkluża l-possibbiltà li jkunu involuti b'mod attiv fit-teħid tad-deċiżjonijiet, hija indispensabbli biex niżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

9. Għal futur sostenibbli u prosperu, jeħtieġ li neliminaw ir-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata, u niksbu wkoll l-ugwaljanza razzjali u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-persuni kollha.

10. Sistema multilaterali inklużiva, trasparenti u effettiva hija essenzjali biex jissaħħu s-solidarjetà u l-kooperazzjoni internazzjonali, terġa' tinkiseb il-fiduċja u tinħoloq dinja sikura, ġusta u sostenibbli fejn id-dinjità tal-bniedem hija garantita.

### Impenji

Abbażi ta' dawn il-prinċipji, aħna impenjati li:

11. Nippromwovu l-istabbiltà, il-paċi u s-sigurtà internazzjonali billi jiġu solvuti l-kunflitti u l-kriżijiet b'mezzi paċifiċi.

12. Nindokraw soċjetajiet paċifiċi, inklużivi u ġusti, filwaqt li nqisu l-inugwaljanzi fi ħdan u bejn il-pajjiżi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

13. Nimplimentaw politiki u programmi biex niksbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha, neliminaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza, fastidju u abbuż kontra n-nisa u l-bniet, inkluża l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, u niżguraw il-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikattiva tan-nisa kif ukoll opportunitajiet indaqs għat-tmexxija fil-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, fl-isferi kollha tas-soċjetà.

14. Neliminaw l-inugwaljanzi storiċi u strutturali li għadhom jippersistu, inkluż billi nirrikonoxxu, nindirizzaw u nieħdu miżuri effettivi bħala rimedju għat-traġedji tal-passat u l-konsegwenzi tagħhom, u neliminaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni.

15. Nonoraw, nippromwovu u nissalvagwardjaw id-diversità kulturali u l-wirt kulturali, kif ukoll il-lingwi, is-sistemi ta' għarfien u t-tradizzjonijiet, u nrawmu djalogu interkulturali u interreliġjuż, b'mod partikolari billi ninkoraġġixxu l-kooperazzjoni internazzjonali msaħħa biex jiġu rritornati jew restitwiti oġġetti kulturali ta' valur spiritwali, ansestrali, storiku u kulturali lura lill-pajjiżi tal-oriġini, kemm jekk ikunu opri tal-arti, monumenti, oġġetti li jixirqilhom ikunu f'mużew, manuskritti u dokumenti, u nħeġġu lill-entitajiet privati jagħmlu l-istess, inkluż permezz ta' djalogu bilaterali u bl-għajnuna ta' mekkaniżmi multilaterali, skont kif ikun xieraq.

16. Inqisu, nirrispettaw, nippromwovu u nipproteġu d-drittijiet tal-Popli Indiġeni u t-territorji, l-artijiet u l-ekosistemi tagħhom, filwaqt li nippreservaw it-tradizzjonijiet, it-twemmin spiritwali u l-għarfien tal-antenati tagħhom, u nsaħħu l-istituzzjonijiet politiċi, legali, ekonomiċi, soċjali u kulturali distinti tagħhom, filwaqt li jżommu d-dritt li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja politika, ekonomika, soċjali u kulturali tal-Istat, jekk jagħżlu li jagħmlu dan; u niggarantixxu d-dritt li jipparteċipaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet li jistgħu jaffettwaw id-drittijiet tagħhom, skont il-liġi applikabbli u f'konformità mal-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.

17. Nimplimentaw strateġiji komprensivi u mmirati biex jinkisbu t-tkabbir ekonomiku inklużiv u l-iżvilupp sostenibbli, is-sigurtà tal-ikel u l-qerda tal-faqar fil-forom u d-dimensjonijiet kollha tiegħu, inkluż il-faqar estrem, u biex tiġi miġġielda l-femminizzazzjoni tal-faqar, biex nissodisfaw il-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet attwali, niksbu reżiljenza globali u nibnu pedament aktar prosperu għall-ġenerazzjonijiet futuri.

18. Nieħdu azzjoni urġenti biex nindirizzaw l-isfidi ambjentali kritiċi u nimplimentaw miżuri biex innaqqsu r-riskju ta' diżastri u nsaħħu r-reżiljenza, inreġġgħu lura d-degradazzjoni tal-ekosistema u niksbu ambjent nadif, b'saħħtu u sostenibbli; u naffermaw mill-ġdid l-importanza li tittieħed azzjoni mill-aktar fis biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u l-effetti negattivi li dan iġib miegħu, f'konformità mal-prinċipju ta' responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u mal-kapaċitajiet rispettivi, fid-dawl tal-kuntesti nazzjonali differenti, filwaqt li ninnotaw l-importanza, għal xi wħud, tal-kunċett ta' "ġustizzja klimatika".

19. Nutilizzaw il-benefiċċji ta' teknoloġiji eżistenti, ġodda u emerġenti u nimmitigaw ir-riskji assoċjati permezz ta' governanza effettiva, inklużiva u ekwa fil-livelli kollha, billi nkomplu nżidu l-kollaborazzjoni u nagħlqu d-distakki diġitali fi ħdan u bejn il-pajjiżi żviluppati u dawk li qed jiżviluppaw, inżidu l-isforzi tal-bini tal-kapaċitajiet fix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, u nippromwovu t-trasferiment tat-teknoloġija skont termini maqbula b'mod reċiproku.

20. Insaħħu l-kooperazzjoni bejn l-Istati billi naraw kif jiġu indirizzati x-xejriet u r-realtajiet demografiċi, bħat-tkabbir rapidu tal-popolazzjoni, it-tnaqqis fir-rati tat-twelid u l-popolazzjonijiet li qed jixjieħu, kif ukoll billi nindirizzaw ir-rabtiet bejn il-kwistjonijiet dwar il-popolazzjoni u l-iżvilupp fir-reġjuni kollha, filwaqt li nqisu l-ħtiġijiet u l-interessi tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri, inklużi t-tfal u ż-żgħażagħ, u nqisu wkoll il-kontributi sostanzjali tal-persuni akbar fl-età għall-isforzi favur l-iżvilupp sostenibbli.

21. Insaħħu l-kooperazzjoni bejn l-Istati biex niżguraw migrazzjoni regolari, sikura u ordnata bejn il-pajjiżi tal-oriġini, tat-tranżitu u tad-destinazzjoni, inkluż billi ntejbu u nvarjaw il-kanali aċċessibbli u flessibbli għall-migrazzjoni regolari, filwaqt li nifhmu l-kontributi pożittivi tal-migranti għat-tkabbir inklużiv u l-iżvilupp sostenibbli.

22. Ninvestu f'edukazzjoni ta' kwalità li tkun aċċessibbli, sikura, inklużiva u ekwa għal kulħadd, inklużi l-edukazzjoni fiżika u l-isport, u nippromwovu opportunitajiet ta' apprendiment tul il-ħajja, it-taħriġ tekniku u vokazzjonali u l-litteriżmu diġitali, li jippermettu l-akkwist u t-trasferiment interġenerazzjonali tal-għarfien u tal-ħiliet biex intejbu l-prospetti tal-ġenerazzjonijiet futuri.

23. Nipproteġu d-dritt li jitgawda l-ogħla standard possibbli ta' saħħa fiżika u mentali, permezz ta' kopertura tas-saħħa universali u sistemi tas-saħħa msaħħa u reżiljenti, kif ukoll l-aċċess ekwu għal mediċini, vaċċini, trattamenti u prodotti oħra tas-saħħa sikuri, affordabbli, effettivi u ta' kwalità, biex niżguraw it-tgawdija ta' ħajja b'saħħitha u nippromwovu l-benesseri għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri.

### Azzjonijiet

Filwaqt li nirrikonoxxu li l-gvernijiet fil-livelli kollha għandhom rwol ewlieni u responsabbiltà primarja, f'konformità mal-oqfsa kostituzzjonali rispettivi tagħhom, li jqisu l-ħtiġijiet u jissalvagwardjaw l-interessi tal-ġenerazzjonijiet futuri, se nieħdu l-passi li ġejjin biex nimplimentaw, nistituzzjonalizzaw u nimmonitorjaw l-impenji msemmija hawn fuq fil-politiki nazzjonali, reġjonali u globali:

24. Nisfruttaw ix-xjenza, id-data, l-istatistika u l-prospettiva strateġika għal ippjanar u riflessjoni fit-tul, niżviluppaw u nadottaw prattiki sostenibbli u nwettqu r-riformi istituzzjonali meħtieġa biex niżguraw teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza, filwaqt li niżguraw li l-governanza

tkun aktar dinamika, flessibbli u reattiva għall-opportunitajiet, ir-riskji u l-isfidi futuri.

25. Niżguraw aċċess inklużiv u ekwu għall-għarfien, ix-xjenza u l-informazzjoni, filwaqt li nippromwovu l-innovazzjoni, il-ħsieb kritiku u l-ħiliet għall-ħajja, biex noħolqu ġenerazzjonijiet ta' ċittadini li huma aġenti ta' trasformazzjoni u bidla pożittiva.

26. Insaħħu s-sistemi ta' kontabbiltà nazzjonali u globali tagħna, inkluż billi nippromwovu l-użu ta' valutazzjonijiet tal-impatt li jħarsu 'l quddiem u li jkunu bbażati fuq l-evidenza, niżviluppaw analiżijiet tar-riskju antiċipatorji aktar b'saħħithom u ninkoraġġixxu l-użu ta' sett ta' kriterji biex jitkejjel il-progress lejn l-iżvilupp sostenibbli li jikkomplementaw u jmorru lil hinn mill-prodott domestiku gross.

27. Ninvestu fil-kapaċitajiet biex inħejju ruħna u nirreaġixxu aħjar għal xokkijiet, kriżijiet u sfidi globali futuri, u nagħmlu użu minn prospettiva u ppjanar strateġiċi bbażati fuq l-evidenza biex nevitaw u nimmitigaw ir-riskji, filwaqt li niżguraw li dawk l-aktar foqra u vulnerabbli ma jiffaċċjawx spejjeż u piżijiet sproporzjonati fit-tisħiħ tar-reżiljenza, ir-restawr, l-adattament u l-mitigazzjoni.

28. Niżguraw koordinazzjoni li ssir b'approċċ ta' gvern sħiħ, inkluż fil-livelli nazzjonali u lokali, għall-valutazzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki li jqisu l-ħtiġijiet u jissalvagwardjaw l-interessi tal-ġenerazzjonijiet futuri.

29. Insaħħu l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, bħas-soċjetà ċivili, l-akkademja, il-komunità xjentifika u teknoloġika u s-settur privat, u nrawmu sħubijiet interġenerazzjonali, billi nippromwovu approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha, naqsmu l-aħjar prattiki u niżviluppaw ideat innovattivi u li jħarsu 'l quddiem, biex nissalvagwardjaw il-ħtiġijiet u l-interessi tal-ġenerazzjonijiet futuri.

30. Nattrezzaw is-sistema multilaterali, inklużi n-Nazzjonijiet Uniti, bil-mezzi meħtieġa biex tappoġġja lill-Istati, fuq talba tagħhom, fl-isforzi biex jimplimentaw din id-Dikjarazzjoni u biex jintegraw il-ħtiġijiet u l-interessi tal-ġenerazzjonijiet futuri u r-riflessjoni fit-tul fil-proċessi ta' politika, billi nrawmu l-kooperazzjoni u niffaċilitaw aktar l-użu tal-prospettiva u l-ippjanar antiċipatorji, abbażi tax-xjenza, id-data u l-istatistika, u bis-sensibilizzazzjoni u l-għoti ta' pariri dwar l-impatti interġenerazzjonali jew futuri potenzjali tal-politiki u l-programmi.

31. Inrawmu kultura korporattiva fis-sistema kollha tan-Nazzjonijiet Uniti li tkun orjentata lejn il-futur biex niffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u fuq ix-xjenza billi niżviluppaw il-kapaċitajiet, inklużi l-ippjanar antiċipatorju, il-prospettiva u l-litteriżmu tal-futur, u billi nippromwovu b'mod sistematiku l-ħsieb interġenerazzjonali li jħares fit-tul fil-livelli kollha.

32. Filwaqt li nagħrfu r-rwol ta' konsultazzjoni u promozzjoni importanti li n-Nazzjonijiet Uniti għandu jkollhom fir-rigward tal-ġenerazzjonijiet futuri, aħna:

(a) Nieħdu nota tal-proposta tas-Segretarju Ġenerali li jinħatar Mibgħut Speċjali għall-Ġenerazzjonijiet Futuri biex jgħin fl-implimentazzjoni ta' din id-Dikjarazzjoni;

(b) Niddeċiedu li nsejħu laqgħa plenarja ta' livell għoli tal-Assemblea Ġenerali dwar il-ġenerazzjonijiet futuri biex tiġi rieżaminata l-implimentazzjoni ta' din id-Dikjarazzjoni waqt it-tlieta u tmenin sessjoni

tal-Assemblea Ġenerali u biex jiġu pprovduti aġġornamenti tal-miżuri meħuda ħalli jiġu ssalvagwardjati l-ħtiġijiet u l-interessi tal-ġenerazzjonijiet futuri;

(c) Nitolbu lis-Segretarju Ġenerali jippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Dikjarazzjoni biex jiġi eżaminat fil-laqgħa plenarja ta' livell għoli li se ssir fit-tlieta u tmenin sessjoni tal-Assemblea Ġenerali.

President of the General Assembly
79th Session